**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

S.T.O. PRIM IMHALLEF MARK CHETCUTI- PRESIDENT

ONOR. IMHALLEF JOSEPH R. MICALLEF

ONOR. IMHALLEF GIOVANNI M. GRIXTI

Appell Nru. 7/2019/1

**Ir-Repubbblika ta' Malta**

**Vs**

**George Degiorgio**

**Alfred Degiorgio**

***Ommisis***

Seduta tat-22 ta' Settembru, 2021

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-akkuzati George Degiorgio, Alfred Degiorgio u *ommisis* quddiem il-Qorti Kriminali permezz tal-Att ta' Akkuza li jgib in-numru 07/2019 tas-16 ta' Lulju, 2019 bis-segwenti kapi:

**L-Ewwel Kap**: talli nhar is-Sittax (16) t'Ottubru tas-sena Elfejn u Sbatax (2017), f'dawn il-gzejjer u senjatament fil-Bidnija, limiti tal-Mosta, ghall-habta tat-tlieta ta' wara Nofsinhar (15:00hrs), dolozament, bil-hsieb li joqtlu lil Daphne Caruana Galizia jew li jqeghdu l-hajja taghha f'periklu car ikkagunawlha l-mewt;

**It-Tieni Kap**: Kap: talli nhar is-Sittax (16) t'Ottubru tas-sena Elfejn u Sbatax (2017), f'dawn il-gzejjer u senjatament fil-Bidnija, limiti tal-Mosta, ghall-habta tat-tlieta ta' wara Nofsinhar (15:00hrs), dolozament, b'sustanza esplossiva, ghamlu esplozjoni li setghet tqieghed f'perikolu l-hajja ta' haddiehor jew taghmel hsara gravi lil hwejjeg haddiehor, b'dana illi effettivament persuna (is-Sinjura Daphne Caruana Galizia) tilfet hajjitha;

**It-Tielet Kap** : talli nhar is-Sittax (16) t'Ottubru tas-sena Elfejn u Sbatax (2017) u fil-granet, gimghat, u xhur ta' qabel, f'dawn il-gzejjer, ghamlu jew xjentement zammew jew kellhom ghandhom jew taht il-kontroll taghhom xi sustanza espoziva, taht dawk ic-cirkostanzi illi jaghtu ghaliex wiehed ghandu bir-ragun jahseb illi huma ghamluha, zammewha, jew kienet ghandhom ghal hiseb mhux lecitu;

**Ir-Raba Kap**: talli nhar is-Sittax (16) t'Ottubru tas-sena Elfejn u Sbatax (2017) u fil-granet, gimghat, u xhur ta' qabel, f'Malta assocjaw ruhhom ma' xi persuna jew persuni f'Malta jew barra minn Malta bil-ghan li jaghmlu delitt f'Malta li ghalih hemm il-piena ta' prigunerija;

**Il-Hames Kap**: talli nhar is-Sittax (16) t'Ottubru tas-sena Elfejn u Sbatax (2017) u fil-granet, gimghat, u xhur ta' qabel ippromovew, ikkostitwixxew, organizzaw, jew iffinanzjaw

ghaqda bil-hsieb li jitwettqu reati kriminali soggetti ghall-piena ta' prigunerija ghal zmien erba' snin jew aktar;

**Is-Sitt Kap**: talli nhar is-Sittax (16) t'Ottubru tas-sena Elfejn u Sbatax (2017) u fil-granet, gimghat, u xhur ta' qabel waqt li kienu jafu jew kellhom kawza ragonevoli li jissuspettaw dwar l-ghan jew l-attivita' b'mod generali ta' ghaqda stabbilita bil-hsieb li jitwettqu reati kriminali soggetti ghall-piena ta' prigunerija ghal zmien erba' snin jew aktar, ippartecipaw b'mod attiv fl-attivitajiet kriminali tal-ghaqda, inkluzi izda mhux limitati ghall-ghoti ta' informazzjoni jew ta' mezzi materjali jew ir-reklutagg ta' membri godda;

Rat l-eccezzjonijiet preliminari mqanqla minn George Degiorgio, Alfred Degiorgio u *ommisis;*

Rat l-eccezzjonijiet sollevati mill-Avukat Generali;

Rat is-sentenza tal-Qorti Kriminali tat-30 t'Ottubru 2020 li biha cahdet l-eccezzjonijiet kollha imressqa mill-akkuzati kif ukoll l-eccezzjonijiet imqanqla mill-Avukat Generali rigward l-ammissibilita' tal-evidenza indikata mill-akkuzati bil-kawtela hemm infraskritta;

Rat ir-rikors tal-appell tal-akkuzat George Degiorgio kif ukoll dak ta' Alfred Degiorgio, t-tnejn ipprezentati fir-registru ta' din il-Qorti fl-4 ta' Novembru 2020 li bihom talbu lil din il-Qorti joghgobha **thassar, tirrevoka u tannulla** s-sentenza tal-Qorti Kriminali "in kwantu kienu michuda l-eccezzjonijiet moghtija minnhom u in kwantu kien deciz illi ma jistghux jixhdu professjonisti *ex parte* u konsegwentement tilqa' l-eccezzjonijiet moghtija minnhom u

tichad ghal kollox l-eccezzjonijiet imqajma mill-Avukat Generali";

Rat ir-rikors tal-appell ta' *ommisis* ipprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fil-  li bih talab ......

Rat ir-risposta tal-Avukat Generali pprezentata fir-Registru ta' din il-Qorti fil-21 ta' Dicembru, 2020;

Semghet lill-abbli difensur tal-appellanti George Degiorgio u Alfred Degiorgio kif ukoll lill-abbli Deputat Avukat Generali f'isem l-Avukat Generali fl-udjenza tal-4 ta' Mejju, 2021 li fiha ghamlu sottomissjonijiet orali fir-rigward tal-eccezzjonijiet numri .... U fil-bqija rimettew ruhom ghall-atti miktuba;

Rat illi l-appellant *ommisis* irtira l-appell tieghu permezz ta' nota tal- .....;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat:

**PRELIMINARI:**

1. Illi *ommisis* (Vincent Muscat) irtira l-appell tieghu permezz ta' nota li ggib id-data tal- ....... Konsegwentement tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tar-rikors ta' appell ta' *ommisis* u ghalhekk din is-sentenza hija fil-konfront tal-appell imressaq minn George Degiorgio u Alfred Degiorgio;

2. Illi wara l-hrug tal-Att ta' Akkuza, l-akkuzati George Degiorgio u Alfred Degiorgio kienu ressqu l-eccezzjonijiet taghhom quddiem il-Qorti Kriminali permezz ta' noti separati u l-ewwel Qorti qieset illi dawn kienu identici u

ghalhekk ghazlet li titrattahom flimkien fl-ewwel parti tas-sentenza taghha intestata "Eccezzjonijiet ta'l-akkuzati Alfred u George Degiorgio". L-istess akkuzati ma qanqlu l-ebda lment dwar dan u ghalhekk din il-Qorti ser timxi bl-istess mod. Inoltre, minkejja li l-akkuzati ahwa Degiorgio ressqu diversi eccezzjonijiet preliminari, l-ewwel Qorti ghazlet illi titratta uhud minnhom flimkien peress illi kienu jirrigwardaw l-istess mertu. Anke hawn, l-appellanti ma ressqu l-ebda lment dwar dan, (ghajr ghal dak li jirrigwarda t-tielet aggravju kif jirrizulta mill-konsiderazzjonijiet numru ... *et seq*) anzi segwew l-istess metodologija fl-appell taghhom, u ghalhekk jkun opportun li din il-Qorti ssegwi l-istess rassenja tal-ewwel Qorti;

3. Opportunament ukoll tajjeb li jkun senjalat illi l-ewwel Qorti cahdet kull eccezzjoni preliminari sollevata mill-akkuzati appellanti u ghalhekk minn issa 'l quddiem mhux ser ikun aktar indikat li l-ewwel Qorti cahdet l-eccezzjoni jew l-eccezzjonijiet in disamina;

**MERTU:**

**L-ewwel aggravju**:

<u>Eccezzjonijiet numru 1, 2 u 3:</u>

(1) <u>In-nullita' tal-atti tal-kumpilazzjoni precedenti l-att ta' akkuza stante li l-assenjazzjoni lill-Magistrati tal-Qorti Istruttorja wara li dawn rrikuzaw rwiehom saret ai</u>

termini tal-artikolu 11(9) tal-Kaptiolu 12 tal-ligijiet ta' Malta li muhiex applikabbli;

(2) In-nullita' tal-atti tal-kumpilazzjoni precedenti l-atti ta' akkuza stante li l-assenjazzjoni lill-Magistrat tal-Qorti Istruttorja saret ai termini tal-artikolu 11(9) tal-Kapitolu 12 li muhiex applikabbli

(3) In-nullita' tal-att ta' akkuza bhala konsegwenza tal-ewwel u t-tieni eccezzjoni;

4. F'dan il-gravam, l-appellanti jillanjaw li l-ewwel Qorti kienet ghal kollox zbaljata meta cahdet dawn it-tlett eccezzjonijiet ghaliex:

a. l-assenjazzjonijiet tal-Magistrati qatt ma setghu saru fit-termini tal-artikolu 11(9) tal-Kapitolu 12 ghaliex dan ma japplikax ghall-fattispeci kif sehhew matul il-kumpilazzjoni;
b. huma ma eccepewx in-nullita' tal-ordni t'assenjazzjoni izda illi l-ordni saret bis-sahha ta' artikolu tal-ligi li ma japplikax ghall-dak il-kaz;
c. l-assenjazzjoni ghalhekk saret *ultra vires* il-poteri amministrattivi tal-Prim'Imhallef;
d. konsegwentement l-atti tal-kumpilazzjoni huma nulli;
e. l-analogija maghmula mill-ewwel Qorti bejn in-nuqqas ta' kompetenza tal-Qorti Istruttorja bejn dik ta' Malta u Ghawdex mhix relevanti;
f. ma hemm l-ebda raguni ghaliex dak illi proceduralment sar hazin ma jkunx hekk dikjarat;

g. huma kontra r-ragunament li huma qaghdu ghal-gurisdizzjoni tal-Qorti Istruttorja la dabra ma oggezzjonawx dwar l-ordni ta' assenjazzjoni ghaliex fl-Istruttorja ma jistghu jqajjmu l-ebda oggezzjoni;

h. Il-bran citat mis-sentenza Nicholas Ellul v. Kummissarju tal-Pulizija huwa barra minn loku u jaghti lok ghal-percezzjoni li huma prezunti hatja;

5. L-Avukat Generali irreplika li l-aggravju huwa wiehed fieragh ghaliex ghalkemm jikkoncedi illi l-assenjazzjoni kellha ssir fit-termini tas-subinciz (4) u mhux (9) tal-Artikolu 11 tal-Kaptiolu 12 dan ma jistax iwassal ghan-nullita' tal-atti kumpilatorji u l-konsegwenzjali att ta' akkuza ghaliex il-poter tal-Prim'Imhallef f'dan ir-rigward huwa wiehed amministrattiv u mhux gudizzjarju. Inoltre l-Artikolu 597(4) tal-Kapitolu 9 jippreskludi attakk tal-att tal-akkuza minhabba difetti fl-atti tal-kumpilazzjoni ghajr ghall-eccezzjoni hemm imsemmija;

6. Illi kif korrettament ghaddiet in rassenja l-ewwel Qorti u kif abbracjat mill-appellanti odjerni, l-komposizzjoni tal-Qorti Istruttorja kienet soggetta ghal-tibdil minhabba rikuza ta' zewg magistrati in segwitu li lilhom mess is-smiegh tal-kumpilazzjoni. Dwar kull rikuza kienet saret assenjazzjoni gdida b'ordni l-ewwel mill-Agent Prim'Imhallef u sussegwentement mill-Prim'Imhallef. F'dan ir-rigward huwa palezi li f'kull ordni ta' assenjazzjoni kien indikat li kienet qed issir ai termini tas-subartikolu (9) tal-Artikolu 11 tal-Kapitolu 12 tal-ligijiet ta' Malta;

7. Jibda biex jinghad illi l-artikolu 11 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili huwa applikabbli f'kawzi ta' natura kriminali permezz tal-Artikolu 520(1)(a) tal-Kodici Kriminali. Filwaqt illi l-artikolu 11 Kapitolu 12 jirregola l-assenjazzjoni tal-Imhalffin fil-kawzi, l-istess artikolu huwa applikabbli ghall-assenjazzjoni tal-Magistrati bl-Artikolu 15 tal-istess Kapitolu 12. Dan jilqa', *inter alia*, ghal zewg cirkostanzi fejn ikun mehtieg tibdil ta' gudikant waqt is-smiegh ta' kawza, f'ta' l-ewwel fejn ikun hemm astensjoni jew rikuza (Art 11(4) )u fit-tieni lok, b'mod abbrevjat, fejn tinqala' tilwima dwar jekk kawza jew att gudizzjarju iehor ghandhom ikunu assenjati lil imhallef jew iehor (art 11(9) );

8. Illi fiz-zewg ordnijiet ta' assenjazzjoni mertu ta' dan l-aggravju, tnizzel li kienu qed isiru fit-termini tal-Artikolu 11(9) tal-Kapitolu 12 meta huwa palezi illi l-origini ta' kull ordni, ossia r-raguni ghaliex kienet mehtiega l-ordni tal-Prim'Imhallef, f'dan il-kaz mhux il-Prim'Imhallef sottofirmat, kienet ir-rikuza taz-zewg Magistrati u li ghalhekk l-ordni li bih kellha tkun assenjata l-Magistrat li finalment kkonudiciet il-kumpilazzjoni kellha ssir fit-termini tal-artikolu 11(4) tal-Kapitolu 12 u mhux 11(9);

9. It-thaddim tal-poter, ossia l-obbligu f'dan il-kaz, tal-Prim'Imhallef li jassenja kawza quddiem Magistrat iehor wara rikuza huwa wiehed ta' natura amministrattiva u bl-ebda mod ma jista' jitqies bhala qiehed gudizzjarju. Huwa l-artikolu 11 tal-Kapitolu 12 li jipprovdi ghal din l-okkorrenza u senjatament is-subartikolu (4) tieghu. La darba dik is-sitwazzjoni kienet tinkwadra ruhha f'wahda

mill-eventwalitajiet predisposti fl-artikolu 11, l-indikazzjoni tas-subartikolu (9) minflok (4) ma hi ta' ebda konsegwenza. Dan ghaliex fil-qadi ta' dak id-dover, il-Prim'Imhallef ma ghandu l-ebda funzjoni gudizzjarja cirkoskritta bl-obbligu *ab nullitatem* li jindika id-disposizzjoni tal-ligi li tahtha kienet qed issir dik l-ordni. B'analogija ssir referenza ghall-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali li jrid li meta –Qorti tiddeciedi l-kawza minnha mismugha ghandha tghid il-fatti li dwarhom tkun instabet htija, taghti l-piena u tindika l-artikoli tal-ligi li jkun jikkontempla r-reat. Kif kostantement ritenut mill-Qrati taghna, nuqqas ta' osservanza ta' dan il-provvediment jitqies bhala nuqqas ta' formalita' essenzjali li jgib mieghu in-nullita tas-sentenza. Xort'ohra, izda, huwa il-kaz in disamina li ma jirrikjedix tali formalita';

10. Irid jinghad ukoll illi l-ordni tal-Prim'Imhallef hawn kontestata kienet tirrientra fid-doveri tieghu u mhux il-kaz fejn irmedja ghal-sitwazzjoni li mhix kontemplata fil-kodicijiet. Ir-rikuza jew l-astensjoni taz-zewg Magistrati iggib maghha l-obbligu fuq il-Prim'Imhallef li jassenja l-kawza mill-gdid lill-Magistrat iehor kif kontemplat fl-artikolu 11(4). L-appellanti mhumhiex qed jattakkaw il-*modus* ta' dik l-assenjazzjoni, igifieri jekk saritx bil-polza jew *seriatim* minn xi registru;

11. Illi din il-Qorti ma taqbilx mal-htiega li hasset l-ewwel Qorti li ticcita mid-dibattiti parlamentari dwar l-emenda fl-artikolu 11 tal-Kapitolu 12 ghaliex, b'mod partikolari fi kwistjonijiet ta' natura kriminali, hija r-rizultat tal-publikazzjoni tal-att finali li jaghmel bhala ligi u mhux dak

li jidher li riedu jfissru l-membri parlamentari li ppartecipaw fid-dibattitu jew dak li haseb il-ministru jew il-membru li ppilota l-att. Issa jekk il-hsieb wara l-att li jemenda l-Kapitolu 12 kien li jiffacilita' l-assenjazzjoni u jsahhah l-indipendenza tal-gudikatura huwa 'l hinn mill-effett ahhari, igifieri, li l-Prim'Imhallef issa ghandu s-setgha li jassenja mill-gdid l-kawza quddiem Magistrat divers mhux ghal xi raguni tkun li tkun izda minhabba rikuza tieghu jew taghha. Fil-kaz in disamina, l-Magistrati assenjati bis-smiegh tal-kumpilazzjoni rrikuzaw ruhhom ghal wahda mir-ragunijiet msemmija fl-artikolu 734 tal-Kapitolu 12 u kienu sostitwiti bis-sahha ta' wiehed mis-subartikoli tal-artikolu 11 tal-Kapitolu 12. Dik kienet cirkostanza li jilqa' ghaliha l-artikolu 11 tal-Kapitolu 12 u d-decizjoni ta' riassenjazzjoni mill-Prim'Imhallef saret in pjena osservanza ta' dak l-istess Artikolu;

12. L-appellanti jippuntwalizzaw illi l-ewwel Qorti kienet zbaljat meta kkunsidrat jekk l-ordni kienitx nulla o meno ghaliex fl-eccezzjoni taghhom kienu eccepew li l-ordni saret bis-sahha t'artikolu tal-ligi li mhux applikabbli. Bid-dovut rigward, dan l-argument huwa wiehed fieragh ghaliex l-ewwel Qorti ma kellhiex xelta ohra ghajr li tezamina din l-eccezzjoni mill-ottika tal-aspett dwar jekk dik l-ordni kinitx wahda valida jew le *ergo* jekk hix wahda valida jew nulla;

13. Illi tenut li din il-Qorti hija konvinta minn nuqqas ta' difett fl-assenjazzjoni tal-Magistrat fl-Istruttorja mill-Prim'Imhallef konsiderazzjoni dwar ir-ragunamenti l-ohra mressqa mill-appellanti dwar l-analogiji maghmula mill-

ewwel Qorti, n-nuqqas taghhom li jissollevaw l-allegat nuqqas quddiem il-Qorti Istruttorja, d-difikulta' riskontrata minn Qorti biex tiddikjara zbaljata decizjoni tal-Prim'Imhallef u r-referenza ghas-sentenza Nicholas Ellul v. Kummissarju tal-Pulizija tkun inutili u ghalhekk mhix ser tinoltra f'kunsiderazzjonijiet dwarhom.

14. In konkluzjoni dwar dan l-aggravju jinghad illi anke jekk mhux ghar-ragunijiet kollha moghtija mill-ewwel Qorti, l-assenjazzjoni tal-Magistrat fl-Istruttorja kienet wahda valida u konsegwentement ma hemm xejn irregolari kif eccepit fl-ewwel eccezzjoni u l-ebda nullita' fl-atti kumpilatorji u l-konsegwenti Att ta' Akkuza kif eccepit fit-tieni u t-tielet eccezzjoni preliminari tar-akkuzati rikorrenti. Dan l-aggravju ghalhekk qed ikun michud;

**It-Tieni Aggravju**

<u>Eccezzjonijiet numru 4 sa 25 u 104</u>:

15. Illi f'dawn l-eccezzjonijiet l-akkuzati kienu talbu lill-ewwel Qorti tiddikjara inammissibbli u konsegwentement li tordna l-isfilz ta' parti mix-xhieda moghtija mill-Ispettur Keith Arnaud u konsegwentement ukoll kull dokument u prova ohra miksuba in segwitu ta' dawk il-partijiet tad-deposizzjoni tieghu u sommati mill-ewwel Qorti bil-mod segwenti:

<u>L-isfilz ta' diversi siltiet moghtija fix-xhieda tal-Ispettur Keith Arnaud quddiem il-Qorti Istruttorja jew ta' xi</u>

dokumenti minnu esebiti billi l-istess xiehda u dokumenti huma inammissibbli skond il-ligi (Eccezzjonijiet minn numru 4 sa 25 u numru 104).

16. **L-appellanti** jillanjaw illi l-eccezzjoni numru 4 kellha tintlaqa' tenut kont tad-direzzjoni moghtija mill-ewwel Qorti ghaliex l-eccezzjoni kienet tittratta dwar parti mix-xhieda tal-Ispettur Arnaud "*illi ma hija xhieda xejn u ma ghandha x'taqsam xejn ma' dak illi jinstabu akkuzati bih l-esponenti. Jekk tabilhaqq l-Ispettur Keith Arnaud ried jitlob xi protezzjoni huwa ma kellux jaghmel dan waqt ix-xhieda tieghu u wara li gie somministrat lilu l-gurament izda fil-mument – allegatament precedenti – meta sar l-allegat kumment*".

17. **L-Avukat Generali** wiegeb illi l-isfilz minn atti processwali jirrikjedi disposizzjoni specifika tal-ligi li tirrendi tali prova legalment inabmmissibbli. Hija regola ta' procedura kardinali quddiem Qorti Kriminali li kull xhud irid jiddeponi *viva-voce* quddiem il-guri u ghalhekk it-traskrizzjoni tax-xiehda moghtija quddiem l-Istruttorja tista' tintuza biss ghal fini ta' kontroll jew f'kaz ta' mewt jew allontanament tax-xhud minn dawn il-gzejjer. Huwa l-Imhallef togat li waqt il-guri jikkontrolla dak li hu ammissibbli jew rilevanti waqt id-deposizzjoni tax-xhud *viva-voce*. Dan huwa essenzjalment dak li rriteniet l-ewwel Qorti minn fol 10 sa 12 tas-sentenza taghha kif manifest fil-konsiderazzjoni li ser issegwi;

18. Illi fis-sentenza appellata, l-ewwel Qorti stradat id-decizzjoni taghha inizjalment b'ragunament illi jolqot b'mod

komuni l-eccezjonijiet kollha enumerati 4 sa 25 u 104 u sussegwentement ghaddiet biex tezamina u tiddeciedi dwar kull okkorrenza fid-deposizzjoni tal-Ispettur Arnaud lamentat mill-akkuzati. F'dik il-parti li ghalhekk tista' tissejjah preliminari, l-ewwel Qorti osservat illi lmenti konsimili kienu sollevati diversi drabi f'kawzi penali izda li t-traskrizzjoni tax-xhieda ma tkunx imqassma lill-gurati hlief jekk tinqala' l-htiega ghall-fini ta' kontroll u li l-Ispettur Arnaud huwa mistenni li jixhed mill-gdid quddiem il-guri bil-konsegwenza illi l-ilment tal-akkuzati huwa wiehed prematur. Imbaghad huwa l-obbligu tal-Qorti li tispjega lill-gurati l-piz li ghandha tinghata lix-xiehda u r-rilevanza taghhom skond ir-regoli stabbiliti fid-dritt penali dwar l-apprezzament tal-provi. L-istess Qorti rrimarkat illi l-inammissibilita' ta' prova jehtieg li tkun regolata minn disposizzjoni tal-ligi li teskludiha milli tingieb 'l quddiem u ghalhekk mhux ghaliex tkun meqjusa bhala rrilevanti;

19. Din il-Qorti tqis bhala korrett ir-ragunament tal-ewwel Qorti li wara kollox huwa sostenut sia mil-ligi kif ukoll mill-gurisprudenza. Anke hawn, il-Qorti ser timxi bl-istess tqassim li ghazlet l-ewwel Qorti, igifieri li taghmel l-osservazzjonijiet taghha b'mod komuni fuq l-eccezzjonijiet in disamina u tissokta b'ezami individwali fuq kull eccezzjoni. Jinghad *in primis* illi kif invariabilment isir f'kull celebrazzjoni tal-guri, l-Imhallef togat jispjega lill-gurati d-disposizzjonijiet u l-principji tal-ligi li jirregolaw ix-xhieda l-iprem fosthom dik illi tirraviza c-cirkostanza fejn fil-kors tax-xiehda tieghu xhud jghid xi haga li ma kienx sar jafha hu direttament izda tramite persuna ohra. Brevement

rikapitolati l-principji in rigward, bl-artikolu 645 tal-Kodici Kriminali li jirrendi applikabbli l-artikolu 598 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili, ix-xiehda ta' xhud li jghid dak li qallu haddiehor mhix ammissibblli jekk ma tkunx korroborata mid-deposizzjoni ta' min ikun qal hekk. Tajjeb li jkun ribatit ukoll illi "in tema ta' *law of evidence* il-gurisprudenza taghna ssegwi hafa dik Ingliza" (Pulizija vs Mark Zahra – App Krim 532/12 DS 26.4.2017) u din hi riflessa fis-sentenzi kopjuzi tal-Qrati taghna fosthom, u biss *per exemplum* fis-sentenza Repubblika ta' Malta vs John Borg tas-16.01.2013;

20. Issa, din ir-regola abbinata mal-artikolu 646 tal-Kaptiolu 9 li jipprovdi li, bl-eccezzjoni hemm ravvizata, ix-xhieda ghandhom dejjem ikunu ezaminati fil-qorti u viva voce, fil-prattika tissarraf fl-obbligu tal-Imhallef togat li jfisser fi kliem car lill-Imhallfin tal-fatt illi ghad illi xhud ikun qal dak li sar jaf minghand it-terz, jekk it-terz ma jkun ingieb biex jiddeponi u jikkorrobora dak li qal ix-xhud, dik il-parti tax-xiehda tieghu ghandha tkun skartata daqs li kieku qatt ma kienet imlissna. Kif invarjabbilment ukoll jigri f'kull guri, minkejja din ir-regola, l-ufficjal jew ufficjali investigattivi jkunu mill-ewwel xhieda li jiddeponu u ta' spiss jirrakkontaw kif saru jafu b'din u dik l-informazzjoni mill-ufficjali tieghu fuq il-lok tal-incident jew lok rilevanti iehor. U dan mhux b'xi forma ta' eccezzjoni ghall-principju regolatur izda huwa generalment permess mill-Imhallef togat u spjegat lill-gurati illi dak jithalla jsir ghall-fini biss sabiex tinghata spjega ta' dak li jsawwar il-kaz, dejjem **<u>izda</u>** soggett ghar-regola kif fuq esposta;

21. Illi b'mod incidentali, tajjeb li jkun osservat ukoll illi dan kollu solitament jkun spjegat lill-gurati fl-indirizz ahhari tal-Imhallef togat lill-gurati izda, l-Qorti tinnota illi recentement, dan kollu qed ikun spjegat lis-Sinjuri gurati fl-indirizz tal-ftuh tac-celebrazzjoni tal-guri sabiex jkunu mgharrfa b'dawn il-principji u principji ohra qabel ma jisimghu lix-xhieda u mhux granet, xi drabi gimghat, wara jkunu esposti ghas-smiegh ta' deposizzjonijiet fejn xhud jghid dak li jkun qallu haddiehor. Il-Qorti tara din l-emergenti prassi bhala wahda logika u mehtiega ghaliex tista' biss tghin lill-gurati biex jassistu fic-celebrazzjoni tal-guri. Naturalment imbaghad fl-indirizz tal-ahhar tal-Imhallef togat, l-ispjega f'aktar dettall ta' dak il-principju tghin biex ggib kollox flimkien minflok ma tkun enuncjata lill-gurati, kif gia inghad, granet jew gimghat wara d-deposizzjoni tax-xhieda;

22. Maghmula din l-osservazzjoni u minghjar riflessjoni fuq l-ezami tal-eccezzjonijiet partikolari tal-akkuzati, jokkorri issa li dawn ikunu ezaminati *seriatim*:

a. <u>Deposizzjoni tal-Ispettur Keith Arnaud 19.12.2017 fol 167 sa 169 para 3 sa 12 [eccezzjoni numru 4 – aggravju 2 (a)]</u>

i. L-appellanti jilmentaw minn dak li xehed l-Ispettur Arnaud f'din il-parti tad-deposizzjoni tieghu ghaliex ma ghandha ebda relevanza ghall-fatti tal-kaz. F'din il-parti tax-xiehda li hija l-inizzju tad-deposizzjoni tieghu, l-Ispettur Arnaud talab lill-Qorti Istruttorja tordna lill-imputati biex

ma jghaddux kummenti fil-konfront tieghu wara li wiehed minnhom allegatament ghadda xi kummenti *ex admissis* vojta. L-Avukat Generali jikkoncedi illi dak li tkellem dwaru x-xhud ma kellu l-ebda relevanza ghall-fatti tal-kaz. Filwaqt illi dak ritenut fil-paragrafu 20 dwar ix-xiehda *viva voce* tax-xhied huwa ugwalment applikabbli ghal dan l-incident, ma jistax ma jkunx osservat illi l-ilment tal-Ispettur ma kellux jkun registrat bhala parti mid-deposizzjoni tieghu. Kien jispetta lill-Magistrat li qed tippresjedi l-Istruttorja li tissospendi id-deposizzjoni tax-xhud sabiex titratta dik l-allegazzjoni 'l hinn minn dik ix-xiehda u dan bil-prezunta konsapevolezza tal-eventwalita' li dik it-traskrizzjoni tkun moghtija lill-gurati jekk tavvera ruhha wahda mic-cirkostanzi ravvizati fl-artikolu 646 tal-Kapitolu 9. Gara infatti illi minn meta sollevata l-allegazzjoni ssokta dibattitu bejn ix-xhud, l-Avukat difensur tieghu, l-Avukat Generali u l-finali decizjoni tal-Qorti li frankament ma ghandhom l-ebda relevanza ghall-dak li dwaru kienet qed issir il-kompilazzjoni;

ii. In konkluzjoni dwar din l-eccezzjoni, l-Qorti taqbel mad-decide tal-ewwel Qorti li ghalkemm dak depost mix-xhud fil-brani ndikati mill-akkuzati huwa rrelevanti, madanakollu ma jiggustifikax li jkun sfilzat inkluz ukoll it-twissija hemm maghmulha lix-xhud fl-eventwali deposizzjoni tieghu *viva voce*.

b. <u>L-isfilz ta' dik il-parti tad-deposizzjoni tal-Ispettur Keith Arnaud a fol 178 para 2 [eccezzjoni numru 5 – aggravju 2(b)]</u>

i. F'din il-parti tad-deposizzjoni tieghu x-xhud spjega xi jfisser *cell tower* u l-funzjoni tieghu skond kif infurmawh is-socjeta' Vodafone u l-akkuzati eccipew li dan jammonta ghall-*hearsay,* li l-Ispettur ma ghandu l-ebda taghrif jew hila specjali fil-qasam tat-telefonija u li qatt ma kien mahtur bhala espert mill-Qorti ghal dan l-iskop. L-ewwel Qorti cahdet din l-eccezzjoni u d-decizjoni taghha hija radikata mir-regola dwar il-*hearsay* evidence, it-thaddim taghha u fejn din tirrendi jew le xiehda bhala *hearsay* u l-konsegwenzjali taghha;

ii Fl-aggravju taghhom l-appellanti ma jressqu ebda raguni ghar-revoka ta' dik id-decizjoni ghajr li "jinsistu" li l-brani relattivi tax-xiehda ghandhom ikunu sfilzati. Ghalhekk ma jirrizulta xejn gdid minn dak minnhom eccepit. Fir-risposta tieghu l-Avukat Generali isostni illi fir-rigward japplikaw il-principji emergenti mir-regola dwar il-*hearsay evidence* u li dak li kien qed jaghmel ix-xhud kien li jaghti *resume'* ta' dak li rrizulta mill-investigazzjoni kif mgharrfa lilu mill-esperti mahtura;

iii. Illi ghalhekk l-eccezzjoni tal-akkuzati ghandha minn zewg aspetti, l-ewwel ghaliex il-bran in disamina huwa xiehda ta' dak li qal haddiehor u fit-tieni lok ghaliex ix-xhud inniffsu ma kienx espert nominati mill-Qorti f'xi stadju tal-proceduri. Dwar it-tieni aspett, ftit li xejn hemm li jista' jinghad ghaliex ix-xhud ma esprima l-ebda opinjoni teknika. Huwa kien car u kategoriku meta ddikjara "*Hekk konna infurmati mill-inginiera tal-Vodafone u ghaldaqstnat it-Tower*

*tal-Bidnija, kif spjegalwna l-Vodafone ...*" (fol 178). Dan ifisser illi bhala ufficjal investigattiv, ix-xhud kien qed jispjega dak li qalulu l-esperti teknici sabiex imbaghad jispejga l-*iter* investigattiv li jsegwi. Dan ma jfissirx illi dak li qal l-Ispettur Arnaud fil-bran lamentat m'huwiex soggett ghar-regola tal-*hearsay* ghaliex dik ir-regola tapplika xorta wahda kif ser jinghad;

iv. L-ewwel Qorti, wara li indikat l-artikoli 598 u 599 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili, applikabbli bis-sahha tal-artikolu 645 tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta, bhala l-artikoli li jirregolaw ix-xiehda *hearsay* ghaddiet in rassenja sentenzi ta' din il-Qorti u tal-Qorti Kriminali dwar din ir-regola. Certament li l-appellanti ma jistghux iqisu lilhom infushom kontrarji ghal dik ir-rassenja ghaliex l-esposizzjoni legali tal-ewwel Qorti hija wahda inecipibbli u filwaqt illi huma diversi dawk is-sentenzi li jinoltraw fit-tifsira ta' din ir-regola, dik il-parti tas-sentenza citata mill-ewwel Qorti fl-ismijiet Ir-Repubblika ta' Malta vs Mario Azzopardi (App Krim 28 ta' Gunju 2012) timmerita li tkun hawn riprodotta ghaliex tigbor fiha il-qofol tal-regola in disamina. Hemm jinghad hekk:

> **"... ilu ben stabbilit minn din il-Qorti, kif anke rilevat mill-ewwel Qorti fis-sentenza taghha, li mhux kull relazzjoni ta' x'qal haddiehor tikkostitwixxi *hearsay evidence* izda jekk dak rapportat hux *hearsay evidence* jew le jiddependi mill-uzu li wiehed jippretendi li jsir minn dak rakkontat. Jekk dak rakkontat jigi prezentat bhala prova tal-kontenut tieghu allura dak ikun *hearsay evidence* u bhala tali**

**inammissibbli izda jkek dak rakkontat jigi prezentat mhux bhala prova tal-kontenut tieghu izda bhala prova li dak li ntqal verament intqal fic-cirkostanzi ta' data, post u hin li fihom intqal allura dan ma jkunx *hearsay evidence* u huwa ammissibbli ghal certi ghanijiet legali legittimi bhala sabiex tigi kontrollata x-xiehda diretta tax-xhud li l-kliem tieghu ikun qieghed jigi rapportat jew, fic-cirkostanzi idoneji, anke sabiex tigi korroborata xiehda diretta ohra. Huma ghal dawn ir-ragunijiet, kif tajjeb spjegat l-ewwel Qorti, li din it-tip ta' xiehda ma tistax tigi eskluza *a priori* izda d-decizjoni dwar l-opportunita' o meno li tithalla tinghata dik ix-xiehda u titqieghed quddiem il-gurija trid necessarjament tigi rimessa lill-Imhallef togat li jippresjedi l-guri li jkun tenut jaghti d-decizjoni tieghu skond ic-cirkostanzi li fihom jizvolgi l-guri u skont l-esigenzi evidenzjarji u procedurali tal-process..."**

v. Daqstant rilevanti hija s-sentenza Il-Pulizija vs Fabio Schembri (App Krim 1.4.2011) li minnha hu radikat dan il-hsieb, citata mill-Qorti Kriminali fis-sentenza taghha Ir-Repubblika ta' Malta vs Mario Azzopardi tal-24 ta' Ottubru 2011 li ghaddiet in gudikat b'sentenza ta' din il-Qorti tat-28 ta' Gunju 2012 u mhux kif erronjament indikat mill-ewwel Qorti igifieri fil-5 ta' Lulju 2012, fejn kien ritenut hekk:

"**Hu ben stabbilit li waqt li prova *hearsay* ma hix prova tal-kontenut ta' dak li jigi rapportat li ntqal, hi prova li dak rapportat li ntqal fil-fatt intqal fic-**

**cirkostanzi, data, post u hin li ntqal u in kwantu tali hi cirkostanza li mehuda ma' provi u cirkostanza ohra tista' wkoll tikkontribwixxi ghall-apprezzament li taghmel il-Qorti**" ;

vi. Illi r-regola dwar il-*hearsay evidence* jehtieg li tkun ukoll, jekk mhux qabel kollox, vista mill-ottika ta' dak li jigri fil-prattika u fl-assjem tal-process kriminali kollu. Meta xhud jirrakkonta l-verzjoni tieghu u jesprimi haga li qallu haddiehor hemm l-impressjoni zbaljata li jew il-gudikant jew il-magistrat fil-vesti kumpilatorja jaqbzu fuqu u jiddikjaraw l-inammissibilita' ta' dak li jkun qal. Dak li jigri fir-rejalta' hu, bhal fil-kaz odjern, li l-ufficjal prosekutur *qua* xhud, spjega kif gabar l-informazzjoni kollha minghand l-esperti u s-subalterni tieghu u ta stampa tal-investigazzjoni sabiex, bhalma invariabilment jigri fi processi ta' din in-natura, dak li jkun jista' jaqbad art u jifhem il-komplessita' tal-kaz. Issa meta jixhed *viva voce* quddiem il-guri, xhud mhux necessarjament, anzi difficli, jirrakkonta kelma b'kelma u bl-istess sekwenza dak li jkun iddepona quddiem l-Istruttorja. Allura mhux inaspettat li jghid ukoll hwejjeg li jistghu jammontaw ghall-*hearsay*. U hafna drabi ukoll ma tqumx il-kwistjoni sakemm in kontro-ezami l-persuna fuq il-pedana tkun mistoqsija kif saret taf jew ma tafx dak li qalet hi stess jew jekk qalitx hekk ghaliex semghatu minghand terz jew terzi. Xjigri, f'dak il-kaz, iqum chaos shih waqt il-guri?; jkun xolt il-guri?; tintalab sottomissjoni u decizjoni dwar punt ta' ligi fl-assenza tal-gurati? – xejn minn dan. Dak l-"incident" ikun rimess ghall-gudizzju tal-gurati fil-hin tad-deliberazzjoni taghhom **<u>wara</u>** li l-Imhallef, kif obbligat, jkun spjega lill-gurati r-regola tal-*hearsay evidence* u dik

dwar il-valur probatorju sabiex jiddeciedu huma jekk dak li ntqal u li kien maghruf tramite terzi kienx segwit b'xhieda li jikkonfermaw il-kontenut ta' dak li jkun ddepona x-xhud;

vii. Illi ghalhekk id-decide tal-ewwel Qorti li fl-ahhar mill-ahhar huwa l-Imhallef togat li ghandu jaghti dawk id-direzzjonijiet opportuni lill-gurati li f'idejhom titnissel id-decizjoni ahharija. Konsegwentement dan l-aggravju qed ikun michud;

c. Ix-xiehda ta-Ispettur Keith Arnaud waqt l-udjenza tad-19 u l-20 ta' Dicembru, 2017 ghaliex hija ipotetika dwar allegat oggetti mhux ezebiti fl-atti, tammonta ghall-*hearsay*, minn xhud li mhux espert fil-materja u mhux mahtur bhala espert mill-Qorti [eccezzjonijiet numri 6, 7, 8, 24 u 25 – Aggravju 2(c)].

i. **L-appellanti** jikkontendu li l-ewwel Qorti kienet zbaljata meta cahdet dawn l-eccezzjonijiet ghaliex dak illi xehed l-Ispettur Arnaud m'huwiex semplicement *hearsay* izda ghandu mill-ipotetiku bazat fuq kongetturi u spekulazzjonijiet dwar oggetti li mhumhiex esebiti in atti u ghalhekk inammissibbli;

ii. **L-Avukat Generali** jirreplika li ghal dak li jirrigwarda l-ilment tal-appellant li l-Ispettur Arnaud ma setax jixhed dwar apparat ta' telefonija, *cell towers*, *GSM module*, u splussivi, stant li ma ghandux hila jew sengha specjali f'dawn l-oqsma, japplika l-principju tal-*hearsay evidence* u ghalhekk l-ewwel Qorti kienet korretta meta cahdet dawn l-eccezzjonijiet;

iii. Il-brani relattivi mix-xiehda li ghalihom jirreferu l-eccezzjonijiet 6, 7, 8, 24 u 25 huma s-segwenti:

- Fol 182 fejn jirreferi ghal numru [ossia serje ta' numri] li kif infurmati ma kinux IMEI number izda GSM Module jew SIM 900A. [eccezzjoni nurmu 6- Aggravju 2(c)]]
- Fol 184 fejn jghid li instabu bicciet estranei [ta' vettura] li ma kinux jappartjenu ghal Peugot fosthom bicciet tal-plastic. [eccezzjoni numru 7 – Aggravju 2(c)]]
- Fol 184 fejn jghid li n-numru fid-*device* li kien imqabbad mal-isplussiv li kien attiva l-bomba u n-numru li jispicca bl-erba digitali li minnu ntbaghat l-SMS li ta l-"*command biex il-bomba… setghet tisplodi*".[eccezzjoni numru 8 – Aggravju 2(c)]]
- Dokument esebit fl-20 ta' Dicembru, 2017 mmarkat Dok. KA30 a fol 381 u x-xiehda relattiva ghal dan id-dokument a fol 212 fejn l-akkuzati huma deskritti bhala "*user*" ta' certi numri ta' *mobile phone*. [eccezzjoni numru 24 – Aggravju 2(c)].
- Dokument esebit fl-20 ta' Dicembru, 2017 bhala Dok. KA32 a fol 383 u x-xiehda relattiva a fol 212 billi dawn huma ritratti mhumhiex awtentikati u ma kienitx spjegata l-provenjenza taghhom oltre r-ragunijiet moghtija fl-eccezzjoni numru 6. [eccezzjoni numru 25 – Aggravju 2(c)]

iv. Illi fil-kunsiderazzjonijiet taghha dwar dawn l-eccezzjonijiet appena elenkati, l-**ewwel Qorti** rragunat illi l-Ispettur Arnaud ghamila cara waqt id-deposizzjoni tieghu illi din l-informazzjoni kienet inkisbet fil-kors tal-istharrig

tieghu minghand l-esperti mahtura fl-*in genere* u mhux ghaliex huwa xi espert fil-materja tat-telefonija u l-informatika. Ezaminati t-traskrizzjonijiet relattivi mill-atti tal-Istruttorja jirrizulta illi x-xhud invariabilment jispjega li dik l-informazzjoni li dwarha kien qed jixhed kien kisibha mill-esperti nominati u juza l-kliem, per ezemplari, bhal l-esperti *fehemuna li din hija..*(fol 185). Din il-Qorti taqbel mad-decizjoni tal-ewwel istanza illi l-kunsiderazzjonijiet taghha dwar *hearsay evidence* huma ugwalment applikabbli ghal dawn l-eccezzjonijiet u ma ghandha xejn xi zzid in rigward hlief issa li huma ugwalment applikabbli l-kunsiderazzjonjijiet maghmula fil-paragrafi *supra;*

v. Fost l-eccezzjonijiet hekk konsiderati flimkien, izda, hemm dawk numerati 24 u 25 li jirrigwardaw l-esebiti KA30 u KA32. Kif gia indikat *supra,* l-akkuzati issollevaw l-eccezzjoni illi dawn id-dokumenti ghandhom jkunu sfilzati flimkien ma' dik il-parti relattiva tad-deposizzjoni tal-Ispettur Arnaud. Ghalkemm l-ewwel Qorti ma spjegatx in-natura ta' dawn id-dokumenti, tajjeb li jkun senjalat illi dak numru KA 30 (mmarkata mix-xhud bhala KK1) jikkonsisti f'serje ta' numri IMEI u spjega dwar liema *mobile phone* jirreferu. Kwantu ghal Dok KA 32, dan jikkonsisti f'pagna wahda b'erba' ritratti fuqu (u mhux tlieta kif deskritt) li juru bicca apparat li x-xhud jghid li kien stampat sabiex isir uzu minnu fl-interogazzjoni. Ix-xhud spjega li dawk huma ritratti ta' *sample* ta' mudell. Kwantu Dok KA32, l-akkuzati jecipixxu li minn mkien ma tirrizulta l-provi li huma *users* ta' dawk in-numri. Il-kritika dwar id-Dok KA32 hija li dawk

ir-ritratti mhumhiex awtentikati u ma kinitx spjegata l-provenjenza taghhom;

vi. L-ewwel Qorti ikkonkludient illi dawn id-dokumenti u x-xiehda relattiva dwarhom huma soggetti ghar-regola tal-*hearsay* u ghalhekk cahdet iz-zewg eccezzjonijiet;

viii. Illi fl-aggravji taghhom dwar dawn iz-zewg eccezzjonijiet [2(c) l-ahhar paragrafu] l-akkuzati ma ressqu ebda raguni gdida ghaliex dawn id-dokumenti kellhom ikunu sfilzati u lanqas fis-sottomisjonijiet orali taghhom. Fir-risposta miktuba tieghu l-Avukat Generali jistrieh fuq r-regola tal-*hearsay* bhala li ghandha tistrada l-kwistjoni hawn devoluta. Din il-Qorti hi tal-fehma illi l-ewwel Qorti qabilha korrettament rabtet dawn id-dokumenti u x-xiehda dwarhom mill-ottika tar-regola dwar il-*hearsay* meta cahdet l-eccezzjonijiet in disamina u ghalhekk mhix ser tinoltra f'ripetizzjoni tal-principju u kif dan hu applikabbli ghall-dawn iz-zewg eccezzjonijijet numru 24 u 25 u l-aggravji relattivi dwarhom 2 (c). Dan l-aggravju ghalhekk qed ikun michud;

**It-Tielet Aggravju.**

Eccezzjonijiet bin-numru 9, 50, 105 u 106 li bihom intalab l-isfilz ta' parti mid-deposizzjoni tal-Ispettur Keith Arnaud meta jitkellem dwar informazzjoni miksuba mis-socjeta' Vodafone wara li intalbet li taghmel *decoding* ta' messaggi *sms* billi din il-prova kienet miksuba illegalment u il-konsegwenti sfilz ta'

kull referenza għall-allegat *sms* mid-deposizzjoni tal-esperti Richard Fennerm u William Schute.

23. L-ewwel ilment tal-akkużat f'dan l-aggravju hu li fis-sentenza tagħha, l-ewwel Qorti għażlet li tikkonsidra l-eċċezzjonijiet numru 9, 50, 105 u 106 flimkien għaliex kienu relatati meta, għalkemm dawk numru 9 u 50 huma relatati ma' xulxin, dawn ma għandhom l-ebda konnessjoni ma' dawk numru 105 u 106. L-appellanti ma huma qed jallegaw l-ebda irregolarita' bil-mod kif mxiet l-ewwel Qorti f'din il-parti tad-deċiżjoni tagħha iżda jidher li qed jallegaw apprezzament żbaljat tal-eċċezzjonijiet tagħhom u jsostnu illi l-argumenti tagħhom dwar id-9 u l-50 eċċezzjoni huma differenti minn dawk li jolqtu dawk numru 105 u 106. Tajjeb għalhekk li jkunu riprodotti l-eċċezzjonijiet kif oriġinarjament proposti;

24. Meħuda min-nota tal-eċċezzjonijiet ta' George Degiorgio tat-28 t'Awissu 2019:

**9. Illi inoltre l-esponenti jitlob l-isfilz ta' kwalunkwe parti tax-xhieda mogħtija mill-Ispettur Keith Arnaud quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti Istruttorja fejn xehed dwar kif il-kumpanija Vodafone Limited intalbet tagħti il-kontenut ta' xi *smses* u fejndin il-kumpanija allegatament għamlet *decoding* ta' tali *smses* u dana billi, kif jista' jiġi ippruvat bil-mezz ta' xhieda mill-istess kumpannija u bil-mezz ta' xhieda indipendenti jekk ikun il-każ, tali informazzjoni mhijiex informazzjoni mitluba u miksuba legalment mill-prosekuzzjoni għaliex mhijiex informazzjoni illi l-kumpanija Vodafone Limited hija obbligata b'xi liġi li żżomm, lanqas hija informazzjoni illi l-kumpannija Vodafone Limited hija obbligata b'xi liġi illi tagħaddi lill-pulizija u tali informazzjoni inkisbet bi ksur ta' diversi provvedimenti tal-liġi kif jirriżulta aħjar matul it-trattazzjoni;**

**10. Illi f'kull kaz l-esponenti jitlob l-isfilz ta' dik il-parti tax-xhieda moghtija mill-Ispettur Keith Arnaud waqt l-udjenza ta' nhar id-19 ta' Dicembru, 2017 quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti Istruttorja illi tinsab fl-ewwel paragrafu a fol. 185 tal-atti tal-kumpilazzjoni fejn xehed hekk:** ***U fil-fatt Vodafone ikkonfermaw, baghtulna, iddikodjaw dan l-SMS u l-SMS fil-fatt li ntbaghat kien jaqraezattament hekk #rel1=on (hash tag rel one equalson)..ermmm.din meta ccekjajna u kellimna anka l-esperti..errmmm..fehmuna illi din hija ..errmm..command li tinghata fuq relatu..errmm..fuq module device sabiex jaghmel command ir-rel1 (rel one) hija r-relay one hija biex jinsteghel, dik hija l-command prattikament fi kliem semplici li tghid biex jixghel rel1 (rel one). Din hija dak illi l-Vodafone..errmm..iddikodjaw mil-SMS u bih ikkonfermajna illi dan ma kienx SMS kwalunkwe ..errmm..li jintbaghtu ta' kuljum pero' kien command illi ntbgha fuq GSM Module biex inghatat command biex xi haga tinxteghel u bih stajna nifhmu li fi-fatt dan kien il-messagg illi trigerja il-bomba u fil-fatt kien fl-istess hin [...]. Dan l-isfilz qieghed jintalab, fost affarijiet ohra, billi***

**(a) tali xhieda hija ipotetika u spekulattiva dwar x'jista' jfisser jew x'kien l-iskop ta' l-*sms* in kwistjoni;**

**(b) tali xhieda hija fl-ahjar ipotezi *hearsay* u fl-ebda mument ma giet ikkonfermata mill-allegati esperti imsemmija fix-xhieda tal-Ispettur Keith Arnaud;**

**(c) l-Ispettur Keith Arnaud qieghed jaghti taghrif tekniku daqs illi kieku kien espert tekniku meta qatt ma gie mahtur bhala tali espert mill-Qorti jew mill-Magistrat Inkwirenti ghal dan l-iskop;**

**(d) barra minn hekk, meta l-esponenti ipprezenta rikors appozitu illi perezz tieghu talab illi ssir *simulation* u dan sabiex jirrizulta empirikament jekk huweiex tassew possibbli illi bomba tigi mixghula b'tali *sms*, l-Avukat Generali oppona u l-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti Istruttorja ma tatx direzzjoni jew digriet finali ghaliex immedjatament wara l-Avukat Generali ipprezenta l-Att ta' Akkuza odjern b'mod li dik il-Qorti ma haditx aktar konjizzjoni tat-talba ta' l-esponenti L-oppozizzjoni ta' l-Avukat Generali tirrifletti l-fatt illi muhiex konvint mill-ispekulazzjoni u assunzjoni maghmula mill-Ispettur Keith Arnaud fix-xhieda tieghu dwar kif bomba tista' tigi mixghula bl-allegat *sms*;**

**105. Illi l-esponenti jitlob l-isfilz ta' kwalunkwe informazjoni miksuba minghand is-*service providers* bis-sahha ta' l-Avviz Legali 198 ta' l-2008 u t-Taqsima II tar-Regoalmenti Dwar l-Ipprocessar ta' Data Personali fis-Settur tal-Komunikazzjoni Eletronici (Legislazzjoni Sussidjarja 440.01) li bis-sahha taghhom giet implimentata fil-ligi Maltija d-Direttiva 2006/24/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu, 2006 dwar iz-zamma ta' data generata jew processata b'konnessjoni mal-provvista ta' servizz pubblikament disponibbli ta' komunikazzjoni eletrronika jew ta' networks ta' komunizazzjoni pubblika u li tmeenda d-Direttiva 2002/58/KE, fost affarijiet ohra, billi tali Direttiva giet dikjarata bhala invalida ghal finijiet u effetti kollha tal-ligi b'sentenza moghtija nhar it-8 ta'April, 2014 mill-Qorti tal-Gustizzja ta' l-Unjoni Ewropeja (Awla Manja) fl-ismijiet** Digital Rights Ireland v. Minister for Comunications, Marine and Natural Resources**;**

**106. Illi l-esponenti jitlob l-isfilz ta' kwalunkwe informazzjoni miksuba minghand is-*service providers* (Vodafone Limited, Go p.l.c. u Melita p.l.c.) billi l-agir taghhom huwa bi ksur tal-gurisprudenza lokali u tal-ligi Ewropea;**

25. Issa, f'dan il-gravam l-appellanti jillanjaw illi "*l-eccezzjonijiet bin-numru 9 u 50 ma ghandhom xejn x'jaqsmu mal-kaz deciz b'sentenza moghtija nhar it-8 ta' April, 2014 mill-Qorti tal-Gustizzja ta' l-Unjoni Ewropeja (Awla Manja) fl-ismijiet* ***Digital Rights Ireland Ltd v. Minister for Communications, Marine and Natural Resources***". / "*Illi ghal kuntrarju tali eccezzjonijiet huma mibnija fuq argumentazzjoni differenti illi purtroppo jidher illi l-ewwel Onorobbli Qorti naqset ghal kollox milli tapprezza;*";

26. L-ewwel Qorti ghazlet illi tqis l-erba' eccezzjonijiet bhala "*marbuta*" flimkien bl-element li jghaqqadhom konsistenti "f*l-oggezzjoni taghhom ghal prova li temergi minn informazzjoni moghtija mill-provdituri tas-servizz u dan bis-sahha ta'l-Avviz Legali 198 ta'l-2008 u t-Taqsima II tar-*

*Regolamenti Dwar l-Ipprocessar ta' Data Personali fis-Settur tal-KomunikazzjoijietElettorinici (Legislazzjoni Sussidjara 440.01) li bis-sahha ta'l-istess giet implementata fil-ligi taghna d-Direttiva 2006/24/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsidll tal-15 ta' Marzu 2006 dwar iz-zamma ta' data generata jew processata b'konnessjoni mal-provvisa ta' servizzi pubblikament disponibbli ta' komunikazzjoni elettronicka jew ta' networks ta' komunikazzjoni pubblika u li tmemenda d-Direttiva 2002/58/KE*";

27. Ezaminata t-traskrizzjoni tas-sottomissjonijiet verbali maghmula mill-abbli difensur tal-akkuzati tat-8 ta' Novembru, 2019 (fol 586 tieni faccata] dwar id-disa' eccezzjoni, u dawk dwar l-eccezzjoni numru hamsin (fol 617) huwa utili li jkun riprodotti is-segwenti brani:

Fol 586 tergo re Eccezzjoni numru 9:

*Issa ahna hawnhekk f'din l-ecezzjoni qed nghidu din it-tip ta' informazzjoni lanqas biss suppost, jigifieri indipendentement jekk hux veru o meno, indipendentement mill-kwistjoni li anka qajjimt aktar tard fin-nota ta' l-eccezzjonijiet li ntalbet li ssir simulation u ma saritx, din hija tip ta' informazzjoni li s-service providers lanqas suppost L-ipprovdewha. U ha nghid il ghala.*

*L-ewwelnett jekk, mela s-service providers intalbu l-informazzjoni taht il-kap 440, hemm is-subsidiary legislation partikolari jekk m'inix sejjer zball il-198 tal-1998 pero jista' jkun li fuq in-numri qieghed zbaljat, u dik hija l-*

*ligi hazina u tajjeb u ha nispjega 'il ghala, illi taghti l-fakulta' li jintalbu certu informazzjoni lis-service providers. Qed ikun daqsxejn kawt u rizervat dwar dik il-ligi minhabba l-fatt illi qieghda tigi attakkata li kien hemm sentenzi ta' s-CJEU li b'mod preciz jghidu dik id-direttiva giet dikjarata nulla u bla effett, u skond il-ligi tal-Ewropa jekk id-direttiva hija nulla u bla effett hija nulla u bla effett ghall-Istati Membri kollha. U kien hemm diversi sentenzi wkoll varji Stati Membri.*

*Issa wiehed mill-klijenti tieghi Alfred Degiorgio ghandu kawza pendenti proprjament fuq dak il-mertu, qed jinvoka s-sentenza li nghatat mis-CJRU u qieghed jghid allura anka l-ligi Maltija li trasponiet dik id-direttiva partikolari hija nulla. Pero hawnhekk Sinjura Imhallef, hawnhekk li huwa interesanti huwa din: dan it-tip ta' ezercizzju li ntalab mill-Vodafone Limited ma huwiex milqut mill-440. huwa haga li ghal xi raguni l-ufficjal investigattiv u anka l-Vodafone marru oltre li tippermetti l-ligi. Jigifieri dan huwa kaz bla precedent ha nghid hekk fejn service provider intalab u effettivament qieghed jghid li jista' jaghti informazzjoni konsistenti mhux liema numru baghat sms lil liema, imma attwalment il-kontenut.*

*U dik ma hijiex parti minn dik id-data li l-440 jobbliga lis-service provider izomm biex jekk jinqala xi kaz ikun jista' jipprovdiha lill-pulizija. Hija tip ta' data, u naf dan mhux ghax jien espert ghax ma iniz, imma ghax xehdu r-rapprezentanti aktar tas-service providers l-ohra fil-kawza kostituzzjonali pendenti, hija tip ta data qed jghidu hekk li*

*tinzamm semplicement for billing purposes u biex jaraw kemm in-network tahdem tajjeb. Huma jsejhulha raw data.*

*Jigifieri hawnhekk ghandha kaz stramb u jiena nghidlu bla precedent, fejn l-investigazzjoni marret oltre li taghti l-ligi. Mela jekk jirrizulta li l-investigazzjoni marret oltre s-sahha li taghti l-ligi bil-440, anchorche l-440 qed jigi kontestat fi proceduri appoziti minn wiehed mill-akkuzati, minn Alfred Degiorgio, pero' dik hija a side issue li naslu ghaliha aktar 'il quddiem anke fl-eccezzjonijiet, hawnhekk il-Prosekuzzjoni marret oltre, forsi b'zelu, forsi ghax riedet issolvi kaz, ma nafx ghal liema raguni pero' din ma hijiex informazzjoni li tinzamm taht xi ligi, u lanqas hija informazzjoni li s-service provider b'xi mod jista' jghaddiha lill-pulizija. Issa ovvjament umbaghad jista' jkun hemm kwistjonijiet ta' natura kostituzzjonali jekk tindahalx fir-right to private and family life etc etc. Pero' ghal mument jiena qed nissofferma ruhi s'hemmhekk, qed nghid l-informazzjoni laqnas biss setghet tinghadda lill-ufficjali investigattivi, ahseb u ara kemm tintuza bhala pova.*

Fol 617 rigward eccezzjoni numru 50:

*In-numru hamsin hija wkoll dwar il-message hash relm one equals zone in relazzjoni mar-rapport ta' l-FBI. Imkien fir-rapport barra l-eccezzjonijiet kollha u l-argumenti li gew sollevati qabel, imkien f'dak ir-rapport ma jinghad mill-esperti tal-FBI li dan il-messagg huwa messagg tipiku jew ha nghid mhux tipiku, jew messagg li jintuza biex tinxteghel*

*bomba. U allura aktar insostni dak li ghidt qabel li kien qed jghid l-ispettur kien ipotetiku u jekk kellha tingieb xi prova kellha se mai anke n-naha l-ohra taqbel li ssir xi tip ta' simulation.*

28. L-eccezzjoni numru hamsin kienet taqra hekk:

*50. Illi f'kull kaz, l-esponenti jitlob l-isfilz u t-tnehhija ta' kull referenza ghall-alllegat* sms #REL1=ON *mit-traskrizzjoni tax-xhieda moghtija minn Richard Fennern u William Schute waqt l-udjenza ta' nhar it-22 ta' Mejju, 2018 b'mod partikolari a fol. 2871 ta' l-atti tal-kumpilazzjoni u dan ghar-ragunijiet imsemmija hawn aktar 'il fuq f'paragrafi 9 u 10 ta' din in-nota;*

29. Stante li l-paragrafu, ossia l-eccezzjoni, numru 9 hija riprodotta diga' jokkorri li tkun riprodotta l-eccezzjoni numru 10 kif riflessa fil-paragrafu bl-istess numru ghall-kompletezza tal-kwadru:

*10. Illi f'kull kaz l-esponenti jitlob l-isfilz ta' dik il-parti tax-xhieda moghtija mill-Ispettur Keith Arnaud waqt l-udjenza ta' nhar id-19 ta' Dicembru, 2017 quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti Istruttorja illi tinstab fl-ewwel paragrafu a fol 185 ta' l-atti tal-kumpilazzjoni fejn xehed hekk: U Fil-fatt Vodafone ikkonfermaw, baghtulna, iddikodjaw dan l-SMS u l-SMS fil-fatt li ntbaghat kien jaqra ezattament hekk #rel1=on (hash tag rel one equals on) ..errmm din meta ccekjajna u kellimmna anke l-esperti.. errmm..fehmuna illi din hija ..errmm..command li tinghata*

*fuq relay..errmm..fuq module device sabiex jaghmel command ir-rel1 (rel one) hija r-relay one hija biex jinxteghel, dik hija l-command prattikament fi kliem semplici li tghid biex jixghel rel1 (rel one). Din hija dak illi Vodafone..errmm..ikkikodjaw mil-SMS u bih ikkonfermawlna illi dan ma kienx SMS kwalunkwe..errmm..li jintbghatu ta' kuljum pero' kien command illi ntbaghat fuq GSM Module biex inghatat command biex xi haga tinxteghel u bih stajna nifhmu li fi-fatt dan kien il-messagg illi trigerja il-bomba u fil-fatt kien fl-istess hin [...].* Dan l-isfilz qieghed jintalab, fost affarijiet ohra, billi:

(a) tali xhieda hija ipotetika u spekulattiva dwar x'jista' jfisser jew x'kien l-iskop ta' l-*sms* in kwistjoni;
(b) tali xhieda hija fl-ahjar ipotezi *hearsay* u fl-ebda mument ma giet ikkonfermata mill-allegati esperti imsemmija fix-xhieda ta' l-Ispettur Keith Arnaud;
(c) l-Ispettur Keith Arnaud ghandu l-ebda taghrif jew hila specjali fejn jidhol splussiv; [ (d) maqbuza skond l-istess ordni kif mehuda min-nota ta' eccezzjonijiet]
(e) l-Ispettur Keith Arnaud qieghed jaghti taghrif tekniku daqs illi kieku kien espert tekniku meta qatt ma gie mahtur bhala tali espert mill-Qorti jew mill-Magistrati Inkwirenti ghal dan l-iskop;
(d) barra minn hekk, meta l-esponenti ipprezenta rikors appozitu illi permez tieghu talab illi ssir *simulation* u dana sabiex jirrizulta empirikament jekk huwiex tassew possibbli illi bomba tigi mixghula b'*sms*, l-Avukat Generali oppona u l-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala

Qorti Istruttorja ma tatx direzzjoni jew digriet finali ghaliex immedjatament wara l-Avukat Generali ipprezenta l-Att ta' Akkuza odjern b'mod li dik il-Qorti ma haditx aktar konjizzjoni tat-talba ta' l-esponenti. L-opposizzjoni ta' l-Avukat Generali tirrifletti l-fatt illi mhuxiex konvint mill-ispekulazzjoni u assunzjoni maghmula mill-Ispettur Keith Arnaud fix-xhieda tieghu dwar kif bomba tista' tigi mixghula bl-allegat *sms*;

30. Minn hawn jirrizulta manifest illi kienu l-akkuzati stess li holqu dak in ness komuni bejn id-9, l-105 u l-106 eccezzjoni meta abbinaw l-allegata illegalita' fil-kisba ta' informazzjoni mis-socjeta' Vodafone bhala li tmur kontra dak deciz mill-Qorti Tal-Gustizzja Tal-Unjoni Ewropea fil-kwistjoni tad-Digital Rights. Il-hamsin eccezzjoni, ghalkemm *ex admissis* hija marbuta mad-disa' wahda, ghandha biss mill-eccezzjonijiet dwar l-*hearsay evidence* u kienu l-akkuzati stess li rriferew ghal dak li intqal minnhom fl-eccezzjoni numru ghaxra. Illi kienu l-istess akkuzati li stradaw l-eccezzjoni numru disgha fl-ambitu tal-kwistjoni dwar Digital Rights, liema eccezzjoni kienet approfondita fl-ecezzjonijiet numru 105 u 106 tant illi sahansitra fl-osservazzjoni taghhom dwar id-9 u l-50 eccezzjoni jghidu hekk: "*Illi hija ghalhekk l-umli sottomissjoni tal-esponenti illi l-eccezzjonijiet 9 u 50 kellhom jintlaqghu billi ma jistax ikun illi jingiebu bi prova informazzjoni illi ma nzammitx b'mod legali*". Ghalhekk ma hemm xejn irregolari billi l-ewwel Qorti trattat dawn l-eccezzjonijiet lkoll flimkien. Anke fejn l-eccezzjoni numru hamsin tirreferi ghar-regola dwar il-*hearsay,* il-Qorti tqis illi dak konsiderat qabel dwar din ir-

regola huwa ugwalment applikabbli u konsegwentement ma tarax il-htiega li tinoltra f'ripetizzjoni fuq din il-kwistjoni;

31. Raggunt dan il-punt dwar l-osservazzjoni maghmula mill-appellanti kwantu it-tghaqid flimkien ta' dawn l-eccezzjonijiet, jokkorri issa li jkun ezaminat il-gravam proprju tal-akkuzati meta jinsistu illi "*l-informazzjoni illi giet mitluba l-kumpanija Vodafone Limited ossia d-decoding ta' smses ma hijiex informazzjoni illi l-kumpanija Vodafone Limited ghandha jew tista' izzomm b'xi ligi*" [fol 5 tar-rikors tal-appell]. Minn qari ta' dan il-gravam, jidher illi l-pern tal-kwistjoni huwa jekk, la darba d-decizjoni tal-Qorti tal-Gustizzja tal-Unjoni Ewropea ddikjarat invalida d-Direttiva 2006/24/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u minkejja li din id-Diretteva kienet trasposta fil-ligijiet ta' Malta bl-Avviz legali 198 tal-2008 u fil-Legislazzjoni Sussidjarja 440.01 r-ritenzjoni tad-data mis-service provider u l-uzu sussegwenti taghha mill-Pulizija kinitx wahda illegali li per konsegwenza tirrendi illegali l-uzu taghha f'dawn il-proceduri;

32. Traccata l-origini tal-provvediment legali mertu ta' dan l-aggravju, u b'mod introduttorju, jemergi illi l-Ligi Sussidjarja 440.01 kienet promulgata bhala Avviz Legali 16 tas-sena 2003 u kien emendat bl-Avviz Legali 198 tal-2008. Il-Kapitolu 440 tal-ligijiet ta' Malta, promulgat bhala Att XXVI tas-sena 2001 imsejjah Att Dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-*Data* kien thassar u sostitwit bis-sahha tal-Att XX tas-sena 2018 imsejjah Att tal-2018 dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-*Data,* illum Kapitolu 586 tal-

ligijiet ta' Malta. L-artikolu 34 ta' dan l-Att, izda, minkejja li jhassar il-Kapitolu 440 ihalli fis-sehh, apparti kull azzjoni, decizjoni u atti hemm akkluzi maghmula taht dak l-Att, kull legislazzjoni sussidjarja maghmula taht l-istess Att bil-kondizzjoni hemm ravvizata. Hekk stabilit, allura, l-AL 16 tas-sena 2003 (LS 440.01) u l-AL 198 tas-sena 2008 kienu ghandhom fis-sehh sia fiz-zmien tal-investigazzjoni dwar l-akkuzi in kwistjoni kif ukoll waqt il-proceduri li wasslu ghal dan l-appell, kif, wara kollox ghadhom vigenti sal-lum;

33. Il-Legislazzjoni Sussidjarja 440.01 kienet introdotta bis-sahha tal-Avviz Legali 16 tal-2003 meta Malta ma kinitx ghadha membru tal-Unjoni Ewropeja li f'dak iz-zmien kienet tissejjah Unjoni Ekonomika Ewropeja. Ir-regolament 5(1) tal-LS 440.01 jidher li jigbor fih l-ghan principali ta' dan l-Avviz Legali meta jipprovdi illi "*Minghajr pregudizzju ghar-regolament 11 ebda persuna hlief l-utent, ma ghandha tisma, tissemma, tahzen jew taghmel xi forma ohra ta' intercettazjoni jew sorveljanza ta' komunikazzjonijiet u fi traffiku ta'* data *relatat, minghajr il-kunsens ta' l-utent involut.*".

34. Ir-regolamenti li jsegwu immedjatament wara, jigifieri 6, 7 u 8 huma komplimentari ghar-regolament numru 5 u fl-istess waqt jamplifikaw id-dritt tal-utent hemm emergenti. Ir-regolament numru 11, izda, jinnewtralizza l-effetti ta' dawn ir-regolamenti meta jipprovdi li d-disposizzjonijiet tar-regolamenti 5 sa 8 ma ghandhomx japplikaw meta ligi tkun specifikatament tipprovdi li tinghata informazzjoni bhala mizura mehtiega fl-interess tas-sigurta' nazzjonali, tad-

difiza, tas-sigurezza pubblika, tal-prevenzjoni, investigazzjoni, kxif u prosekuzzjoni ta’ reati kriminali jew amministrattivi, jew ta’ kull ksur ta’ etika ghal professjonijiet regolati u ohrajn. Ifisser ghalhekk illi bl-introduzzjoni ta’ din il-legislazzjoni sussidjaraja u fil-kwalita’ l-ipprocessar ta’ *data* personali fis-Settur ta’ Telekomunikazzjoni hija projbita sakemm mhix awtorizzata mill-utent liema projbizzjoni izda mhix applikabbli fi kwistjonijiet ta’ investigazzjoni ta’ reati kriminali u ragunijiet ohra a tenur tar-regolament 11;

35. L-ghanijiet, protezzjoni u n-nuqqas ta’ applikabilita’ ta’ din il-ligi sussidjarja jidhru li jixxiebhu ferm ma’ dawk esposti fid-Direttiva tal-Parlament u tal-Kunsill 2002/58. Filwaqt illi din tal-ahhar ghandha bhala ghan principali l-protezzjoni tad-drittijiet funamentali tal-privatezza tal-individu kif wara kollox esposti fid-Direttiva 95/46/EC qabilha, tajjeb li tkun riprodotta l-klwasola numru (11) tad-dir 2002/58 li tghid hekk:

> (11) Like Directive 95/46/EC, this Directive does not address issues of protection of fundamental rights and freedoms related to activities which are not governed by Community law. Therefore it does not alter the existing balance between the individual’s right to privacy and the possibility for Member States to take the measures referred to in Article 15(1) of this Directive, necessary for the protection of public security, defence, State security (including the economic well-being of the State when the activities relate to State security matters) and the enforcement of criminal law. Consequently, this Directive does not affect the ability of Member States to carry out lawful interception of electronic communications, or take other measures, if necessary for any of these purposes and in accordance with the European Convention for the Protection of Human Rights and Fundamental Freedoms, as interpreted by the rulings of the European Court of Human Rights.

Such measures must be appropriate, strictly proportionate to the intended purpose and necessary within a democratic society and should be subject to adequate safeguards in accordance with the European Convention for the Protection of Human Rights and Fundamental Freedoms.

36. L-eccezzjoni ravvizata fir-regolament 11 tal-LS 440.01 allura ghandha minn dik appena riprodotta. Gara izda, illi d-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu, 2006 numru 2006/24/EC gabet fis-sehh regoli ulterjrui wara li, *inter alia*, diversi Stati Membri kienu promulgaw ligijiet li jipprovdu ghaz-zamma ta' *data* mill-provvedituri ta' servizzi ghall-ghanijiet ta' prevenzjoni, investigazzjoni, sejba u prosekuzzjoni ta' offizi kriminali liema ligijiet kienu meqjusa differenti hafna minn xulxin. (*recital 5 Dir 2006/24/EC*), tant illi

(6) The legal and technical differences between national provisions concerning the retention of data for the purpose of prevention, investigation, detection and prosecution of criminal offences present obstacles to the internal market for electronic communications, since service providers are faced with different requirements regarding the types of traffic and location data to be retained and the conditions and periods of retention.

(7) The Conclusions of the Justice and Home Affairs Council of 19 December 2002 underline that, because of the significant growth in the possibilities afforded by electronic communications, data relating to the use of electronic communications are particularly important and therefore a valuable tool in the prevention, investigation, detection and prosecution of criminal offences, in particular organised crime.

(8)The Declaration on Combating Terrorism adopted by the European Council on 25 March 2004 instructed the Council to examine measures for establishing rules on the retention of communications traffic data by service providers.

Dak iz-zmien kienet inhasset il-htiega urgenti li jkun hemm regoli uniformi dwar iz-zamma ta' *data* emergenti mill-effetti ta' attakki terroristici f'Londra. L-istess Direttiva ghalhekk ghandha dikjarat bhala ghan is-segwenti:

> 1. This Directive aims to harmonise Member States' provisions concerning the obligations of the providers of publicly available electronic communications services or of public communications networks with respect to the retention of certain data which are generated or processed by them, in order to ensure that the data are available for the purpose of the investigation, detection and prosecution of serious crime, as defined by each Member State in its national law.
>
> 2. This Directive shall apply to traffic and location data on both legal entities and natural persons and to the related data necessary to identify the subscriber or registered user. It shall not apply to the content of electronic communications, including information consulted using an electronic communications network.

37. Din id-direttiva imponiet fuq l-Istati Membri l-obbligu li jzommu d-*data* per via ta' deroga tal-klawsoli 5, 6 u 9 tad-Dir 2002/58 EC. L-Avviz Legali 198 tal-2008 imbaghad haseb sabiex jemenda r-regolament attakkat numru 16 tal-2003 (LS 440.01) sabiex dan ta' l-ahhar jigi in regola mad-Direttiva 2006/24/EC. Din id-direttiva, izda, u kif gia sottolineat mill-akkuzati fl-eccezzjonijiet taghhom u konsiderat mill-ewwel Qorti fis-sentenza taghha, kienet attakkata quddiem il-Qorti tal-Gustizzja tal-Unjoni Ewropea fil-kawza *Digital Rights Ireland Ltd vs Minister for Communications Marine And Natural Resources* tat-8 t'April, 2014. Din is-sentenza ddikjarat invalida d-Direttiva 2006/24/EC u kif tajjeb osservat l-ewwel Qorti, dikjarazzjoni tali tobbliga lill-Istati Membri li jaderixxu b'legislazzzjoni reciproka li tirrifletti l-ezitu ta' dik is-sentenza.

Il-LS 440.01 kif emendata bl-AL 198 tal-2008, izda, ghadha tifforma parti mill-ligijiet ta' Malta bhalma hu l-kaz f'diversi pajjizi ohra tal-Unjoni Ewropeja;

38. Issa, l-ewwel Qorti ezaminat l-ilment tal-akkuzati b'osservazzjonijiet dettaljati u waslet ghall-fehma illi sa fejn il-ligi nazzjonali tippermetti li z-zamma u l-uzu ta´data hija konformi mad-deroga ghal skopijiet ta' investigazzjoni u proceduri kriminali dwar reati gravi, ma kien hemm xejn illegali fiz-zamma taghha mill-provvedituri tas-servizzi ta' telekomunikazzjoni u l-uzu sussegwenti tieghu mill-forzi tal-pulizija. Jokkorri ghalhekk li din il-konkluzzjoni tkun ezaminata mill-ottika tas-sentenza *Digital Rights Ireland* u ohrajn b'mertu konsimili dwar *Data Retention*;

39. Il-parti konklussiva tas-sentenza *Digital Rights Ireland* hija inekwivoka meta tirritjeni hekk:

> On the grounds, the Court (Grand Chamber) hereby rules:
>
> **Directive 2006/24/EC of the European Parliament and of the Council of 15 March 2006 on the retention of data generated or processed in connecion with the provisions of publicly available electronic communications services or of public communications networks and amending Directive 2002/58/EC is invalid**.

Jehtieg li jinzamm fil-mira l-fatt illi dak li Digital Rights Ireland attakkat, ossia ir-referenza maghmula mill-High Court (Ireland) u l-Verfassungsgerichtshof, kienet dwar id-Direttiva

innifisha u mhux dik precedenti dwar l-ipprocessar u l-privatezza Dir 2002/58/EC anke jekk id-Direttiva attakata introduciet emendi f'din tal-ahhar;

40. F'dan ir-rigward, il-Qorti ma taqbilx ghal kollox mal-fehma murija mill-ewwel Qorti dwar l-effetti fuq il-ligi Maltija tas-sentenza tal-Q.G.U.E. f'"Digital Rights IrelandW u s-sejbien tan-nullita' tad-Direttiva msemmija. Madakollu, dan in-nuqqas ta' qbil m'ghandux jincidi b'mod rilevanti fuq kif l-ewwel Qorti iddisponiet mill-aggravji relattivi fis-sentenza appellata. Kemm hu hekk, din il-Qorti taqbel mal-kunsiderazzjonijiet l-ohrajn maghmulin mill-ewwel Qorti dwar dawn l-aggravji ghaliex, bil-precizazzjonijiet u l-kawtela kollha preskritti, il-ligi Maltija li bis-sahha taghha nzammet id-data u nkiseb it-taghrif li minnu jilmentaw l-appellanti ghadha u tista' tithaddem. Sakemm l-ghanijiet ghaz-zamma u l-ksib tad-data jkunu dawk strettament mahsuba u mfissra fil-gurisprudenza msemmija mill-ewwel Qorti, ma jistax jinghad li l-ligi Maltija hija nulla jew minghajr effett, jew li t-thaddim taghha jgib ksur ta' xi jedd fundamentali tal-appellanti (ref: Tele2Sverige AB – QGUE 21.12.16 ss108; Secretary of State for the Home Department vs Watson 3t 21.12.16);

41. Ifisser ghalhekk illi id-Direttiva 2002/58/EC fil-forma originali taghha ma hi aflitta b'ebda sanzjoni ta' invalidita' ghajr ghall-emendi introdotti fiha permezz tad-Direttiva 2006/24/EC. U l-istess effett allura jkaxkar fuq il-ligijiet domestici tal-Istati Membri. Tant hu hekk illi dan kien il-qofol tas-sentenza *Tele2 Sverige AB (C-203/15)* li minnha ccitat estensivament l-ewwel Qorti. Dik il-procedura originat minn

talba ta' decizjoni preliminari tal-Qorti tal-Gustizzja wara li l-ghada tas-sentenza *Digital Rights Ireland,* Tele2 Sverige infurmat lill-awtoritajiet li ma kinitx ser izzomm aktar *data* la darba ma kinitx hekk obligata u wara li l-awtoritajiet Zvedizi kienu intimaw lill-istess li hija obligata taghmel dan skond id-Direttiva 2002/58/EC (artikolu 15(1) kif emendat bid-Direttiva 2009/136/EC tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009. Il-pern tal-kwistjoni ghalhekk kienet dwar l-obbligu li tinzamm *communication data* kif sancit fil-ligi domestika tal-Isvezja. Issa, d-distinzjoni bejn id-Dir 2006/24/EC u id-Dir 2002/58/EC hija sintetizzata f'zewg paragrafi qosra tal-Qorti tal-Gustizzja kif gej:

**103. Further, while the effectiveness of the fight against serious crime, in particular organized crime and terrorism, may depend to a great extent on the use of modern investigation techniques, such an objective of general interest, however fundamental it may be, cannot in itself justify that national legislation providing for the general and indiscriminate retention of all traffic and location data should be considered to be necessary for the purposes of that fight (e.g. by anology, in relation to directive 2006/24/EC, the digital Rights judgement, paragraph 51).**

**104. In that regard, it must be observed , first, that the effect of such legislantion, in the light of its characteristic features as described in paragraph 97 of the present judgement, is that the retention of traffic and location data is the rule, whereas the system put in place by Directive 2002/58 requires the retention of data to be the exception.**

42. Illi ghalkemm il-Qorti tal-Gustizzja kkonkludiet illi l-artikolu 15(1) tad-Direttiva 2002/58/EC ghandu jkun interpretat b'mod illi jipprekludi legislazzjoni nazzjonali li tipprovdi ghaz-zamma b'mod generali u indiskriminat ta' *all traffic and location data of all subscribers and registered users to all means of electronic communication*, ma jistghax ma jkunx meqjus dak osservat mill-istess Qorti fil-paragravi 108 u 115 tas-sentenza:

> **108. However, Article 15(1) of directive 2002/58, read in the light of Articles 7, 8 and 11 and Article 52(1) of the Charter, does not prevent a Member State from adopting legislation permitting, as a preventive measure, the targeted retention of traffic and location data, for the purpose of fighting serious crime, provided that the retention of data is limited, with respect to the categories of data to be retained, the means of communication affected, the persons concerned and the retention period adopted, to what is strictly necessary.**
>
> **115. As regards objectives that are capable of justifying national legislation that derogates from the principle of confidentiality of electronic communications, it must be borne in mind that, since, as stated in paragraphs 90 and 102 of this judgment, the list of objectives set out in the first sentence of 15(1) Directive 2002/58 is exhaustive, access to retained data must correspond, genuinely and strictly, to one of those objectives. Further, since the objective pursued by that legislation must be proportionate to the seriousness of the**

**interference in fundamental rights that that access entails, it follows that, in the area of prevention, investigation, detection and prosecution of criminal offences, only the objective of fighting serious crime is strictly necessary.**

43. Illi inoltre dan jorbot ma' dak osservat fis-sentenza Privacy International v Foreign Secretary C-623/17 tas-6 t'Ottubru 2020 tal-Qorti tal-Gustizzja u kif korrettament osservat mill-ewwel Qorti meta ccitat dawk il-paragrafi relevanti ghad-definizzjoni tal-limitazzjonijiet tal-proporzjonalita' li ghalihom jaghmel referenza l-artikolu 15 tad-Direttiva 2002/58/EC li mhux ser ikunu hawn riprodotti a skans ta' ripetizzjoni (fol 29 sa 35 tas-sentenza tal-ewwel Qorti, fol 873 sa 876 tal-atti processwali). Kaz dan li l-pern tieghu huwa aktar dwar l-access ghal *traffic and location data* u t-trasmissjoni taghhom b'mod indiskriminat lill-forzi investigattivi. Issa, meta l-ewwel Qorti qieset dan kollu, inkluz allura l-gurisprudenza tal-qrati taghna fit-tfixxija ghat-tifsira tal-element ta' proporzjonalita', ikkonkludiet illi *qua* dak li huma akkuzati bih l-appellanti kien jaqa' fid-definizzjoni ta' reat gravi ravvizat fil-ligi domestika ghall-fini tal-bilanc, ossia proporzjonalita', bejn l-interess tal-privat u dak tas-socjeta;

44. Din il-Qorti ma tara xejn irragjonevoli f'din il-konkluzjoni u konsegwentement ma tistax tilqa' l-gravam imressaq mill-appellanti li bir-ragunament taghha stess l-ewwel Qorti kellha tilqa' l-eccezzjoni taghhom la darba id-Direttiva 2006/24/EC kienet dikjarata invalida mill-Qorti tal-Gustizzja. Dan ukoll ghaliex hija l-fehma ta' din il-Qorti illi wara d-decizjoni *Digital Rights Ireland* u bl-effetti kollha fuq il-ligijiet domestici, il-

provditur tas-servizzi m'huwiex aktar **obligat** li jzomm *data* izda ma hemm xejn x'josta lill-istess milli jzomm dik l-istess *data* u li la darba l-access ghaliha sar biss u unikament b'ordni tal-Inkwirenti konsegwenza ta' decizjoni li evidentement tipprezumi wiehed ta' kalkolu bejn l-interess tal-privat u dak tas-socjeta' fil-glieda kontra kriminalita' organizzata u fl-interess tas-sigurta' nazzjonali, allura ma hemm xejn illecitu f'dak l-access;

45. Illi ghalhekk din l-eccezzjoni qed tkun michuda;

**Ir-Raba' Aggravju**

Dwar l-eccezzjoni numru 10. L-oggezzjoni maghmula mill-akkuzati dwar dik il-parti tax-xhieda tal-Ispettur Keith Arnaud fejn jitkellem dwar il-messagg li inbaghat sabiex inxteghlet il-bomba. (kunsiderazzjoni numru v. tas-sentenza a fol 878)

46. F'dan l-aggravju l-akkuzati jressqu l-argument illi jhossuhom "*ferm aggravati billi l-eccezzjoni li taw hija dwar ix-xhieda ta' l-Ispettur Keith Arnaud u dwar l-atti kumpilatorji. Inutili illi kwazi ma' kull eccezzjoni li tressqet l-ewwel Onorabbli Qorti tghid illi l-informazzjoni moghtija mill-Ispettur Keith Arnaud ghandha tigi ikkonfermata mill-esperti matul ic-celebrazzjoni tal-guri: bhal donnu qeghda taghti parir lill-prosekuzzjoni x'ghandha taghmel. Il-mistoqsija illi kellha*

*twiegeb kienet din: <u>mill-atti tal-kumpilazzjoni</u> jirrizulta jekk dak illi xehed dwaru l-Ispettur Keith Arnaud (li certu sms jixghel xi haga inkluz bomba) korroborat minn xi espert? Ir-risposta hija li le u allura x-xhieda tieghu kellha tigi sfilzata ghaliex huwa la qal minghand min kiseb din l-informazzjoni u lanqas huwa xi espert fil-qasam, u dan kollu irrispettivament minn dak illi ser jirrizulta matul il-guri*".

47. L-Avukat Generali iqis dan l-aggravju bhala wiehed frivolu tenut kont ta' dak gia minnu espost, izda li dwar il-gravam partikolari dak li l-Ispettur Keith Arnaud xehed kien konfermat mill-esperti minnu msemmija u ghamel referenza partikolari ghall-fol 2854 *et seq* u 3088 *et seq* tal-atti processwali;

48. Anke hawn, il-Qorti jkollha, bhal l-ewwel Qorti qabillha, taghmel referenza ghal-dawk il-konsiderazzjonijiet maghmula kwantu l-aggravji jolqtu l-*hearsay evidence* u ma tara ebda raguni ghaliex ghandha titratta din l-eccezzjoni b'mod divers. Fil-principju jehtieg li jinzamm fil-mira illi fejn l-eccezzjoni tolqot allegazzjoni dwar xhieda li tista' titqies bhala *hearsay* il-kwistjoni hija fil-bicca l-kbira tal-kazi mhollija ghal-decizjoni tal-guri wara li tkun saret id-debita

twissija lix-xhud mill-imhallef togat u d-direzzjoni li l-istess Imhallef jaghti lis-sinjuri gurati qabel ma jidhlu ghad-deliberazzjoni taghhom. Kif korrettament ragunjat mill-ewwel Qorti, ix-xhud spjega kif l-informazzjoni li kien qed jixhed dwarha akkwistaha minghand l-esperti u dan ifisser biss illi sakemm l-esperti ma jitressqux biex jixhdu f'dak ir-rigward, dak kollu li jkun intqal ghandu jitqies bhala *hearsay*;

49. Il-Qorti ma tistax tifhem kif l-akkuzati jghidu li meta l-ewwel Qorti rriteniet dak appena kunsiderat "*bhal donnha qed taghti parir lill-prosekuzzjoni x'ghandha taghmel*". Ir-regola hi li hi u hi soffermata minn gurisprudenza estensiva u ghalhekk certament l-appellanti a ghandhomx ragun fl-allegazzjoni taghhom meta jghidu li l-ewwel Qorti dehret li qisu qed taghti parir lill-prosekuzzjoni li, wara kollox tkun f'idejn l-Avukat Generali waqt ic-celebrazzjoni tal-guri. Wara kollox ma ghandux ikun hemm l-iciken dubju li kemm l-Avukat Generali kif ukoll id-difiza huma ghall-kurrenti tar-regola tal-ahjar prova inkluz dik tal-*hearsay*. Illi ghalhekk dan l-aggravju qed ikun michud;

**Il-Hames Aggravju – dwar l-eccezzjonijiet 11,12,17 u 22**

L-oggezzjoni ghal dik il-parti tax-xhieda tal-Ispettur Keith Arnaud fejn huwa jitkellem dwar informazzjoni miksuba minnghand is-servizzi tas-sigurta' dwar *intercepts* ta' telefonati maghmula minnhom u tal-provi li nkisbu minn dawn l-intercettazzjonijiet telefonici (eccezzjonijiet numru 11,12,17 u 22). (Kunsidrazzjoni vi. tas-sentenza fol 878 fuq wara).

50. F'dan l-aggravju l-appellanti jilmentaw mid-decizzjoni tal-ewwel Qorti li ma laqghetx ir-ragunament taghhom fl-eccezzjoni mressqa sabiex tkun sfilzata kwalsiasi xhieda tal-Ispettur Keith Arnaud fejn dan jaghmel referenza ghal-intercettazzjonijiet telefonici mis-Servizzi tas-Sigurta' minghajr ma esebixxa l-mandat li kien jawtorizza dawn l-intercettazzjonijiet kif ukoll ir-registrazzjoni jew traskrizzjoni taghhom u li fihom kien gharaf lehen l-appellant George Degiorgio. Jissokta l-gravam bir-ragunament illi l-ewwel Qorti marret kontra l-gurisprudenza minnha stess citata u kontra dak minnha ddikjarat illi ma tirrizulta l-ebda prova dwar l-intercettazjonijiet ghal liema raguni allura ma kien hemm xejn li kellu jwaqqafha milli tisfilza l-parti tax-xhieda lamentata.

51. L-Avukat Generali wiegeb ghal dan il-gravam billi iccita dik il-parti rilevanti tas-sentenza tal-Qorti tal-ewwel grad ghaliex fil-fehma tieghu tali decizzjoni hija legalment korretta u preciza u ma ghamel l-ebda osservazzjoni ohra dwar dan l-aggravju;

52. Tajjeb li *in primis* jitqieghed in perspettiva dwar liema eccezzjonijiet jirreferi l-ilment tal-appellanti. Kif senjalat fin-notament sottolineat ta' din il-konsiderazzjoni l-eccezzjonijiet kolpiti, jigifieri dawk numru 11, 12, 17 u 22 lkoll kienu jitolbu l-isfilz tax-xhieda tal-Ispettur Keith Arnaud fejn jitkellem dwar intercettazjonijiet telefonici. Dawn jirreferu rispettivament ghal dak traskritt a fol 187, 203, 213 tal-atti kumpilatorji u inkluz mat-talba ghall-isfilz ta' dawn il-partijiet tad-deposizzjoni tieghu hemm it-talba ghall-isfilz ta' kull prova "*illi l-prosekuzzjoni tghid li kisbet minn jew bhala sequitur jew in konsegwenza ta' l-intercettazzjoni allegata mill-Ispettur Keith Arnaud*" (ara fol 96 para 17). Dak illi allura qed jitolbu l-appellanti hu li apparti l-isfilz tad-deposizzjoni tal-Ispettur Arnaud kull fejn isemmi li gie a konjizzjoni ta' informazzjoni bis-sahha ta' intercettazjonijiet telefonici jitlobu ukoll l-isfilz ta' kull prova

li setghet ingiebet mill-prosekuzzjoni bis-sahha ta' dawk l-intercettazzjonijiet la darba qatt ma ngiebet prova dwarhom;

53. Huwa palezi illi ghad li l-Ispettur Arnaud xehed li kien gie a konoxxenza ta' informazzjoni tramite intercettazzjonijiet telefonici huwa qatt ma esebixxa l-mandat li kien jawtorizza l-istess wisq anqas recording taghhom jew ressaq lil xi hadd biex jipprova li dawn kienu fil-fatt saru u saru skond il-ligi. Dwar dan, il-Qorti ma ghandhiex ghalfejn ticcita mill-atti processwali ghaliex hekk kien dikjarat mill-ewwel Qorti u m'huwiex kontestat la mill-appellanti u lanqas mill-Avukat Generali. Dak li hu allura kontestat huwa l-allegata illegalita' tal-intercettazzjonijiet u l-provi direttament konnessi ma' tali intercettazzjonijiet;

54. L-eccezzjonijiet mressqa mill-akkuzati kienu s-segwenti:

11. Illi l-esponenti jitlob l-isfilz ta' dik il-parti tax-xhieda moghtija mill-Ispettur Keith Arnaud waqt l-udjenza ta' nhar id-19 ta' Dicembru, 2017 quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti Istruttorja illi tinsab fl-ewwel paragrafu a fol. 186 ta' l-atti tal-Kumpilazzjoni u tibda fejn l-imsemmi xhud jghid *in the meantime konna*

*infurmati ukoll mis-servizz tas-sigurta' errmm..li ukoll assisti fl-investigazzjoni taghna..ermmm.fejn jidhlu ukoll intercepts* u tkompli sejra sa l-ewwel paragrafu a fol 187 ta' l-atti tal-kumpilazzjoni (tali paragrafu inkluz fl-intier). Dan l-isfilz qieghed jintalab, fost affarijiet ohra, billi

(a) tali xhieda hija fl-ahjar ipotezi *hearsay*;

(b) tali xhieda ma gietx ikkonfermata minn rapprezentanti jew membri tas-Servizzi tas-Sigurta' imsemmija fix-xhieda ta' l-Ispettur Keith Arnaud;

(c) il-prosekuzzjoni naqset milli taghmel id-debita prova illi l-intercettazzjoni allegata mill-Ispettur Keith Arnaud kienet qeghda issehh legalment inkluz bis-sahha ta' mandat mahrug ai termini tad-disposizzjonijiet tal-Kap. 391 tal-Ligijiet ta' Malta;

(d) ladarba dak illi xehed dwar[u] l-Ispettur Keith Arnaud huwa *hearsay,* ma giex ikkonfermat minn rapprezentanti jew membri tas-Servizzi tas-Sigurta' u ma saritx il-prova illi tassew kien hemm xi intercettazzjoni li sehhet legalment inkluz bis-sahha ta' mandat kif titlob il-ligi hemm ukoll nuqqas iehor u dak huwa fil-kontinwita' u fic-*chain of custody* li kellha tigi stabbilita' sabiex l-allegata prova titqies ammissibbli;

(e) tali prova hija wkoll ghal kollox inammissibbli billi ladarba ma gietx ikkonfermata minn rapprezentanti jew membri tas-Servizzi tas-Sigurta' imsemmija fix-xhieda ta' l-Ispettur Keith Arnaud u ladarba ma gie esebit l-ebda *recording* u l-ebda mandat, l-esponenti ma ghanhdom l-ebda mezz ta' kontroll ta' tali prova;

(f) in kwantu l-Ispettur Keith Arnaud jixhed illi f'xi telefonata jew telefonati jinstema' jitkellem l-akkuzat George Degiorgio, tali xhieda hija inammissibbli ghar-raguni ulterjuri illi mhux biss tali allegati intercettazzjonijiet ma gewx prodotti (bhala *recording*) jew b'xi mod ikkonfermati izda wkoll billi l-Ispettur Keith Arnaud la kien mahtur bhala espert u lanqas ghandu xi kapacita' ta' *voice recognition* biex jixhed bhala fatt illi vuci li tinstema' fuq allegata intercettazzjoni hija ta' wiehed mill-akkuzati;

(g) inoltre u minghajr pregudizzju, l-allegati intercettazzjonijiet ma fihom l-ebda referenza ghall-ebda data partikolari;

12. Illi bhala konsegenza ta' dak eccepit fil-paragrafu precedenti, l-esponenti jitlob l-isfilz ta' kull prova illi l-prosekuzzjoni tghid illi kisbet minn jew bhala *sequitur* jew

in konsegwenzata' l-intercettazzjoni allegata mill-Ispettur Keith Arnaud;

17. Illi l-esponenti jitlob l-isfilz ta' dik il-parti tax-xhieda moghtija mill-Ispettur Keith Arnaud waqt l-udjenza ta nhar l-20 ta' Dicembru, 2017 quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti Istruttorja li tinsab fit-tielet paragrafu a fol. 203 ta' l-atti tal-kumpilazzjoni u tibda minn fejn tali xhud jghid *Kif ghedt il bierah dik il-call li giet intercepted li ghamel George Degiorgio* u tkompli sa l-ahhar ta' dak il-paragrafu u dana l-isfilz qieghed jintalab ghal dawk ir-ragunijiet kollha elenkati f'paragrafu 11 ta' din in-nota u ghaldarb'ohra bhala konsegwenza ta' dak eccepit f'dak il-paragrafu, l-esponenti jerga' jitlob l-isfilz ta' kull prova illi l-prosekuzzjoni tghid illi kisbet minn jew bhala *sequitur* jew in konsegwenza ta' l-intercettazzjoni allegata mill-Ispettur Keith Arnaud;

22. Illi l-esponenti jitlob l-isfilz ta' dik il-parti tax-xhieda moghtija mill-Ispettur Keith Arnaud waqt l-udjenza ta' nhar l-20 ta' Dicembru, 2017 quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti Istruttorja illi tinsab a fol. 123 ta' l-atti tal-kumpilazzjoni fejn gie mistoqsi u xehed dwar *intercepts*. Dan l-isfilz qieghed jintalab, fost affarijiet ohra, billi:

(a) tali xhieda hija fl-ahjar ipotezi *hearsay*;

(b) tali xhieda ma gietx ikkonfermata minn rapprezentanti jew membri tas-Servizzi tas-Sigurta' imsemmija fix-xhieda ta' l-Ispettur Keith Arnaud;

(c) il-prosekuzzjoni naqset milli taghmel id-debita prova illi l-intercettazzjoni allegata mill-Ispettur Keith Arnaud kienet qeghda issehh legalment inkluz bis-sahha ta' mandat mahrug ai termini tad-disposizzjonijiet tal-Kap. 391 tal-Ligijiet ta' Malta;

(d) ladarba dak illi xehed dwar[u] l-Ispettur Keith Arnaud huwa *hearsay,* ma giex ikkonfermat minn rapprezentanti jew membri tas-Servizzi tas-Sigurta' u ma saritx il-prova illi tassew kien hemm xi intercettazzjoni li sehhet legalment inkluz bis-sahha ta' mandat kif titlob il-ligi hemm ukoll nuqqas iehor u dak huwa fil-kontinwita' u fic-*chain of custody* li kellha tigi stabbilita' sabiex l-allegata prova titqies ammissibbli;

(e) in kwantu l-Ispettur Keith Arnaud jixhed illi f'xi telefonata jew telefonati jinstema' jitkellem l-akkuzat George Degiorgio, tali xhieda hija inammissibbli ghar-raguni ulterjuri illi mhux biss tali allegati intercettazzjonijiet ma gewx prodotti (bhala *recording*) jew b'xi mod ikkonfermati izda wkoll billi l-Ispettur Keith

Arnaud la kien mahtur bhala espert u lanqas ghandu xi kapacita' ta' *voice recognition* biex jixhed bhala fatt illi vuci li tinstema' fuq allegata intercettazzjoni hija ta' wiehed mill-akkuzati;

55. Illi ghalhekk l-eccezzjonijiet appena riprodotti ghandhom zewg ghanijiet, igifieri li fl-ewwel lok tkun sfilzata ix-xhieda tal-Ispettur Keith Arnaud kull fejn jghid illi isemmi li sar jaf b'certu informazzjoni tramite intercettazzjonijiet telefonici u fit-tieni lok li tkun sfilzata kull prova li l-prosekuzzjoni tghid illi kisbet tramite dawn l-intercettazzjonijiet;

56. Issa, kwantu l-ewwel aspett ta' dawn l-eccezzjonijiet l-akkuzati jirritjenu, in sintesi, illi jkunu serjament pregudikati jekk ix-xhud jithalla jghid illi l-informazzjoni minnu allegatament akkwizita originat minn intercettazzjoni ta' telefonati mis-Servizzi ta' Sigurta' meta l-prosekuzzjoni ma ressqitx dawk il-provi biex turi li jekk verament kien hemm intercettazzjonijiet telefonici dawn saru skond il-ligi li f'dan il-kaz kellu jkun pruvat biss permezz ta' mandat mahrug fit-termini tal-Kapitolu 391 tal-Ligijiet ta' Malta;

57. Ezaminata t-traskrizzjoni tal-parti tad-deposizzjoni tal-Ispettur Keith Arnaud (ara fol 186 tal-atti processwali), jirrizulta illi ix-xhud ddikjara illi kien ircieva informazzjoni minghand is-Servizzi tas-Sigurta' li kienu ukoll qed jassistu fl-investigazzjoni li t-telefon b'numru registrat f'isem George Degiorgio kien qieghed "*on intercepts mas-servizzi tas-sigurta*"' u wara li vverifikaw ir-records taghhom kienet instemghet telefonata li sehhet fis-16 t'Ottubru, 2017 mit-telefon tal-istess George Degiorgio;

58. L-ewwel Qorti kkoncediet illi minn ezami tal-provi mressqa fl-Istruttorja ma ngiebet ebda prova ulterjuri tal-intercettazjonijiet u l-mandat sabiex isiru dawk l-intercerazzjonijiet kif ukoll li mill-lista tax-xhieda akkluza mal-Att ta' Akkuza ma hemm l-ebda persuna mill-ufficcju tas-Servizzi tas-Sigura ndikata bhala xhud. Minkejja dan, l-ewwel Qorti kkonkludiet hekk dwar l-eccezzjoni in disamina:

> *Illi l-Att [*Kap 391] *jipprovdi illi kollox ghandu jsir b'segretezza assoluta dwar l-operat u sahansitra l-kontrolli fuq l-operat tas-Servizz huma mill-inqas, skont il-ligi bil-hrug ta' mandat relattiv mill-Ministru responsabbli li bis-*

*sahha tieghu saru tali intercettazzjonijiet Dan ma jfissirx, madankollu li dak mistqarr minn* [l-Ispettur Keith Arnaud] *ghandu jitqies inammissibli a priori minn din il-Qorti billi dak li jemergi minn din ix-xhieda huwa relevanti ghal facts in issue u kwindi ma jistax jigi eskluz.*(fol 45 tas-sentenza appellata);

*Maghmulha dawn il-konsiderazzjonijiet il-Qorti ma tistax taqbel ma'l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-akkuzati illi* a priori *dik il-parti tax-xhieda tal-Ufficjal Investigattiv tigi skartata ghaliex inammissibbli u dan ghaliex l-persuna li ghaddiet l-informazzjoni lill-pulizija ma tistax tingieb biex tixhed sabiex tikkonferma dak dikjarat mill-Ufficjal Investigativ. Din tista' tikkostitwixxi prova ai fini tal-investigazzjonijiet kondotti mill-pulizija izda mhux bhala prova diretta tal-kontenut taghha, kif inghad. Dan iktar u iktar ghaliex prova diretta tal-kontenut tat-telefonata tista' tohrog minn provi ohra li tista' tressaq il-Prosekuzzjoni u allura ma tistax tqies illi dak mistqarr mill-Ispettur Arnaud f'din il-parti tax-xhieda tieghu hija msejsa unikament fuq l-intercettazzjonijiet telefonici li saru mis-Servizzi tas-Sigurta u li ma hemmx prova dwarhom in atti. Kwindi din l-eccezzjoni qed tigi respinta b'dan ill fl-ewwel lok il-Prosekuzzjoni ghandha timxi skond id-direzzjoni moghtija mill-qorti iktar 'il fuq u fin-nuqqas, l-Imhallef togat ghandu*

*jidderigi lil gurija x'piz ghandu jinghata lil dan l-estratt mix-xhieda tal-Ufficjal Investigattiv, liema parti minnha ghandha tigi skartata jekk mhux sostanzjata bi provi diretti u skond il-ligi, u liema ghandha tigi ammessa u dana fejn temergi l-katina tal-evidenza shiha li trid il-ligi.* (fol 48 tas-sentenza appellata);

59. Jokkorri *in primis* li jkun mistharreg il-provvediment tal-ligi li jitratta dwar l-intercettazzjonijiet telefonici li jinsab fil-Kapitolu 391 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Att Dwar is-Servizzi Tas-Sigurta'. Dak li jindirizza l-kwistjoni hawn devoluta huwa l-artikolu 6(2) li jipprovdi hekk:

**Ebda intercettazzjoni ta' jew interferenza ma' komunikazzjonijiet fil-kors tat-trasmissjoni taghhom bil-posta jew bil-mezz ta' sistema ta' radjokomunikazzjoni jew ta' telekomunikazzjoni jew b'kull mezz iehor ma ghandu jkun kontra l-ligi jekk dan jigi awtorizzat b'mandat mahrug mill-Ministru bis-sahha ta' dan l-artikolu.**

60. Issa kif tajjeb osservat l-ewwel Qorti, minkejja li l-Att jeskludi kull forma ta' skrutinju l-gurisprudenza ma teskludix il-jedd tal-qrati li jkollhom kontroll fuq il-veracita' tal-fatti allegati. In sostenn ta' dan iccitat is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tal-1 ta' Marzu, 2011 fl-ismijiet Avukat Generali vs Kap tas-Servizzi tas-Sigurta et u indikat ukoll dik tad-9 ta' Dicembru 2011 fl-ismijiet Avukat Generali

vs Il-Kap tas-servizzi tas-Sigurta' et tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili u dik tal-Qorti tal-Appell tal-24 ta' Frar, 2012 fl-ismijiet Avukat Generali vs Kap tas-Servizzi tas-Sigurta' et.;

61. Ezaminati dawn is-sentenzi, u ghall-precizjoni, tajjeb li jkun osservat illi dak riprodott mill-ewwel Qorti u annotata bin-numru 15 huwa parti mill-konsiderazzjonijiet fis-sentenza PA GCD 01/03/2011 li kien ukoll riprodott fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Sede Civili) li kkonfermat dik PA GCD 01/03/2011. Il-bran annotat bin numru 16 imbaghad huwa parti minn dak li qalet il-Qorti tal-Appell dwar is-sentenza hawn l-ahhar imsemmija meta qablet ma' dak li ssottometta wiehed mill-appellati Marco Pace meta ccita lill "Archbold (Edit. 2008) li rrifera ghall-opinjoni li kienu taw il-house of Lords fl-Ingilterra fl-2005;

62. Biss din il-Qorti thoss illi diskussjoni dwar jekk decizjoni ta' Qorti li tissindika jekk ordni sabiex ikun esebit mandat ta' intercettazzjoni li dwaru xehed ix-xhud jmur 'l hinn mill-fini tal-gravam odjern ghaliex hawn mhux qed tkun attakata decizoni simili jew wahda kontrarja. Dak li qed ikun attakat huwa d-decizjoni tal-ewwel Qorti li ma tisfilzax dik il-parti tax-xhieda tal-Ispettur Keith Arnaud li

titratta dwar intercettazzjonijiet u l-provi hemm marbuta meta l-ispettur Arnaud ma esebiex kopja tal-mandat jew registrazzjoni tat-telefonata/i intercettati. Il-pern tal-kwistjoni allura hu jekk l-allegata illegalita' fl-intercettazzjoni ta' telefonata konsistenti fl-eghmil taghha meta mhux awtorizzata skond il-ligi, ghandhiex tithalla tipperpetwa ruhha fi proceduri kriminali kontra l-appellanti billi deposizzjoni dwarha tithalla ssir quddiem il-guri daqs li kieku l-intercettazzjoni saret skond il-ligi;

63. Ventilat dan, jokkorri issa decizjoni dwar il-mod kif l-ewwel Qorti ddisponiet minn dawk l-eccezzjonijiet. Din il-Qorti issa taghmel referenza ghall-ahhar sentenza citata li hija appell minn sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili f'kawza proposta mill-Avukat Generali wara li l-Qorti tal-Magistrati kienet orndat lix-xhud f'kumpilazzjoni jesebixxi l-mandat allegatament mahrug mill-Ministru sabiex isiru intercettazjonijiet telefonici liema mandat kien eventwalment esebit. Il-Prim'Awla tal-Qorti Civili kienet cahdet it-talba tal-Avukat Generali sabiex tiddikjara dik l-ordni u l-agir tal-Kap tas-Servizz tas-Sigurta [li f'dan il-kaz kien ghamel talba ghar-revoka tad-digriet] bhala li jmur

kontra d-dispost tal-artikolu 18 tal-Kap 391 u kienet irriteniet hekk:

> "Din il-Qorti taqbel ma' dak li gie sottomess quddiem il-Qorti tal-Magistrati mill-appellat Marco Pace, meta saret riferenza ghall-kummentarju Ingliz ghal-ligi penali tal-Ingilterra fejn il-ligi Maltija ssib l-origini taghha. Saret riferenza ghall-"Archbold" (Edit. 2008) li rrifera ghal opinjoni li kienu taw il-House of Lords fl-Ingilterra fl-2005 fis-sens li dik l-istituzzjoni irragunat li "*it would be absurd that there could be no inquiry as to whether an interception was lawfully authorised or not, as to whether or not the interceptor's conduct was excluded from criminal responsibility"*. Din il-Qorti ittenni li l-qrati Maltin ghandhom gurisdizzjoni inerenti jissindikaw il-legalita' ta' kull att amministrattiv, u ebda ligi ma tista' tigi interpretata b'mod li twassal lil Qorti li ma jimpurtahiex dwar jekk agir amministrattiv huwiex legali jew le";

64. Illi dak li jidher mit-traskrizzjonijiet tad-deposizzjoni tal-Ispettur Keith Arnaud, allura jmur 'l hinn mill-potenzjali *hearsay* klassiku li, jekk jinghad quddiem il-guri, ghandu jkun opportunament indirizzat mill-imhallef togat kif diversi

drabi osservat minn din il-Qorti fil-paragrafi precedenti. Dan ghaliex dak li xehed l-Ispetter Arnaud in rigward la hu u wisq anqas jista' jkun kkorobarrat minn xhieda ohra minn dan l-istadju 'l quddiem. Huwa bil-wisq manifest illi dak li ddepona l-Ispettur ifisser illi t-telefon tal-akkuzat George Degiorgio kien qieghed taht osservazzjoni sa minn qabel l-ispluzjoni tal-vettura li fiha kienet tinsab Caruana Galizia. Huma bosta l-inferenzi li jistghu jkunu misluta minn dawn id-deposizzjonijiet, pero, apparti dan, la darba ma jistax aktar ikun esebit il-mandat li kien awtorizza dik l-intercettazzjoni, wisq anqas l-allegata registrazzjoni li dwarha xehed l-Ispettur, allura ghaliex ghandha l-Qorti tippermetti li jsiru tali dikjarazzjonijiet quddiem il-gurati? Anke wara d-debita direzzjoni tal-imhallef togat lil guri dwar x'ikunu l-konsegwenzi meta ma ngibitx prova tal-mandat, tal-legalita' tal-intercettazzjoni, ta' min ghamel ir-registrazjoni u tar-registrazzjoni nnifisha, anke ukoll wara d-debitu kontro-ezami tal-Ispettur, kemm tista' tkun ta' pregudizzju ghall-akkuzati fil-kawza kontra taghom? Tistaqsi l-Qorti jekk dan huwiex sufficjenti biex ikun assigurat li gurija li tisma' li kien hemm tali intercettazzjoni minn organu ufficjali twarrabha mill-memorja taghha meta

qed tgharbel il-provi mressqa, jew in-nuqqas taghhom f'dan il-materja partikolari waqt id-deliberazzjoni?;

65. L-ewwel Qorti citat bran sostanzjali mis-sentenza Schenk vs Switzerland kif riprotata fil-ktieb ta' HARRIS, O'BOYLE, BATES & BUCKELY "Law of the european Convention on Human Rights" (Oxford University Press, 2014 pp 418-419) (ara fol 45 sa 46 tas-sentenza appellata). F'dak il-kaz, izda, kienet esebita registrazjoni, "*tape recording*" ta' konversazzjoni ottenuta illegalment kontra id-disposizzjonijiet tal-ligi kriminali u ligijiet ohra tal-Isvizzera. Kien hemm deciz illi "*evidence may be admitted even if illegally obtained if it does not render the proceedings unfair",* dejjem skond il-ligi tal-Isvizzera. Fil-kaz odjern opportunament ikun imfakkar li ma kienet esebita l-ebda registrazzjoni minkejja li x-xhud ddepona dwarha fl-Istruttorja. Eqreb lejn l-origini tal-ligi kriminali procedurali taghna, **Cross On Evidence – Fourth Edition 1974** pp 12 -13 hu tas-segwenti fehma:

> **At a trial by jury the party relying on the tape-recording must satisfy the judge that there is a prima facie case that it is the original, and it must be sufficiently intelligible to be placed before the jury.**

**The evidence must define and describe the provenance and history of the recording up to the moment of its production in court. ..../.... In *R. v. Senat and R. v. Sin* [91968), 52 Cr. App. Rep. 282] tape-recordings of incriminating telephone conversations tapped on behalf of a party to divorce proceedings were held to have been rightly admitted at a criminal trial. If the tapping had been the work of the police acting without due authorisation, a problem relating to the admissibility of illegally obtained evidence might have been raised. The method by which a recording was obtained could give rise to a claim that the evidence concerning it should be excluded in the public interest, [*State v. Peake,* 1962 (3) S.A. 572] or to a claim that the recording should be excluded as an improperly obtained confession.**

66. Il-kwistjoni hawn devoluta fil-fatt tirraprezenta diffikulta' aktar minn dik appena riskontrata fil-bran citat proprju ghaliex ma kienet esebita l-ebda registrazzjoni bil-konsegwenza li l-akkuzati ma ghadhom l-ebda kontroll biex jikkonfermaw il-veracita' taghha. Dak li l-guri ser ikunu rinfaccjati bih hija dikjarazzjoni tal-Ispettur illi hu sema

registrazzjoni li fiha gharaf lehen l-akkuzat George Degiorgio minghajr ma jghid min ghaddielu r-registrazzjoni u jekk dik ittihditx b'mod legali la darba kienet rizultat ta' intercettazzjoni fuq telefon li kien qieghed taht sorveljanza;

67. Illi ghalhekk l-appellanti ghandhom ragun dwar din il-parti tal-aggravju taghhom u ghalhekk il-Qorti ser tghaddi biex tordna l-isfilz ta' parti mix-xhieda tal-Ispettur Keith Arnaud u liema xhud ma ghandu jahgmel l-ebda referenza ghall-telephone tapping u registrazzjoni taghhom fil-partijiet indikati mill-appellanti;

68. L-istess izda ma jistghax jinghad dwar it-tieni parti ta' dan l-aggravju senjatament li tkun sfilzata kwalsiasi prova provenjenti minn informazzjoni li l-Ispettur Keith Arnaud allegatament inghata mis-Servizzi ta' Sigurta'. Dan ghaliex dak li seta' rrizultalu mill-investigazzjoni minnu kondotta huwa legalment ammissibbli jekk jirrizulta bhala fatt. Jekk sar it-tiftix ghall-prova ta' telefonata ricevuta minn terz u jekk dak it-terz instab u ttella biex jiddeponi dwarha allura ma jkun hemm xejn li huwa inammissibbli f'dak il-kaz anke jekk ghall-grazzja tal-argument l-informazzjoni kienet mghoddija lill-Ispettur b'mod anonimu. Fi kliem iehor, jekk

l-investigatur mexa fuq informazzjoni anonima u mill-indagini ghalih ikun rrizulta dak lilu zvelat, l-evidenza hekk skoperta hija wahda ammissibbli liema evidenza imbaghad hija soggetta ghar-regoli ta' procedura inkluz id-dritt tal-kontro-ezami mill-akkuzat;

69. Illi sabiex ikun evitat kull ekwivoku, ghalkemm it-talba f'dan l-aggravju donnha hi limitata ghall-isfilz ta' kull referenza ghall-intercettazzjonijet, l-eccezzjonijiet kolpiti, igifieri dawk numru 11, 12, 17 u 20 jirreferu mhux biss ghar-referenza izda ukoll ghall-kull evidenza naxxenti mill-allegata intercettazzjoni illegali. Fl-ewwel lok, din il-Qorti ma hi qed tallega l-ebda illegalita' fl-allegata intercettazzjoni. Jekk il-Prosekuzzjoni ma riditx tissostanza l-allegazzjoni tal-intercetazzjonijiet billi tonqos milli tesebixxi l-mandati opportuni ma ghandux b'daqshekk ifisser li dawn ma kinux jezistu ghaliex ugwalment jista' jfisser li ghandha ragunijiet ghaliex ma ghamlitx hekk inkluz ragunijiet ta' sigurta' nazzjonali. Dak izda tarah u terfa' r-responsabilita' tieghu l-prosekuzzjoni. Fit-tieni lok, ghalkemm din il-Qorti qed tilqa' l-aggravju kwantu jolqot biss ir-riferenza ghall-intercettazzjonijiet dan ma jestendix ghal dak mitlub

ulterjorment fl-eccezzjonijiet indikati, igifieri li tkun sfilzata kull prova li hi rizultat tal-allegati intercettazzjonijiet;

**Is-Sitt Aggravju:**

L-eccezzjonijiet 13, 14, 15, 16, 18, 19, 20, 21 u 104 marbuta ma' dik il-parti tax-xhieda moghtija mill-Ispettur Keith Arnaud fejn huwa jezebixxi ritratti li juru s-sit tad-delitt li huwa kiseb mis-sit elettroniku *GoogleEarth* u ritratti u dokumenti ohra redatti minnu li fuqhom hemm indikazzjonijiet ta' dak li rrizulta lill-investigaturi fl-investigazzjonijiet inizjali minnhom kondotti.

70. Dan l-aggravju jolqot diversi eccezzjonijiet preliminari kif appena indikat li jirrigwardaw dik il-parti tax-xhieda tal-Ispettur Keith Arnaud meta esebixxa u tkellem dwar ritratti li hu nizzel mis-sit elettroniku *Google Earth* u fuqhom ghamel superimposizzjonijiet u notamenti ta' fejn instabu sitwati oggetti fosthom il-vettura ta' Caruana Galizia, ir-residenza taghha u truf ta' sigaretti;

71. **L-appellanti** jillanjaw illi dawn ir-ritratti la huma u lanqas ser ikunu kkonfermati, ma saret l-ebda verifika

teknika minn esperti illi tali ritratti tassew jirriflettu b'mod fidil u preciz l-akkwati ta' u x-xena ta' l-incident u li fihom hemm mizjuda indikazzjonijiet minn terzi minghajr ma jirrizulta min huma dawn it-terzi. L-appellanti jindikaw li l-oggezzjoni taghhom tirreferi ghas segwenti: "*fol. 216: Bidnija, QQZ668 – Parked, victim's residenza, explosion, cigarette bud (ikkoreguta: butt); fit-tieni ritratt a fol 217: Bidnija, QQZ 668, cigarette bud (ikkoreguta: butt), fit-tielet ritratt a fol 218: bidnija, QQZ 668 – Parked, victim's residenza, explosion, QQZ 668, cigarette bud; fir-raba ritratt a fol 219: Bidnija, cigarette bud QQZ668, explosion; fil-hames ritrtt a fol 220: Bidnija, QQZ668 – Parked, victim's residenza, explosion, QQZ, cigarette bud; fis-sitt ritratt a fol. 221: Bidnija, QQZ668 – Prked, victim's residence; fit-tmien ritratta fol. 223: Bidnija – Victim'sResidenza' QQZ 668 – Parked, victim's residence*". Jaghmlu referenza ukoll ghad-Dok KA9 intitolat CellID's/Cell Names and Coverage Maps of Bidnija, Burmarrad, Mosta, Mgarr, Zebbiegh li jinsab a fol 238 sa 257 tal-atti kumpilatorji;

72. **L-Avukat Generali** jirreplika li dawn id-dokumenti m'humiex inammissibbli *a priori* stante li jammontaw ghall-*visual aides* redatti mill-Ufficjal Investigatur u ntizi biss biex

jghinu fl-ispjegazzjoni tieghu dwar l-*iter* ta' l-investigazzjoni u kull haga fihom kienet ser tkun pruvata minn provi diretti ohra. Inoltre fl-hekk imsejjah stadju ta' l-'eccezzjonijiet preliminari', l-Qorti trid tara biss jekk prova hijiex legalment *ammissibbli* jew le ghaliex ir-*rilevanza u l-valur probatorju* ta' dik il-prova tithalla f'idejn il-gurati bid-direzzjoni tal-Imhallef togat;

73. Illi dwar dan l-aggravju japplika dak gia ritenut minn din il-Qorti fil-paragrafi antecedenti illi l-ma hemm xejn li jirrendi ix-xhieda tal-Ispettur Keith Arnaud inammissibbli kwantu din tikkonsisti fl-esposizzjoni tal-kaz bil-fatti kif rakkontati lilu mill-esperti tal-Qorti. Ezaminati d-dokumenti li ghalihom jaghmlu referenza l-appellanti, jemergi illi dawn jikkonsistu f'ritratti satellitari tal-allegata xena mnizzla mis-sit *Google Earth* u fuqhom hemm indikat l-varji oggetti li l-Ispettur ghazel jimmarka skond kif jew ikkonstata hu stess jew intqal lilu mill-esperti. Wara li l-Qorti ezaminat bir-reqqa kemm ir-ritratti esebiti kif ukoll id-decizzjoni tal-ewwel Qorti, tqis illi din hija inecepibbli f'dan ir-rigward u ghalhekk a skans ta' ripetizzjoni tal-paragrafi precedenti li jghoddu ukoll ghal dan il-gravam tichad l-istess;

**Is-Seba' Aggravju:**

Dwar l-eccezzjoni numru 23 rigwardanti talba ghall-isfilz tad-Dokument KA28 konsistenti fid-dikjarazzjoni ta' rifjut ta' jedd ghal parir legali ta' l-akkuzat George Degiorgio billi tali rifjut ma sarx fil-presenza ta' zewg xhieda tant ill l-imsemmija dikjarazzjoni ma hijiex iffirmata minn PC442 Gary Scerri u dan bi ksur tal-artikolu 355AUA(6) tal-Kodici Kriminali.

74. Din l-eccezzjoni tolqot lill-akkuzat George Degiorgio meta jilmenta fl-inammissibilita' tad-Dok KA28 li huwa rifjut ghall-jedd ta' parir legali f'waqtu, qabel ma sar l-interrogatorju, stante li mhux iffirmat minn zewg xhieda kif jitlob l-artikolu 355AUA(6) tal-Kodici Kriminali. Issa, filwaqt illi l-akkuzat jillanja li skond l-imsemmi artikolu r-rifjut ta' assistenza legali irid ikun registrat bil-miktub fil-presenza ta' zewg xhieda, ix-xhud PC442 [indikat fuq ir-rifjut] ma kienx prezenti u ghalhekk ma sarx skond il-ligi, l-Avukat Generali jirreplika li minkejja din l-assenza, l-istess ufficjal kien prezenti meta l-akkuzat inghata d-dritt ghall-assistenza legali;

75. Illi bl-introduzzjoni tad-dritt ghall-assistenza legali fl-hekk imsejjah *pre trial stage* fis-sistema penali taghna, u bl-emendi sussegwenti l-Att III tas-sena 2002, senjatament bl-Att LI tal-2016 kien introdott l-artikolu 355AUA fil-Kodici Kriminali li fis-subartikoli (3) u (6) tieghu li jipprovdi hekk:

**(3) Talba ghall-assistenza legali ghandha tigi rrekordjata fir-rekord ta' kustodja flimkien mal-hin meta l-persuna li tkun ghamlitha tkun il-qorti wara li tkun akkuzata b'reat f'liema kaz it-talba m'ghandhiex ghalfejn tigi rrekordjata.**

**(6) Meta l-persuna mizmuma taghzel li ma tfittixx assistenza legali l-Pulizija Ezekuttiva, l-ufficjal li jkun qieghed jinvestiga jew kull awtorita' ohra ghall-infurzar tal-ligi jew awtorita' gudizzjarja ghandhom jirrekordjaw dan il-fatt bil-miktub fil-presenza ta' zewg xhieda u malli jsir dan tibda l-interrogazzjoni minnufih. M'ghandux ikun ammissibbli li l-prosekuzzjoni tikkummenta waqt il-proceduri quddiem il-qorti tal-gustizzja ta' gurisdizzjoni kriminali fuq il-fatt li l-persuna suspettata jew akkuzata ma ghazlitx li taghmel uzu mill-assistenza legali waqt li kienet qed tinzamm taht arrest.**

L-artikolu 355AUG imbaghad jigbor fih il-qofol ta' dan id-dritt meta jipprovdi hekk:

**355AUG (1) Minghajr pregudizzju ghad-dispsoizzjonijiet ta' dan is-Sub-titolu li jehtieg il-presenza mandatorja jew assistenza ta' avukat, fir-rigward ta' kwalunkwe rinunzja ta' dritt imsemmi fl-artikolu 355 UAU u 355AUH:**

**(a) il-persuna suspettata jew akkuzata ghandha tinghata, verbalment jew bil-miktub, informazzjoni cara u sufficjenti b'lingwa semplici u li tinftiehem dwar il-kontenut tad-dritt ikkoncernat u l-konsegwenzi possibbli f'kaz li ssir rinunzja ghalih;**

**(b) ir-rinunzja ghandha tinghata volontarjament u b'mod inekwivoku.**

**(2) Ir-rinunzja, li tista' ssir bil-miktub jew verbalment, ghandha tkun registrata kif ukoll ic-cirkostanzi li fihom tkun saret ir-rinunzja, bl-uzu ta' kwalunkwe procedura ta' rekordjar permessa bil-ligi;**

**(3) Il-persuna suspettata jew akkuzata tista' tirrevoka r-rinunzja sussegwentement fi kwalunkwe stadju waqt il-proceduri kriminali, u ghandha tkun infurmata dwar din il-possibilita'. Dik ir-revoka ghandu jkollha effett biss mill-mument li tkun saret.**

76. Issa, kif tajjeb traccat mill-ewwel Qorti mill-atti kumpilatorji, PC442 ikkonferma fid-deposizzjoni tieghu illi hu ma kienx prezenti meta l-akkuzat George Degiorgio iffirma ghar-rifjuta tal-jedd li jkun assistit minn avukat qabel ma sar l-interrogatorju tieghu ghalkemm kien prezenti meta inghata dan il-jedd. L-ewwel Qorti traccat ukoll it-traskrizzjoni tar-registrajoni ta' dan il-fatt li saret b'mod audio-viziv fil-5 ta' Dicembru, 2017 fejn l-Ispettur Arnaud fil-presenza tal-Ispettur Kurt Zahra jistaqsi lill-akkuzat jekk kienx minnu li l-jum ta' qabel kien inghata d-dritt li jkun assistit minn avukat jew jikkonsulta ma' avukat qabel ma jsirulu domandi u regghu tawh il-jedd qabel isirilu domandi. Oltre, dan kien traccat ukoll mill-ewwel Qorti l-episodju dwar l-access kondott mill-Magistrati Inkwirenti fil-Kwartieri

Generali tal-Pulizija fejn kienu prezenti l-Assistent Kumissarju Dennis Theuma, l-Ispettur Kurt Zahra u l-Ispettur Charlot Casha fit-tehid ta' kampjuni minn fuq is-suspettati fejn jirrizulta ghal dar'ohra li dawn irrifjutaw li jezercitaw dan il-jedd;

77. Illi fuq din l-iskorta, l-ewwel Qorti kkonkludiet illi kien hemm bizzejjed x'juri illi l-akkuzat George Degiorgio kien inghata il-jedd ghall-assistenza legali u rrifjuta dan il-jedd ripetutament. Ikkonkludiet ukoll illi isem rix-xhud PC 442 huwa indikat fil-lista ta' xhieda li l-prosekuzzjoni fi hsiebha tressaq quddiem il-guri u li wara kollox l-akkuzat qatt ma ressaq ebda lment sabiex jimpunja l-istqarrija tieghu bazata fuq dan ir-ragunament;

78. Mill-atti processwali, a fol 380 hemm ezebit dokument bin-numru KA28 intestat ***<u>Dikjarazzjoni ta' rifjut ta' jedd ghal parir legali</u>*** bid-data tal-5 ta' Dicembru, 2017 fil-hin tat-tmienja ta' filghaxija li jikkontjeni s-segwenti dikjarazzjoni. "*Wara li jien, George Degiorgio gejt arrestat illum fil-kors ta' l-investigazzjoni mill-Pulizija rigwardanti l-omicidju tal-gurnalista Daphne Caruana Galizia li sehh nhar is-16 t'Ottubru 2017, u xi reati ohra li jistghu johorgu matul il-kors ta' din l-investigazzjoni,, gejt infurmat mill-Ispettur Keith*

*Arnaud, li jien ghandi l-jedd, jekk hekk nitlob, li qabel ma issirli xi nterrogazzjoni nithalla kemm jista' jkun malajr nikkonsulta privatament ma' avukat jew prokuratur legali, wicc imbiwcc jew bit-telefon, ghal mhux aktar minn siegha zmien, jew inkella li jkun prezenti matul l-interrogazzjoni, qieghed niddikjara li jien nirrinunzja milli nezercita dan id-ditt".* Taht din id-dikjarazzjoni hemm firem fuq l-ismijiet tal-Keith Arnaud – Spettur, Emanuel Saliba – PS 1152 izda fuq l-ismijiet George Degiorgio bl-ID Card indikata u ta' Gary Scerri PC 442 ma hemm l-ebda firma;

79. Issa, jekk b'dak li jipprovdi l-Kodici Kriminali fl-artikoli riprodotti hu mahsub li jkun accertat li hadd ma jkun mitkellem, interrogat jew xorta'ohra mgieghel sabiex jitkellem waqt li fil-kustodja tal-Pulizija, allura dan il-ghan huwa milhuq fid-diversi okkazjonijiet fejn l-akkuzat kien ripetutament mistoqsi jekk iridx jitlob li jkun legalment assisit qabel kull intervent kollokwu li sarlu. Ezaminata t-traskrizzjoni tad-deposizzjoni ta' PC422 fit-12 ta' Dicembru 2017 a fol 449 tal-atti kumpilatorji, hu jikkonferma illi filwaqt li kien prezenti meta *ommisis* inghata il-jedd ghall-assistenza legali u l-firma tieghu tinsab fuq id-dokument KA 27, ghalkemm ma kienx prezenti biex jiffirma id-Dok KA28 (dak in kwistjoni), jiftakar li kien inghata dan id-dritt mill-

ufficjal Prosekutur. Ghalhekk din il-Qorti taghmel taghha l-konkluzzjonijiet tal-ewwel Qorti qabilha u ssib illi n-nuqqas ta' firma tax-xhud ghar-rifjut ta' dan il-jedd ma ggib ebda konsegwenza fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz. Konsegwentement, dan l-aggravju qed ikun michud;

**It-Tmien Aggravju:**

Eccezzjonijiet 26, 27 u 28 li bihom intalab l-isfilz ta' parti mix-xhieda ta' PS 1152 Manwel Saliba u tad-Dokumenti minnu pprezentat mmarkati MS1 u MS2

80. L-eccezzjoni numru 26 titratta dwar dik il-parti tad-deposizzjoni ta' PS 1152 meta ipprezenta id-dokument immarkat MS1 konsistenti f'stampat mis-sit *Google Earth* u esebit a fol 577 tal-atti kumpilatorji. Dan huwa ritratt satellitari tat-terren tal-parti mill-kosta tal-Lvant ta' Malta u juri l-Port il-Kbir, l-Belt Valletta u parti mill-Marsa. Fuq dan id-dokument hemm imposti ismijiet tal-postijiet maghmula mill-istess PC 1152 fl-ezercizzju li ghamel sabiex jindika x'kien l-involviment tieghu fil-kaz. Isostnu l-appellanti illi dan ix-xhud m'huwiex espert u ghalhekk ma kienx fil-kompitu tieghu li jaghmel dawk iz-zidied fir-ritratt minnu

esebit u l-lanjanza taghhom hi li l-ewwel Qorti naqset milli titratta dawn il-kwistjonijiet;

81. Issa, mis-sentenza tal-ewwel Qorti jidher li ma hemmx kunsiderazzjoni diretta dwar dan l-ilment kif ravvizat fl-eccezzjoni. Madanakollu, l-ewwel Qorti kkunsidrat it-tlett eccezzjonijiet flimkien bhala relevanti ghall-kompitu ta' PC 1152 fl-investigazzjonijiet u kkonkludiet illi dak kollu li ghamel, igifieri l-gbir ta' *video clips* u t-tehid ta' stills minnhom isib konfort fil-konferma tal-origini taghhom mix-xhieda mressqa mill-prosekuzzjoni. Frankament din il-Qorti thoss illi l-eccezzjoni numru 26 kellha tkun dikjarata bhala wahda frivola meta tqis li ritratt satellitari ta' parti minn Malta mehud minn *Google Earth* u fuqu mposti ismijiet ta' rilevanza bhal ismijiet ta' rhula, posizzjoni ta' CCTV cameras u l-potato shed fejn kompliet tizvolgi l-investigazzjoni u dan sabiex juri ahjar x'kien il-kopitu tieghu ma jqarreb xejn lejn l-ipotezi li jista' qatt ikun sfilzat bhala dokument inammissibbli. It-terren li jidher fuq ir-ritratt certament ma jistax ikun finzjoni jew frott ta' licenzja artistika tax-xhud ghaliex it-terren hu li hu. Inoltre dan ma jurix xi movimenti ta' vetturi fuq il-bahar jew fuq l-art b'xi allegazzjoni li tali moviment huwa b'xi mod konness mal-investigazzjoni hu

ghalhekk li dik l-eccezzjoni u issa l-aggravju dwarha huwa wiehed frivolu;

82. Dan l-aggravju jestendi dwar ic-cahda tal-eccezzjoni numru 27, dejjem fil-konfront tad-deposizzjoni ta' PC 1152, meta filgenb ta' kull ritratt minnu esebit tnizzel "kumment jew sinjal" riferibilment ghall-pagni 2 sa 31 tad-dokument MS1 a fol 577 tal-atti kumpilatorji. Kif tajjeb osservat l-ewwel Qorti, il-kompitu ta' PS1152 fl-investigazzjoni kien li jiehu hsieb jakkolji il-filmati migbuda permezz ta' CCTV fuq il-Belt Valletta u l-Port il-Kbir fl-allegazzjoni li d-dghajsa bl-isem *Maya* ghaddiet minn dawk l-inhawi fis-16 t'Ottubru, 2017. Fil-kors tad-deposizzjoni tieghu spjega kif gabar dawn il-filmati minghand ufficjali ta' Transport Malta u li minnhom silet *snap shots* tat-tragitt tad-dghajsa f'dak il-jum. Il-filmati jinsabu f'idejn l-esperti mahtura fl-*in genere* u l-kitba fuq ir-ritratti (*stills*) kienet tieghu;

83. Ezaminati dan il-faxxiklu ritratti jirrizulta illi fil-genb ta' kull ritratt hemm indikat il-lokazzjoni tas-CCTV camera partikolari, il-hin d-deskrizzjoni ta' dak li jkun qed jara mill-filmat tradott ossia traspost fuq ir-ritratt. F'dan il-kaz mkien ma jindika l-isem tad-dghajsa suspettata izda jindika "Boat spotted...." "Boat being driven .....". L-appellanti

jikkontendu li dawn il-kummenti mhumhiex xhieda dwar fatti izda osservazzjonijiet jew espressjonijiet ta' opinjoni ta' xhud li m'huwiex espert jew moghni b'xi kompetenza biex jaghmel hekk. Kien ghalhekk li talab l-isfilz ta' dawn il-"kummenti" li l-Qorti, izda, tiddiskrivi bhala deskrizzjonijet;

84. L-ewwel Qorti cahdet l-eccezzjoni numru 27 wara li traccat il-kontinwita' konsistenti fid-deposizzjoni ta' xhieda ta' ufficjal tat-Transport Malta dwar il-provenjenza tal-filmati, l-konferma taghhom u li dawn inghataw lix-xhud fil-presenza tal-espert tal-Qorti. Din il-Qorti ma tara xejn irregolari fis-sekwenza li fiha sehhew dawn il-fatti u wisq inqas fil-fatt illi PS1152 ghamel deskrizzjoni magenb kull ritratt minnu esebit sabiex jindika x'kien qed jara hu fl-*istill* b'referenza ghall-filmat minn fejn ittiedu;

85. L-ahhar parti ta' dan l-aggravju titratta l-intrapriza ta' PS1152 fil-kompilazzjoni tad-dokument MS2 skond struzzjonijiet li nghata konsistenti fil-gbid ta' filmat tad-dghajsa bl-isem *Maya* gewwa l-Port il-Kbir ftit aktar minn xahar wara l-mewt ta' Caruana Galizia u li minn dan il-filmat seta jaghraf lil George Degiorgio qed isuq l-imsemmija dghajsa. Wara dan l-ezercizzju regghu kienu elevati filmati ufficjali minghand Trasport Malta. Issa l-aggravju tal-

appellant in rigward huwa li PS 1152 m'huwiex kompetenti biex jaghmel ezami komparattiv bejn id-dghajsa li allegatament tidher fid-Dok MS1 u dik li tidher fid-Dok MS2;

86. Illi l-ezercizzju maghmul minn PS1152 u minnu dokumentat jiswa bhala spjega tal-parti tieghu fl-investigazzjoni. Kif gustament osservat mill-ewwel Qorti, dak l-istess xoghol sar sussegwentement mill-esperti nominati. Mkien ma hu suggerit fl-atti kompilatorji illi ir-rizultanzi ta' PS1152 huma xi forma ta' prova hlief sabiex juri x'wassal lill-prosekuzzjoni, pass wara l-iehor, sabiex ikunu eventwalment mahtura l-esperti f'dak il-kamp li ghaddew biex jespletaw l-inkarigu taghhom fuq il-filmati awtentici. Illi ghalhekk l-ewwel Qorti kellha ragun tichad din l-eccezzjoni u konsegwentement l-aggravju qed ikun michud fl-intier tieghu kwantu jolqot l-eccezzjonijiet 26, 27 u 28;

**Id-Disa' Aggravju:**

Dwar l-eccezzjonijiet numru 29, 30 u 31 fir-rigward tal-*proces verbal* dwar spluzzjoni fi Triq il-Bidnija, l-Mosta, nhar is-16 t'Ottubru 2017 li fiha tilfet hajjitha persuna li kienet tinsab fil-vettura QQZ668 tal-ghamla Peugeot 108.

87. Illi kif jindika is-sottotitolu ta' dan l-aggravju maghmul minn din il-Qorti, l-gravam jolqot tlett eccezzjonijiet dwar allegati difetti sia fil-*proces verbal* kif ukoll fl-inkorporazzjoni tieghu fl-atti kumpilatorji quddiem il-Qorti Istruttorja. **Fl-eccezzjoni numru 29**, l-appellanti kienu lmentaw mill-fatt illi fil-verbal tal-udjenza quddiem il-Qorti Istruttorja kien registrat illi Susan Fenech ipprezentat dan il-*proces verbal* bil-gurament. Minkejja dan, mhux biss ma hemm l-ebda traskrizzjoni tad-deposizzjoni taghha izda fuq l-ewwel pagna tal-*proces verbal* hemm indikat li kien prezentat minn Dr. Elaine Mercieca quddiem id-Deputat Registratur Melanie Sciberras meta l-ebda wahda minn dawn il-persuni ma xehdu fil-kumpilazzjoni;

88. Fir-risposta tieghu, l-Avukat Generali jaghmel referenza ghall-gurisprudenza citata minnu fin-nota ta' sottomissjonijiet quddiem l-ewwel Qorti kif ukoll ghal dik citata mill-istess Qorti fis-sentenza appellata u dan in sostenn tal-argument tieghu illi ma kien hemm xejn irregolari fil-kwisjtoni hawn devoluta. Wara skrutinju tal-atti in rigward, jemergi illi fl-udjenza tas-7 ta' Frar, 2018 quddiem il-Qorti Istruttorja, hemm registrat illi id-Deputat Registratur Susan Fenech xehdet u pprezentat *proces verbal*

li l-Qorti ordnat li jkun immarkat bhala Dokument SF Fuq l-ewwel faccata ta' dan il-*proces verbal* hemm indikat li kienipprezentat minn Dr. Elaine Mercieca quddiem id-Deputat Registratur Melanie Sciberras. Issa, l-appellanti jallegaw illi "*kuntrarjament ghal dak li gie verbalizzat fil-verbal ta' l-imsemmija udjenza a fol 603 mhuwiex minnu illi f'dik l-udjenza xehedet certa Susan Fenech illi allegatament ipprezentat l-istess proces verbal bil-gurament*" u dan ghaliex ma hemmx traskrizzjoni tax-xheda taghha kif ukoll ghaliex, kif gia indikat, l-ewwel pagna tal-istess *proces verbal* turi mod iehor;

89. Il-Qorti ezaminat is-sentenzi citati sia mill-ewwel Qorti kif ukoll mill-Avukat Generali fir-risposta tieghu izda fuq kollox ezaminat bir-reqqa l-artikoli tal-ligi li jirregolaw l-mod kif il-*proces verbal* ghandu jsib ruhu fl-atti kumpilatorji u li dan isir kif titlob il-ligi la darba dan jitqies bhala prova fi proceduri gudizzjarji kif ravvizat fl-artikolu 550 tal-Kodici Kriminali.

90. Huwa palezi u ma jehtieg ebda spjega ulterjuri li la l-konkluzzjoni tal-Magistrat Inkwirenti, f'dan il-kaz *proces verbal* kif distint minn *repert*, ghandu jintbaghat lill-Avukat Generali kif fil-fatt intbaghat. Minn hemm 'l quddiem, jekk

l-Avukat Generali jidhirlu li jkun jehtieg li dak il-*proces verbal* ghandu jifforma parti mill-provi f'kumpilazzjoni kontra persuna quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja jew bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, ghandu jaghmel hekk bil-mezz kif jitlob l-artikolu 569(2) u (4) tal-Kodici Kriminali li jiddisponi hekk:

> **569 (2) L-Avukat Generali ghandu jibghat lura dawk l-atti lill-magistrat jew lill-magistrat tal-kompilazzjoni meta jkun jinhtieg li l-investigazzjoni tissokta.**
>
> **(4) Ghall-fini tas-subartikolu(2) ta' dan l-artikolu, dawk l-atti ghandhom jintbaghtu lura permezz ta' nota li tigi pprezentata fil-Qorti tal-Magistrati u, minkejja kull haga li tista' tinstab f'dan il-Kodici, l-Avukat Generali ma ghandux jitharrek sabiex jesebixxi dawk l-atti.**

91. Issa, kif juri t-timbru fuq l-ewwel faccata tal-*proces verbal* u kif wara kollox ammess mill-appellanti, dan kien prezentat fir-Registru tal-Qorti tal-Magistrati u ricevut mid-Deputat Registratur, allura f'isem ir-Registratur tal-Qrati. In-nota tal-Avukat Generali ai termini tal-artikolu 569(4) kienet takkumpanja l-*proces verbal* numru 813/17 maghluq

fl-20 ta' Dicembru, 2017 liema nota kienet prezentata fis-7 ta' Frar, 2018 bit-timbru juri li kienet takkludi dokument wiehed, naturalment l-*proces verbal* innifsu. Sa hemm allura ma jirrizulta xejn li jista' b'xi mod jitqies li ssoktat xi irregolarita' kif allegat. Una volta l-*proces verbal* kien jinsab f'idejn ir-Registratur tal-Qrati, kwantu dan jitqies bhala prova fil-proceduri kriminali, l-istess Registratur tramite id-Deputat Registratur Susan Fenech, ipprezentat l-istess fil-kumpilazzjoni mertu ta' dan l-appell;

92. Illi xhieda tal-fatt appena rilevat huwa l-verbal tal-Qorti Istruttorja tas-7 ta' Frar, 2018 fejn jinghad hekk:

> **Xehedet bil-gurament Susan Fenech li esebit il-proces verbal mmarkat SF.**

Issa, ghalkemm u kif kostantement ritenut mill-Qrati taghna f'dan il-grad, huwa dejjem aktar desiderabbli li meta jkun esebit dokument, issir dejjem xi forma ta' deskrizzjoni tieghu, qasira kemm tkun qasira, li f'dan il-kaz kien jimmerita tal-anqas n-numru tal-*proces verbal* jekk mhux ukoll isem il-Magistrati Inkwirenti u d-data tieghu, ma hemm l-ebda dubju li l-*proces verbal* hemm riferit huwa dak

mertu tal-appell odjern. Ventilat dan, il-kwistjoni issa tippernja fuq l-allegazzjoni illi in atti ma hemmx traskrizzjoni tad-deposizzjoni ta' Susan Fenech;

93. Dwar dan jehtieg qabel xejn li jkun osservat illi fl-udjenza in kwistjoni kienu prezenti l-imputati debitament assisti mill-avukati difensuri taghhom. Ir-registrazzjoni tal-fatt tad-deposizzjoni ta' Susan Fenech sar fil-miftuh u hadd ma lissen xi lment dwaru. Fis-seduta li ssoktat wara dik l-udjenza, hadd ma allega xi rregolarita f'dan il-fatt. Issa, izda, l-akkuati jallegaw illi *"mhuwiex minnu illi f'dik l-udjenza xehedet certa' Susan Fenech illi allegatament ipprezentat l-istess* proces verbal *bil-gurament..."* fol 17 tar-rikors tal-appell ta' George Degiorgio). L-appellanti jatribwixxu dan in-nuqqas bhala dovut ghall-fatt li ma hemmx traskrizzjoni tax-xiehda in atti u li t-tibru fuq imsemmi juri li l-*proces verbal* kien esebit minn Dr. Elaine Mercieca (li dak iz-zmien kif spjegat mill-Avukat Generali fis-sottomisjonijiet tieghu kienet addetta mal-Ufficcju tal-Avukat Generali li tiehu hsieb tipprezenta l-inkjesti – ara fol 738 atti kumpilatorji). Jallegaw imbaghad l-appellanti illi mhux minnu li Susan Fenech xehdet u li hadet il-pedana tax-xhieda u lanqas kien somministrat lilha l-gurament;

94. Il-Qorti tikkunsidra din tal-parti ta' dan l-aggravju bhala wiehed frivolu ghar-raguni illi ghalkemm il-Kapitolu 284 tal-ligijiet ta' Malta fl-artikolu 3 tieghu jiddisponi li l-Qorti tista' tordna l-procedimenti taghha jew xi parti minnhom jkunu registrati b'mezzi elettro-manjetici, jekk isir hekk, ma jfissirx b'daqshekk illi trid issir registrazzjoni ta' dak li jghid kull xhud minn hemm 'l quddiem. L-andament tal-kawza huwa f'idejn il-Qorti u jekk jidrilha illi dak li xehed xhud jista' jkun registrat b'mod li jkun deskritt dak li qal ix-xhud, allura dak il-fatt ma jkunx wiehed censurabbli. Fil-kaz odjern jidher li l-Qorti Istruttorja ghazlet, b'mod prattiku, li tirregistra dak li qalet id-Deputat Registratur bil-gurament f'linja wahda fil-verbal tal-udjenza. Kwantu l-aggravju msejjes fuq il-fatt li ma saret ebda traskrizzjoni ma jfissirx b'daqshekk illi Susan Fenech qatt ma ddeponiet kif allegat mill-appellanti. Del resto ma hemm xejn x'josta' lill-akkuzati milli jressqu lix-xhud in kontro-ezami dwar dak li xehdet jekk jidrilhom hekk mehtieg u la darba ma kienet infranta l-ebda formalita' essenzjali, ma tistax takkolji din il-parti ta' dan l-l-aggravju numru disa';

95. It-tieni parti ta’ dan l-aggravju tolqot l-eccezzjoni numru 30 kwantu biha intalab l-isfilz tal-*proces verbal* ghaliex ma kienx kontro-firmat mill-Magistrat li ppresediet l-Qorti Istruttorja fil-kumpilazzjoni tal-atti kif jiddisponi l-artikolu 396 tal-Kodici Kriminali. L-Avukat Generali fir-risposta tieghu jibqa’ tal-fehma kif espressa fis-sottomissjonijiet tieghu quddiem l-ewwel Qorti li l-*proces verbal* ma jmissux jitqieghed fl-istess keffa bhad-dokumenti l-ohra esebiti fil-kawza skond l-artikolu 396 tal-Kap 9 li hu intiz sabiex jissalvagwardja l-integrita’ tal-atti;

96. L-artikolu 396 tal-Kodici Kriminali li jinsab f’dik it-taqsima tal-Kapitolu 9 li jitratta fuq il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istruttorja, jipprovdi hekk:

> **Kull dokument migjub matul il-kompilazzjoni ghandu jigi kontro-firmat mill-magistrat, u notament ta’ din il-produzzjoni ghandu jitnizzel fuq id-dokument stess mir-registratur jew mill-ufficjal li jaghmel floku.**

Fid-decizjoni taghha, l-ewwel Qorti osservat illi l-lanjanza tal-appellanti mhix dwar ir-redazzjoni tal-*proces verbal* inniffsu u li ghalhekk dan ifisser li l-mankanza lamentata ma ghandha l-ebda piz fuq il-valur probatorju tad-

dokument. Din il-Qorti taqbel mad-decizjoni tal-Qorti Kriminali ghaliex il-*proces verbal* m'huwiex dokument kwalunkwe, prodott jew ottenut mill-parti jew minn terzi li jkun jehtieg adezjoni stretta ma' dak li jiddisponi l-artikolu 396. Dana ma jfissirx illi *qua* dokument in atti kumpilatorji ma tkunx mehtiega il-firma tal-Magistrat Istruttur, izda ifisser li l-mankanza tal-kontro-firma f'dokument ta' din il-portata ffirmat fl-intier tieghu minghajr eccezzjoni mill-Magistrat Inkwirenti, inkluz fuq kull dokument fih esebit, ma jgibx mieghu l-konsegwenza tal-isfilz tal-istess dokument debitament esebit u li ghadda mic-*chain of custody* a tenur tal-Kodici Kriminali. Illi ghalhekk din il-Qorti taghmel taghha r-ragunament tal-ewwel Qorti qabilha u tichad din il-part tal-aggravju;

97. Illi ghall-ahhar parti ta' dan l-aggravju l-Qorti taghmel referenza ghall-parti introduttorja tas-sentenza tal-ewwel Qorti fejn inghad:

"Illi sussidjarjament ghal dawn iz-zewg eccezzjonijiet, l-akkuzti imbaghad jitolbu l-isfilz ta' siltiet mill-atti tal-*proces verbal* u cioe' tas-segwenti:

i. korrispondenza, direzzjoni jew parir moghti minn certu Doris Eerhart, *NFI senior international forensics advisor and scientific support coordinator*, billi din qtt ma giet mahtura bhala espoert fl—*in genere.*

ii. Kull dokument jew oggett iehor mghoddi lill-imsemmija Eerhart u ukoll minn certu Ing. C.C. Kul ten M. Kripff ghall-istess raguni.

iii. Kull dokument iffirmat minn certu Ir. C.A. Schot billi dan ukoll ma gie mahtur bhala espert.

iv. Kull mistoqsija illi mit-traskrizzjonjiet ta' xhieda saret mill-espert dr. Martin Bajada u r-risposta ghall-istess billi l-inkarigu ta' dan l-espoer ma kienx li jisma' x-xhieda bil-gurament."

L-appellanti jillanjaw li Eerhart, Kropff u Schot ma kinux nominati bhala esperti fl-*in genere* u ghalhekk dak kollu li ghamlu minghajr nomina u minghajr gurament huwa kollu inamissibbli. Inoltre, in-nomina ta' Dr. Martin Bajada ma kinitx tinkludi l-fakulta' li jisma' xhieda bil-gurament u ghalhekk il-Qorti tifhem b'dan illi ghandha tkun sfilzata kull deposizzjoni maghmula quddiem dan l-espert;

98. L-Avukat Generali jilqa' ghal dan billi jistrieh fuq ir-ragunament tal-ewwel Qorti bhala wiehed fattwalment u legalment korrett. Il-konsiderazzjonijiet li jsegwu jeskludu l-lanjanza dwar in-nomina ta' Dr. Bajada li timmerita ragunament divers. Issa, l-ewwel Qorti strahet fuq il-principju illi l-Magistrat Inkwirenti hu tenut li jaghmel dak kollu mehtieg ghat-tkixxif tal-verita' u din il-Qorti ma tistax ma tkunx pjenament fi qbil ma' dan. Fil-kors tal-*in genere* ma hemm xejn li jeskludi lill-Magistrat Inkwirenti milli jinforma ruhu dwar materji anke jekk ikollu taghlim jew gharfien fihom. Minkejja dan, l-appellanti kienu ressqu l-argument fis-sottomissjonijiet taghhom ghall-eccezzjonijet minnhom intentati, li l-persuni Eehart, Crop u Schot qatt ma kienu nominati bhala esperti mill-Inkwirenti izda xorta wahda involvew ruhhom fl-atti ta' inkjesta li min-natura taghha hija sigrieta. L-Avukat Generali jaqbel li dawn qatt ma kienu mahtura bhala esperti izda fl-ebda parti tal-process ma jidher li taw parir jew opinjoni. Fil-konfront ta' Eerhart jidher li ghamlet xoghol logistiku konsistenti fit-trasmissjoni ta' e-mails lill-Magistrat Inkwirenti dwar it-trasport u soggorn tal-membri tal-NFI. Kwantu l-persuni l-ohra msemmija, l-Avukat Generali jghid li ma ghamlux xoghol ta' esperti ghajr li infurmaw lill-Magistrat Inkwirenti

li t-telefon tad-defunta ma setax jinfetah u li din hija prova newtrali;

99. L-ewwel Qorti kkonkludiet illi ma tistax tqis illi l-korrispondenza, oggetti jew dokumenti li tressqu mill-persuni in kwistjoni huma inammissibbli dment li tali prova ma tikkonsistix f'pariri jew opinjoni ghaliex dak jaqa' fil-mansjoni tal-esperti nominati. Din il-Qorti taqbel ma' dan u zzid illi l-inkluzjoni tad-dokumenti mhollija minn dawn il-persuni ghandhom il-valur addizzjonali ta' trasparenza sabiex b'hekk kull parti nteressata tkun ghall-kurrenti ta' minn fejn ottjena l-informazzjoni l-Inkwirenti, informazzjoni li ma tiswiex bhala opinjoni jew parir. Il-Qorti mhix ser tinoltra f'rassenja ta' dak kollu li ghamlu dawn il-persuni ghaliex kif tajjeb osservat mill-ewwel Qorti huwa l-Imhallef togat li ghandu jaghti dawk id-direzzjonijiet lill-gurati dwar min huma dawk il-persuni li jistghu jitqiesu bhala esperti tal-Qorti moghnija bil-fakolta' li jaghtu l-opinjoni taghhom u dak li tiprovdi l-ligi dwar l-accetazzjoni o meno ta' dik l-opinjoni, dejjem, izda li tista' opportunament tinghata mill-espert tal-Qorti u mill-espert biss**;**

100. Imiss ghalhekk dik il-parti tal-aggravju li fiha l-appellanti jillanjaw u jitolbu l-isfilz mill-*proces verbal* ta' partijiet mir-relazzjoni tal-espert Dr. Martin Bajada. Din il-parti tal-eccezzjoni mmarkata 31 (d) fin-nota tal-eccezzjonijiet titlob ghall-isfilz ta' "*kull mistoqsija illi mit-traskrizzjonijiet ta' xhieda tirrizulta illi saret mill-Avukat Martin Bajada u r-risposta ghal tali mistoqsijiet billi l-Avukat Martin Bajada ma giex mahtur bhala espert fl-atti ta' l-inkjesta sabiex jistaqsi domandi lil xhieda bil-gurament*". Issa, ezami tal-*proces verbal* numru 762/17 datat 20 ta' Dicembru, 2017 intestat: " Fl-atti tal-Inkjesta numru 762/17, dwar spluzjoni fuq vettura gewwa Bidnija Road, Mosta, fejn mietet persuna riekba fl-istess vettura, nhar is-16 ta' Ottubru, 2017", hemm imnizel Dr. Martin Bajada bhala espert tekniku fost diversi esperti ohra. In-nomina ta' Dr. Martin Bajada, ghalhekk hija regolari. Dak li l-appellanti qed jikkontestaw hu li l-espert ma kellu ebda fakolta li jissoministra l-gurament biex jaghmel mistoqsija u jircievi twegibiet u jirregistra l-istess fir-relazzjoni tieghu;

101. Il-Qorti taqbel mal-osservazzjoni maghmula minn dik tal-ewwel grad li l-espert ma kienx mehtieg li jinghata direzzjoni partikolari mill-Inkwirenti fit-termini tal-artikolu

548 tal-Kodici Kriminali kif ukoll li kull xhud li ddepona fl-inkjesta xehed ukoll fil-kumpilazzjoni. Izzid ma' dan, illi meta l-Inkwirenti "jiddelega" parti mill-funzjoni tieghu proprju bin-nomina ta' persuna li jkollha t-tahrig u gharfien f'qasam partikolari, maghdud ma' dik in-nomina hija l-fakolta' li l-espert jkun jista' jircievi dokumenti. Tali ezercizzju ma jistax isir hlief bil-mod kif titlob il-ligi, igifieri li d-dokument ikun offert permezz ta' xiehda bil-gurament u fil-kors tal-indagini, partikolarment bhal dik in disamina, huwa inkoncepibbli illi meta espert jirriskontra l-htiega li persuna toffri jew tkun ordnata tesebixxi dokument tittiehed quddiem l-Inkwirenti sabiex isir hekk ghaliex altrimenti jintilef parti mill-ghan tal-istess nomina, purche' naturalment li dak l-espert ma jkunx sema xhieda 'l hinn mill-qasam li ghalih kien nominat;

102. Kwantu d-deskrizzjoni tal-kompitu tal-espert fl-*in genere*, l-Qorti taghmel taghha il-pronunzjament moghti fis-sentenza kollegjali fl-ismijiet Ir-Repubblika ta' Malta v. Carmel Saliba (App Krim 2,5,2013). Illi ghalhekk ma hemm xejn irregolari fil-fatt illi l-espert Dr. Martin Bajada sema' xhieda bil-gurament u konsegwentement dan l-aggravju, (numru 9), qed ikun michud fl-intier tieghu.

**L-Ghaxar Aggravju:**

Dwar l-eccezzjoni numru 32 li fiha ntalab l-isfilz tar-relazzjoni esebita mill-espert tekniku Perit Richard Aquilina.

103. Dan l-aggravju jaqra hekk: "Illi f'din l-eccezzjoni l-esponenti talbu l-isfilz tar-relazzjoni ezebita matul ix-xhieda moghtija mill-Perit Richard Aquilina waqt l-udjenza ta' nhar il-15 ta' Frar, 2018 quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti Istruttorja u immarkat bhala "Dok. RA1" li tinsab a fol. 1777 ta' l-atti tal-kumpilazzjoni u x-xhieda relattiva moghtija minnu, fost affarijiet ohra, billi (a) minkejja illi huwa kien mahtur bhala espert tekniku u perit fl-atti ta' l-inkjesta, mhuwiex minnu illi huwa inghata l-inkarigu imsemmi fl-ewwel pagna tar-relazzjoni fis-sens illi *l-esponent gie nnominat sabiex jaghmel pjanta tal-post ta' l-incident u jirrelata dwar dak relevanti ghall-kaz* u (b) billi wkoll b'referenza ghall-konkluzjoni maghmula minnu fl-istess relazzjoni, huwa la kien nominat u lanqas ghandu s-sengha jew hila sabiex jirrelata fuq il-post fejn sehhet l-ispluzjoni u dwar il-vizwali kemm ta' min ikun qieghed isuq kif ukoll tal-post minn bnadi ohra";

104. L-Avukat Generali jilqa' ghal din fir-risposta tieghu billi jiccita diversi sentenzi tal-Qrati taghna li jikkoncedu illi l-hatra ta' espert ggib maghha margini ta' diskrezzjoni sabiex dak l-espert ikun jista' jespleta l-inkargu. Xejn ma jzomm lill-Inkwirenti jew lill-Magistrat Istruttur li imbaghad jaghti direttiva specifika lill-espert fil-mansjoni ta' dik in-nomina;

105. Illi frankament din il-Qorti ma tistax tifhem ir-raguni ghal dan il-gravam la darba kif ben stabilit mill-ewwel Qorti, n-nomina tal-Perit Richard Aquilina kienet kjarament kostitwita fid-digriet tal-Magistrat Inkwirenti bid-data tas-17 t'Ottubru 2017 "*sabiex jinbena site plan tal-lok tal-incident bil-qisien relattivi, u kostatazzjonijiet ohra rilevanti ghal kaz*". Tajjeb li jkun ribadit illi l-espert hekk nominat hu tenut li jaghmel dak kollu mehtieg sabiex jespleta l-inkarigu tieghu. Sakemm dan ma jkunx jirrikjedi zieda fin-nomina, dak li hu ancillari u marbut ma' dak l-inkarigu ghandu jitqies li hu fil-mansjoni ta' dik in-nomina. Fil-kaz hawn skrutinat, huwa inkoncepibbli li ssir oggezzjoni dwar parti mir-relazzjoni li fiha l-istess espert jaghti l-opinjoni tieghu dwar vizwali tas-sit minn distanza jew *view point/s* lilu indikati. Haga din li tkun mitluba invariabbilment fil-maggior parti ta' kawzi ta'

kollizzjonijiet mill-esperti nominati, *multo magis* f'materja li tolqot l-*in genere*. Il-Qorti ghalhekk taqbel mal-konkluzjoni tal-ewwel Qorti fic-cahda ta' din l-eccezzjoni u konsegwentement tichad dan l-aggravju;

**Il-Hdax-il Aggravju:**

Dwar l-eccezzjonijiet numri 31 sa 39 li fihom l-akkuzati talbu l-isfilz mill-istqarrijiet taghhom ta' dawk il-mistoqsijiet maghmula mill-investigatur marbuta mal-messagg #REL!=ON, mal-GSM *module* li allegatament skattat l-ispluzjoni u ukoll dawk marbuta mal-intercettazzjonijiet telefonici maghmula mis-Servizzi tas-Sigurta' u li allegatament kienu kollegati mal-akkuzat George Degiorgio.

106. Illi f'dan l-aggravju, l-appellanti donnhom jilllimitaw il-lanjanza taghhom ghal dak li jiddeskrivu bhala "paroli zejjed bil-qabda" bhal meta waqt l-interrogatorju saret il-mistoqsija "*X'ridt ticcelbra George?*" ghaliex din ghandha implikazzjonijiet ovvji li George Degiorgio ried li l-*partner* tieghu tixtri flixkun inbid ghaliex skond l-Ispettur Keith Arnaud ried illi jiccelbra omicidju u li dan huwa ta' pregudizzju kbir ghad-dritt tad-difiza tieghu;

107. Illi b'hekk il-Qorti tifhem illi l-appellanti m'humiex qieghdin jattakkaw din il-parti tas-sentenza fl-intier taghha u dan konfortat mill-fatt illi l-appellanti jirritjenu li kif sewwa osservat mill-ewwel Qorti, l-akkuzati ma wiegbu ebda domanda li saritilhom waqt l-interrogatorju u li huma stess jirrikonoxxu illi sakemm il-gurati jinghataw direzzjoni cara illi dak kollu li jkun mistoqsi waqt it-tehid tal-istqarrija ma jikkostitwixxi l-ebda prova u ghandu jkun skartat, allura jista' jitqies li ma huma pregudikati bl-ebda mod;

108. Illi ezaminata mill-ottika ta' drittijiet ta' suspettat, il-mistoqsija partikolari lamentata mill-appellanti tista' titiqes bhala li saret fl-isfond tal-informazzjoni li allegatament kellha l-Pulizija bhala wahda mir-ragunijiet ghall-arrest tieghu u li ghalhekk kien qed ikun infurmat li ghandha f'idejha tali informazzjoni. Madanakollu, kif gustament osservat, l-Imhallef togat ghandu jaghti dik id-direzzjoni lill-gurati dwar dak kollu li jsawwar id-dritt penali u kostituzzjonali fir-rigward tal-istqarrijiet. Ghalhekk dan l-aggravju qed ikun michud;

**It-Tnax-il Aggravju:**

Dwar l-eccezzjoni numru 40 li biha l-appellanti talbu l-isfliz ta' dik il-parti tax-xiehda tal-Kaptan Matthew Sant moghtija fl-udjenza tal-20 t'April 2018 dwar filmat mehud mill-Forzi Armati ta' Malta.

109. Dan l-aggravju jirrigwarda parti mid-deposizzjoni tal-espert tal-Qorti, il-Kaptan Matthew Sant, meta jitkellem fuq *SD Card* kontenti registrazzjoni ta' filmat li izda ma tistax tinqara minhabba li hija *corrupted*. Ezaminati l-atti processwali, jemergi illi fl-4 ta' Dicembru, 2017, l-espert kien ikkordina operazzjoni ta' sommersjoni taht l-ilma minn diversi membri tat-taqsima tal-Bomb Disposal tal-Forzi Armati ta' Malta. L-ghan ta' din l-operazzjoni kien sabiex isir tiftix taht l-ilma fl-inhawi tal-hekk imsejha tinda tal-patata gewwa l-Marsa ghal xi materjal li jista' jkun ta' siwi ghall-investigazzjoni. Il-medium li fuqha kienu registrati il-filmati, jigifieri SD Card, ma tistax tinqara peress illi hija *corrupted*. Minn din l-operazzjoni kienu elevati oggetti li nghaddew lill-espert tax-xena tar-reat u debitament mqieghda f'*evidence bags* fosthom apparat cellulari u *SD Cards*;

110. L-appellanti jillanjaw illi "*l-oggezzjoni ta' l-esponenti mhijiex dwar dak li l-Kaptan Matthew Sant jixhed illi huwa ra personalment izda dwar dak illi jixhed illi ra fuq SD Card illi ghalkemm ezebita hija corrupted u l-veru kontenut taghha ma jistax ikun saput*". L-Avukat Generali irreplika illi l-fatt li r-registrazzjoni tal-operazzjoni mhix aktar disponibbli "*ma jirrendix ix-xhieda tal-Kaptan Sant bhala inammissibbli jew 'mhux skond il-ligi'! Il-Kaptan Sant jista' jixhed liberament (kif fil-fatt ghamel u kif ser jaghmel waqt il-guri) dwar dak li ra b'ghajnejh hu, filwaqt li l-ghaddasa li hadu sehem f'din l-operazzjoni wkoll jistghu jixhdu liberament (kif fil-fatt ghamlu u kif ser jaghmlu waqt il-guri) dwar dak li raw b'ghajnejhom huma. Il-fatt li dak li raw ghajnejhom ma jinsabx 'tradott' f'filmat minhabba hsara teknika ma jfissirx li huma ma jistghux jixhdu dwar dak li raw b'ghajnejhom stess!!*"

111. Jirrizulta mill-atti processwali illi l-istess espert kien jifforma parti attiva ta' din l-operazzjoni billi kien ukoll wiehed mill-ghaddasa. Gara izda, illi wara li ra l-filmat tal-operazzjoni fuq l-apparat tal-computer tieghu, l-*SD Card* ma baqghetx aktar funzjonanti u ghalhekk ma setax jaghmel kopji taghha. Il-Qorti ma tistax tifhem kif tista' tilqa' talba ghall-isfilz ta' dik il-parti tax-xiehda tal-espert meta jghid li

ra filmat. Huwa minnu li, sa certu punt, d-difiza ma ghandhiex kontroll dwar il-kontenut tal-filmat izda certament ma jistax ikun censurat xhud li jghid li ra filmat u jghid x'ra f'dak il-filmat anke jekk mehud minn persuna ohra. Kif tajjeb osservat l-ewwel Qorti, dak li jixhed l-espert huwa dejjem soggett ghar-regola tal-*hearsay evidence* jekk u fil-kaz li jiddeponi b'mod tali li jghid hwejjeg li ma rax b'ghajnejh stess. Ghalhekk dan l-aggravju qed ikun michud;

**It-Tlettax-il Aggravju:**

Dwar l-eccezzjonijiet numru 41 u 42 fit-talba ghall-isfilz ta' parti mir-relazzjoni tal-espert Keith Cutajar, Dok KC2, li tirreferi ghall-filmati migbuda mill-cameras tas-sorveljanza ta' Trasport Malta fit-23 u 28 ta' Novembru, 2017 u x-xiehda tieghu dwarha.

112. F'dan l-aggravju li allura huwa riflessjoni tal-eccezzjonijiet hawn fuq indikati, l-appellanti iressqu l-argument illi minkejja li l-ewwel Qorti rrikonoxxiet illi ma kienx hemm nomina mill-Inkwirenti fir-rigward ta' filmati [registrati fuq cameras ta' sorveljanza ta' Trasport Malta] xorta wahda ma kienx ordnat l-isfilz ta' dik il-parti tal-inkarigu li saret *ultra vires*. L-Avukat Generali jaghmel

referenza ghal dak minnu osservat precedentement kwantu l-hatra tal-esperti fl-aggravju numru 10 u jistrieh fuq il-konkluzzjoni tal-ewwel Qort bhala wahda korretta;

113. Illi ghall-ahjar intendiment qed ikunu hawn riprodotti l-eccezzjonijiet numri 41 u 42 kif orginarment postulati:. (Fol 104 u 105 atti processwali);

*Illi l-esponenti jitlob l-isfilz tar-relazzjoni ezebita matul ix-xhieda moghtija minn Keith Cutajar waqt l-udjenza ta' nhar it-12 ta' April, 2018 quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti Istruttorja u immarkata bhala "Dok KC2" li tinstab a fol 2215 et sequitur tal-process ta' l-atti tal-kumpilazzjoni limitatament ghal kull fejn jissemmew il-filmati ta' Transport Malta ta' nhar it-23 ta' Novembru, 2017 u nhar it-28 ta' Novembru, 2017 u kwanlunkwe xhieda relattiva ghal tali filmati moghtija minn dan l-espert, fost affarijiet ohra, billi (a) ma jezisti l-ebda digriet moghti mill-Magistrati Inkwirenti illi awtorizza lil dan l-espert jeleva dawn il-filmati u billi (b) id-dati imsemmija huma dati ta' aktar minn xahar wara l-incident u ghalhekk la ghandhom relevanza u lanqas huma ammissibbli bhala prova;*

*42. Illi bl-istess mod, ghall-istess ragunijiet u ghar-raguni illi d-dokumenti ezebiti a fol. 2516 u 2517 ta' l-atti tal-kumpilazzjoni mhumiex digriet moghti mill-Magistrati Inkwirenti imma semplici emails li jirreferu ghal digriet li ma jezistix fl-atti, l-esponenti jitlob l-isfilz ta' kull parti mix-xhieda moghtija minn Patrick Pollacco waqt l-udjenza ta' nhar l-20 ta' April, 2018 quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti Isruttorja kull fejn hemm referenza ghal fejn jissemmew il-filmati ta' Transport Malta ta' nhar it-23 ta' Novembru, 2017 u nhar it-28 ta' Novembru, 2017 b'mod partikolari izda mhux limitat l-ahhar paragrafu a fol.2502 tal-process ta' l-atti tal-kumpilazzjoni u l-ewwel paragrafu a fol. 2503 tal-process.*

114. Illi a skans ta' ripetizzjoni, l-Qorti taghmel referenza ghal dak gja osservat fil-paragrafi precedenti dwar il-kompitu tal-espert nominat u n-nomina tal-espert mill-Inkwirenti fl-*in genere.* F'din il-lanjanza partikolari, l-espert Keith Cutajar kien nominat sabiex jaghmel elevazzjoni w ezami forensiku ta' cameras ta' sorveljanza u sigurta' u kif tajjeb osservat l-ewwel Qorti, dan ma kienx limitat ghal xi zona partikolari tal-Bidnija u x-xena tar-reat. Dak li dwaru jilmenta l-appellat hu li l-espert mar oltre l-*vires* lilu moghti

mill-Inkwirenti meta ftit aktar minn xahar wara l-ispluzjoni senjatament ghaliex in atti ma hemmx digriet tal-Magistrat Inkwirenti sabiex jeleva dawk il-filmati;

115. F'cirkostanza bhal dik in disamina u fl-isfond ta' indagini li kienet tinnecessita n-nomina ta' daqstant esperti huwa komprensibbli illi l-*fiat* moghti mill-Inkwirenti fil-kors tal-perizja ma jkunx dejjem u invariabilment specifikatament deskritt f'digrieti sussegwenti ghal dak tan-nomina originali. Dak illi jsehh fil-prattika hu li wara li l-Magistrat Inkwirenti jircievi rapport verbali mill-Ufficjal tal-Pulizija fi grad ta' mhux anqas minn Spettur u jaqbel li ssir inkjesta, ossia access, jinnomina minnufih dawk l-esperti li sa dak il-hin jidhirlu mehtiega skond is-sengha u l-gherf li jkunu mehtiega ghal dik l-allegata cirkostanza. Sa dak il-hin, u kif jigri fir-realta' ma jkun hemm ebda digriet miktub ta' nomina ghajr notament li l-Inkwirenti jista' jkun li ghamel *pro memorja* tant illi t-trasmissjoni ta' dik in-nomina tinghadda verbalment mill-Inkwirenti lill-espert tramite l-Ispettur li jkun talab li jsir access u dan kollu dovut ghall-urgenza tac-cirkostanza sabiex tkun prezervata x-xena tad-delitt u jkunu elevati dawk il-provi kemm jista' jkun malajr. Fl-isvolgiment ta' dan kollu jista' jkun li tinhass il-htiega ta'

esperti ulterjuri jew li l-inkarigu tal-espert jew esperti jkun estiz ghal xi aspett iehor tal-access u f'dak il-kaz ammess li jkun jokkorri nomina addizzjonali. Dan kollu ikun tradott f'kitba permezz ta' digrieti u rapport opportun;

116. Ezaminat l-ilment tal-appellanti f'dan l-isfond, jemergi illi l-espert Keith Cutajar kien ottjena minghand il-Magistrat Inkwirenti l-awtorizzazzjoni sabiex jestendi l-inkarigu tieghu fuq filmati migbuda minn cameras ta' osservazjoni ta' Transport Malta u pproceda biex jiehu d-deposizzjoni ta' min kien qed jesebixxi dawn il-filmati. Dik l-awtorizzazzjoni ma saritx bil-miktub u dan jista' jkun dovut ghall-fatt li l-Magistrat Inkwirenti hass illi d-digriet originali kien ikopri dak li kien talab li jaghmel l-istess espert. Dak jibqa' mhux maghruf, izda certament li dak li ghamel l-espert ma jmurx oltre dak li originarjament kien mahtur biex jaghmel. Kif diga senjalat fil-paragrafi precedenti, la darba dak ix-xoghol kien ancillari u strettament konness man-nomina originali ma hemmx raguni sabiex dak jitqies li kien *ultra vires* il-kompitu tal-espert;

117. L-artikolu 548 (1) tal-Kodici Kriminali huwa pertinenti ghar-rizoluzzjoni tal-kwistjoni in disamina meta jipprovdi:

**548 (1) Fl-access ghandhom jingiebu l-periti li jinhtiegu, u ta' dan l-access ghandu jsir process verbal:**

**Izda l-magistrat jista', meta jidhirlu spedjenti, jaghti setgha lill-periti li jircievu dokumenti u jisimghu x-xhieda bil-gurament li jiehdu x-xiehda taghhom bil-miktub u d-disposizzjonijiet tal-artikolu 650(5) u tal-artikolu 653(3) ghandhom japplikaw *mutatis mutandis.***

Ta' interess partikolari imbaghad huwa is-subinciz (3) tal-artikolu 653 applikabbli ghall-*in genere* kif ordnat fl-artikolu appena citat:

**653(3) Jekk matul ix-xoghol taghhom, il-periti jkunu hadu informazzjonijiet minghand persuni ohra fuq cirkostanzi ta' fatt, dawn il-persuni ghandhom jissemmew fir-rapport, u ghandhom jigu mismughin fil-qorti bhal kull xhud iehor.**

118. Hija l-fehma konsiderata ta' din il-Qorti li dawn iz-zewg disposizzjonijiet huma rizoluttivi ghall-aggravju hawn konsiderat u mghadud ma' dawn hemm ukoll is-subartikolu

653(1) li ghax li mhuwiex imsemmi fl-artikolu 548 ma hemm l-ebda raguni ghaliex ma ghandux jkun ugwalment applikabbli meta jiddisponi li meta l-periti jispiccaw ix-xoghol u l-esperimenti li titlob il-professjoni jew is-sengha taghhom ghandhom jaghmlu bil-fomm jew bil-miktu bir-rapport taghhom skond id-direzzjonijiet tal-qorti. Ifisser dan illi ma hemm xejn li josta lill-espert nominat sabiex jaghmel dawk l-esperimenti r-rizultati ta' liema jaghtu konvinciment jew raguni ghar-rizultanzi tieghu.

119. L-espert Keith Cutajar huwa indikat bhala xhud mill-prosekuzzjoni u bhala tali hu soggett ghall-kontro-ezami u bhal f'kull kaz jista' jkun mistoqsi x'kien l-inkarigu tieghu u minn fejn originat l-awtorita' sabiex jespleta dak l-inkarigu u inkarigi ohra inkluz il-komunikazzjoni li kellu mal-Magistrat Inkwirenti sabiex jkun awtorizzat jipprocedi oltre dak li ghalih kien originarjamet nominat jekk inhu il-kaz u f'kaz li kien konvint li l-inkarigu originali kien ikopri xi ezercizzju li d-difiza ssostni li kien jehtieg awtorizzazzjoni ulterjuri. Ma hemm xejn li jzomm lill-appellanti milli jaghmlu dawn il-mistoqsijiet ghall-kontroll opportun bhalma

ma kien xejn li josta' li jaghmlu hekk meta xehed dan l-espert fl-istadju tal-Istruttorja;

120. Il-Qorti taghmel taghha d-decizjoni tal-ewwel Qorti li siltet id-differenza bejn dak li hu ammissibbli u dak li hu rilevanti jew irrelevanti bhala prova fejn fil-kaz tal-ahhar id-decizjoni hi rimessa lill-gurati u mhux lill-Qorti jew lill-Imhallef togat u ma tara ebda raguni ghaliex ghandha tinoltra aktar minn hekk. Konsegwentement dan l-aggravju qed ikun michud;

**L-Erbatax-il Aggravju:**

Dwar l-eccezzjonijiet numri 43 u 44 li bihom intalab l-isfilz tax-xiehda u ta' tnejn mir-relazzjonijiet tal-espert serologista Dr. Maria Cassar fl-udjenza tal-20 t'April 2018 quddiem il-Qorti Istruttorja sa fejn dawn jezorbitaw l-inkarigu moghti mill-Inkwirenti.

121. L-eccezzjonijiet sollevati mill-appellanti mertu ta' dan l-aggravju kienu s-segwenti:

*43. Illi l-esponenti jitlob l-isfilz tar-relazzjoni ezebita matul ix-xhieda moghtija minn Dr. Marisa Cassar waqt l-udjenza*

*ta' nhar l-20 ta' April, 2018 quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja u illi mhijiex immarkata bhala dokument li tinsab a fol. 2455 sa 2499 ta' l-atti tal-kumpilazzjoni u x-xhieda relattiva moghtija minnha li tinstab a fol 2555 sa 2562 tal-atti tal-kumpilazzjoni billi minkejja li hija kienet mahtura bhala esperta fl-atti ta' l-Inkjesta magisterjali, mhuwiex minnu illi hija inghatat l-inkarigu imsemmi fl-ewwel pagna tar-relazzjoni fis-sens illi l-esponenti giet mahtura sabiex taghmel analizi ghall-prezenza ta' demm u tad-DNA fuq il-kampjuni mghoddija lilha izda hija kienet giet mahtura b'digriet tal-Magistrat Inkwerenti a fol. 632 ta' l-atti tal-kumpilazzjoni (ossia fol. 27 ta' l-atti ta' l-Inkjesta Magisterjali) bl-inkarigu specifiku illi bhala Serologista taghmel l-ezamijiet relattivi sabiex tigi identifikata l-identita' tal-persuna li nstabet fil-vettura u tirrelata bil-miktub lil din l-Onorabbli Qorti fuq ir-rizultanzi taghha;*

*44. Illi ulterjorment l-esponenti jitlob l-isfilz tar-relazzjoni ezebita matul ix-xhieda moghtija minn Dr. Marisa Cassar waqt l-udjenza ta' nhar l-20 ta' April, 2018 quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti Istruttorja u illi hija immarkata bhala "Dok . MCA" a fol. 2563 sa 2573 ta' l-atti tal-kumpilazjoni , fost affarijiet ohra, billi minkejja illi hija*

*kienet mahtura bhala esperta fl-atti ta' l-inkjesta magisterjali, mhuwiex minnu illi hija inghatat l-inkarigu imsemmi fl-ewwel pagna tar-relazzjoni fis-sens illi l-esponenti giet mahtura sabiex taghmel analizi ghall-prezenza ta' demm u tad-DNA fuq il-kampjuni mghoddija lilha izda hija kienet mahtura b'digriet tal-Magistrat Inkwerenti a fol. 632 ta' l-atti tal-kumpilazzjoni (ossia fol. 27 ta' l-atti ta' l-Inkjesta Magisterjali) bl-inkarigu specifiku illi bhala Serologista taghmel l-ezamijiet relattivi sabiex tigi identifikata l-identita' tal-persuna li nstabet fil-vettura u tirrelata bil-miktub lil din l-Onorabbli Qorti fuq ir-rizultanzi taghha;*

122. Illi l-ewwel Qorti cahdet dawn iz-zewg eccezzjonijiet wara li kkunsidrat illi l-espert Serologista kienet regolarment mahtura biex taghmel dawk l-analizi mehtiega fil-kors tal-indagini u dan f'zewg okkazjonijiet waqt l-*in genere.* L-Avukat Generali ghal darb'ohra jistrieh fuq dak minnu osservat fl-ghaxar u t-tlettax-il aggravju u fuq il-korrettezza tas-sentenza tal-ewwel Qorti;

123. Illi l-ewwel Qorti korrettament spjegat illi minkejja li l-appellanti jitolbu l-isfilz tad-Dok MCA, dan m'huwiex

rapport mhejji minn Dr. Marisa Cassar ghaliex dan, flimkien mad-Dok MCB huma lista ta' esebiti li fuqhom saret l-analizi mertu tar-rapport taghha u li dan hu dovut ghall-apparenti zball ta' traskrizzjoni minhabba waqfa zghira tar-registrazzjoni fejn jidher li x-xiehda ta' xhud dahlet fuq xiehda ohra. Minkejja dan, l-appellanti jippersistu fl-appell taghhom fuq l-isfilz ta' dan id-dokument;

124. Issa, bhala parti mill-konsiderazzjonijiet taghha, l-ewwel Qorti traccat l-origini tan-nomina ta' Dr. Marisa Cassar bhala serologista fl-atti processwali u rrizultalha li din l-espert kienet nominata f'zewg okkazjonijiet fil-kors tal-Inkjesta Magisterjali bil-mod segwenti (ara fol 79 tas-sentenza appellata):

*Illi huwa pacifiku illi l-imsemmija espert ghandha l-hila u s-sengha specjali ta' serologista. Illi dawn il-hiliet tal-espert ma humiex disputati. Issa huwa minnu illi fil-jum tas-16 ta' Ottubru 2017 meta sehhet il-vicenda omicida l-Magistrat li kienet ghassa dak in-nhar, u cioe il-Magistrat Consuelo Scerri Herrera, hatret lill-imsemmija espert sabiex l-ewwel u qabel kollox tigi determinata l-identita' tal-vittma ta' dan ir-reat makabru. Fil-fatt id-digriet li l-akkuzati jaghmlu*

*referenza ghalih f'dawn iz-zewg eccezzjonijet minnhom imqanqla jirreferi proprju ghal dak tas-16 ta' Ottubru 2017 u gustamet jindikaw lil Qorti illi n-nomina kienet giet cirkoskritta ghal dan il-ghan uniku. Madanakollu wara li l-imsemmija Inkwerenti irrikuzat ruhha fil-proceduri dwar l-in genere u dan b'digriet moghti fis-17 ta' Ottubru 2017, l-Inkjesta giet mill-Prim'Imhallef assenjata lill-Magistrat Anthony Vella li mbaghad dahal fiz-zarbun tal-Magistrat Inkwirenti fejn l-istharrig dwar l-in genere tkompla twessa' bil-ghan illi jigu identifikati il-malviventi wara l-kummissjoni tad-delitt. Illi jirrizulta mill-atti tal-proces verbal illi l-Magistrat Vella b'digriet tat-18 ta' Ottubru 2017 hatar ghadd gmielu ta' esperti sabiex jghinuh fl-istharrig li ghadda f'idejh minn fejn tirrizulta l-hatra mill-gdid tal-espert Dr. Marisa Cassar bhala "serologista". Illi huwa minnu illi f'dan l-istadju ma giex specifikat bil-precis x'kienu dawk il-manzjonijiet riposti f'idejn din l-espert u l-indagini li kellha taghmel, madanakollu jerga jigi ribadit, kif inghad iktar 'il fuq, illi meta l-Inkwirenti, jew il-Qorti, jahtru espert fil-branka tal-hila jew sengha specjali taghhom tonqos il-htiega li jigu specifikati fid-dettall dak kollu li dak l-espert jenhtieglu jaghmel u ma hemmx ghalfejn jinghataw xi direttivi specjali".* Il-Qorti ccitat is-

sentenzi ir-Repubblika ta' Malta v. Martin Dimech App krim 28.2.2012 u ir-Repubblika ta' Malta v. Carmel Saliba App Krim 2.5.2013 in sostenn tal-konkluzjoni taghha;

125. Din il-Qorti ukoll traccat l-*iter* fin-nomini tal-espert serologista u ghalhekk ir-rassenja tal-ewwel Qorti hija wahda korretta. Issa, ghalkemm din il-Qorti mhux necessarjament tikkondividi it-termini li fih iddeskriviet is-suggett tal-inkjesta magisterjali, il-principji hemm enuncjati huma ukoll korretti u in sintonija ma' dak konkluz minn din il-Qorti fil-paragrafi precedenti dwar il-hatra tal-esperti fl-*in genere*, in-natura tax-xoghol taghhom anke dak ancillari u marbut mal-ghan principali u ma tara ebda raguni ghaliex ghandha tiddeciedi mod iehor f'dan l-aggravju. Ghal dawn il-mottivi din il-lanjanza qed tkun michuda;

**Il-Hmistax-il Aggravju:**

Dwar l-eccezzjonijiet numri 45 u 46 li bihom kienu mitluba l-isfilz ta' diversi rapporti u dokumenti prezentati fl-atti tal-kumpilazzjoni bl-ilsien Ingliz.

126. F'dawn iz-zewg eccezzjonijiet l-akkuzati kienu talbu l-isfilz tar-rapport tal-Ispettur Antoine Cilia u dak tal-

Professur Saviour Formosa fl-udjenza tas-26 ta' April, 2018 billi dawn huma redatti bl-ilsien Ingliz u mhux dak Malti u la kienet ordnata u lanqas saret traduzzjoni taghhom fl-ilsien Malti. L-ewwel Qorti cahdet dawn l-eccezzjonijiet wara li kkonsidrat illi ma kien hemm xejn fl-*iter* processwali lamentat li seta' kien kontra l-Kostituzzjoni, l-Kodici Kriminali u l-Kapitolu 189 tal-Ligijiet ta Malta li jipprovdu ghad-dritt tal-akkuzat li jkun akkordat lilu process fl-ilsien li jifhem hu;

127. L-appellanti jillanjaw "*Illi r-ragunament zvolti mill-ewwel Onorabbli Qorti fir-rigward tac-cahda ta' dawn iz-zewg eccezzjonijiet huwa wiehed ottuz jekk mhux offensiv u jinsulta l-posizzjoni ta' l-esponenti f'dawn il-proceduri tant solenni;*". Huma jtennu li kull meta ddepona xhud barrani jew kien prodott dokument redatt bl-ilsien Ingliz kien mahtur traduttur hlief ghal xi eccezzjonijiet li huma ma jafux r-raguni dwarha;

128. Din il-Qorti ma taqbel xejn mar-ragunament tal-appellanti wisq anqas mal-kliem iebes li kellhom ghall-ewwel Qorti li ddisponiet minn dawn iz-zewg eccezzjonijiet b'mod inecepibbli billi mhux biss dahlet *funditus* f'dak li jipprovdu

Kodici Kriminali *ex* Artikolu 534AD u l-Kapitolu 189 tal-Ligijiet ta' Malta talli ezaminat ukoll il-kwistjoni mill-ottika tad-dritt kostituzzjonali dwar is-smiegh xieraq. Fuq dan l-ahhar aspett iccitat is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija vs Andriy Pashkov tal-10 ta' Settembru, 2009 li kienet irriproduciet bran mill-ktieb tal-awtur Karen Reid – A Practitioner's Guide to the European Convention on Human Rights proprju fuq kwstjoni konsimili;

129. L-ewwel Qorti korrettament osservat illi ma kien hemm xejn x'josta lill-akkuzati milli jitolbu li dawn id-dokumenti jkunu debitament tradotti fil-fazi kumpilatorju kif gara ghar-rigward ta' dokumenti ohra. Ma jidhirx li l-Qorti Istruttorja ordnat li kull dokument redatt b'ilsien li mhux dak Malti jkun awtomatikament tradott f'dan l-ilsien. Mhux ghaliex kellu jsir hekk, ghaliex dwar kull dokument tkun necessarjament mehtiega decizjoni skond il-kaz jew it-talba, izda ghaliex la darba l-akkuzati, dakinhar imputati fil-kumpilazzjoni, ma gibdux l-attenzjoni tal-Magistrat illi kien jehtigilhom tali traduzzjoni. Bhalma sar dwar dokumenti ohra, certament ma kenitx ser tinsorgi raguni ghaliex ma ghandux isir hekk izda li jithallew jissoktaw il-proceduri

sabiex fi stadju ulterjuri dan il-fatt jitqajjem bhala eccezzjoni huwa inacettabbli;

130. Illi din il-Qorti taghmel taghha il-kunsiderazzjoni u decizjoni tal-ewwel Qorti ghar-rigward ta' dawn iz-zewg eccezzjonijiet u ma hemm xejn li tista' possibilment izzid maghhom. Ghal dawn ir-ragunijiet, dan l-aggravju qed ikun michud;

**Is-Sittax-il Aggravju:**

Dwar l-eccezzjonijiet numru 47 u 48 li bihom intalab l-isfilz tar-relazzjoni tal-espert Dr. Saviour Formosa ghal diversi ragunijiet fosthom illi dak minnu maghmul ma kienx konformi mad-digriet tan-nomina tieghu u li d-dokumenti annessi mar-rapport tieghu ma humiex awtentikati.

131. F'dawn iz-zewg eccezjonijiet l-akkuzati talbu l-isfilz tar-relazzjoni tal-Professur Saviour Formosa minnu prezentata fl-udjenza tas-26 t'April 2018 quddiem il-Qorti Istruttorja u mmarkata bhala Dok SFQ billi "*fost affarijiet ohra*" minkejja li kien mahtur bhala espert tekniku fl-*in genere* ma kien inghata l-ebda inkarigu specifiku u zgur

mhux l-inkarigu minnu espletat kif ukoll ghaliex l-ebda wiehed mid-dokumenti ma huwa awtentikat;

132. L-ewwel Qorti cahdet dawn l-eccezzjonijiet fuq l-iskorta ta' dak li rriteniet fil-paragrafi precedenti tas-sentenza taghha kif ukoll tenut kont l-specjalizzazzjoni ta' dan l-espert li biha hejja rikostruzzjoni tax-xena tar-rejat mghejjun b'diversi ritratti mehudin permezz ta' *drone*, pjanti u videos akkolti mis-Scene of Crime Officers kif spjega fir-rapport tieghu. Kienet il-fehma tal-ewwel Qorti illi dan ma ghandux iwassal ghall-isfilz tar-relazzjoni anke jekk in-nomina tal-espert kienet dik ta' "espert tekniku".

133. Anke hawn il-Qorti issa fil-vesti revizorja taghha taghmel referenza ghal dak diga' ritenut fil-paragrafi precedenti kwantu l-aggravji dwar il-hatra tal-esperti fl-*in genere*. Izzid tosserva illi frankament kien ikun aktar desiderabbli tifsira cara ta' kulma kellu jsir fil-hatra ta' kull espert mahtur u dan sabiex ikun evitat kull ekwivoku. Minkejja dan, l-espert in kwistjoni ma ghamel xejn li jmur oltre l-ispecjalizzazzjoni tieghu u li ghalhekk ma setax kien mahtur ghal ghan aktar minn hekk. Haga din li tista' titqies bhala *res ipsa loquitur*.

134. Inoltre, la darba l-provenjenza tad-dokumenti akkluzi mar-relazzjoni tal-espert huma lkoll provenjenti mill-esperti l-ohra mahtura mill-istess Inkwirenti u li kkonfermaw ir-relazzjonijiet taghhom quddiem il-Magistrat Istruttur, ma hemmx raguni sabiex dawk id-dokumenti jkunu dikjarati inammissibbli. Illi ghalhekk dan l-aggravju qed ikun michud;

**Is-Sbatax-il Aggravju:**

Dwar l-eccezzjoni numru 49 li biha intalab l-isfilz tax-xiehda ta' Richard Fennern u William Schute u tad-dokumenti minnhom esebiti inkluz *compact disc* billi l-istess xhieda u dokumenti huma inammissibbli ghal diversi ragunijiet.

135. Illi ghas-segwiment ahjar ta' dan l-aggravju qed tkun riprodotta l-eccezzjoni fl-intier taghha li allura ghandha tkopri id-"diversi ragunijiet" vantanti:

"Illi l-esponent jitlob l-isfilz tax-xhieda moghtija minn Richard Fennern u William Schute waqt l-udjenza ta' nhar it-22 ta' Mejju, 2018 u tad-dokumenti kollha, inkluzi l-

*compact disc*, ipprezentat minnhom minn fol 2854 sa 3016 tal-process billi tali xhieda u dokumenti huma, fost affarijiet ohra, inammissibbli ghaliex:

(a) tali xhieda ma ghandhom l-ebda sengha jew hila specjali illi suppost ikollu espert nominat mill-Qorti;

(b) ix-xhieda taghhom fl-ahjar ipotezi tikkostitwixxi *hearsay* ta' dak illi allegatament inghad lilhom mill-kumpanija Vodafone Limited, GO p.l.c. u Melita Limited;

(c) tali kumpaniji ossia r-rapprezentanti taghhom qatt ma ikkonfermaw il-kontenut tax-xhieda jew tar-rapport espost mill-imsemmija Richard Fennern u William Schute u ghalhekk hemm nuqqas ukoll fic-*chain of custody*;

(d) il-*mapping software* illi allegatament intuza mill-imsemmija Richard Fennern u William Schute mhuwiex awtentikat u lanqas hemm indikat mnejn ingab;

(e) l-esponenti anqas jista' jkollu xi tip ta' kontroll dwar l-awtenticita' ta' tali *mapping software* u ta' dak allegat mill-imsemmija xhieda Richard Fennern u William Schute meta huwa ghandu kull dritt li jkollu tali kontroll, jistaqsi u jikkontesta l-awtenticita' u l-verita'

ta' dak kollu prodott mhux jistrieh fuqu semplicement ghax hekk qeghdin jghidu tal-*FBI*;

(f) Ir-ritratti inkluzi fir-rapport, inkluzi izda mhux limitati dawk ta' *cell towers*, *mobilephones, GSM Module* u ohrajn, ma humiex ta' oggetti attwali izda ta' oggetti li la huma ezebiti fl-atti tal-kawza, il-kaz tas-*cell towers* lanqas jinstabu f'Malta bil-mod ezebit u fil-kaz tal-GSM Module ta' oggett ipotizzat min-naha tal-prosekuzzjoni;

(g) F'kull kaz, tali xhieda u dokumenti ma jistabbilixxu l-ebda fatt jew opinjoni konklussiva jew illi wiehed jista' jistrieh fuqha ghal varji ragunijiet u dan kif ser jigi ippruvat matul it-trattazjoni"

136. L-ewwel Qorti cahdet din l-eccezzjoni bil-konkluzjoni kosiderata illi bhala tali ma' taqax fil-mansjoni tal-Imhallef togat izda f'dik tal-Imhallfin tal-fatt u dan wara li ghaddiet in rassenja l-indagini kondotta minn dawn iz-zewg esperti fil-kors tal-inkarigu taghhom li wassal ghar-rapport minnhom esebit. Il-konkluzjoni tal-ewwel Qorti ma setghetx kienet mod iehor ghaliex il-kwalifika u l-konsegwenti apprezzament tal-konkluzjoniijiet raggunti mill-espert hija

kwistjoni rimessa ghall-imhallfin tal-fatt u mhux ghall-imhallef togat bhala kwistjoni ta' ammissibilita';

137. Irid jinghad illi ghalkemm espert tal-Qorti m'huwiex xhud *ex parte,* huwa xorta wahda soggett ghal kull mistoqsija dwar il-hila, l-arti u l-ispecjalizzazzjoni tieghu, ta' kif akkwista l-informazzjoni li eventwalment kienet kompilata fir-relazzjoni tieghu u ohrajn sabiex finalment ikunu l-gurati li jgharblu dan kollu ghall-konvinciment taghhom naha jew ohra. Dwar dan qed issir referenza ghall-**Archbold – Criminal Pleading Evidence and Practice –** Sweet & Maxwell 2014 edition li parti minnu kien riprodott fis-sentenza citata mill-ewwel Qorti Ir-Repubblika ta' Malta v John Borg tat-13 ta' Lulju, 2006:

> **(10-49) Whether a witness is competent to give evidence as an expert is for the judge to determine: *R. v Silverlock, ante*; if he does have the necessary competence, it is not open to a judge to direct that he should not act as an expert witness; the fact that a witness may have been discredited will go to the weight of the evidence, not to its admissibility: Bates v. Chief Constable of Avon and Somerset Police and Bristol Magistrates' Court, 173 J.P. 313, DC;**

(10-49) The fact that an academic researching terrorism was engaged upon "a first draft of history" did not mean that he was not an expert, or that his "draft" was unreliable, still less inadmissible; the task of the contemporary historian includes the collection of information from a variety of sources and its assessment by testing it against other pieces of information (whether known to the wider public, or amongst academics and others working in the same field); the jury would not necessarily be asked to accept that each piece of original information was correct; in fact, it was almost inevitable that some original information would turn out to be wrong; but they would be asked to consider whether or not the expert's conclusions about the whole picture were correct once his expertise in the field was established; R. v. Ahmed (Ranzieb) and Ahmed (Habib), ante.

(10-50) "It would be entirely wrong to deny to the law of evidence the advantages to be gained from new techniques and ... advances in science", *per* Steyn L.J. in *R. v Clarke (R.L>)* [1952] 2 Cr. App.R 524 at 430, CA (facial mapping by video superimposition following *R. V Stockwell 97* Cr. App. R. 260 (evidence of facial

**mapping expert properly admitted where offender caught on viceo was disguised;)**

138. Maghmula dawn il-konsiderazzjonijiet, il-konkluzjoni tal-ewwel Qorti issib akkoljiment u ghalhekk dan l-aggravju qed ikun michud;

**It-Tmintax-il Aggravju:**

<u>Dwar l-eccezzjoni numru 51 li biha ntabet l-isfilz tar-relazzjoni u xiehda tal-espert Mario Cmarec.</u>

139. F'dan il-gravam l-appellanti jesprimu l-lanjanza taghhom bhala konsistenti kemm f'nuqqas ta' pronunzjament mill-ewwel Qorti kif ukoll kwantu l-konkluzjoni raggunta. L-appellanti jallegaw illi minkejja li l-ewwel Qorti rrikonoxxiet illi zewg membri tal-Forzi Armati hadmu ma' dan l-espert, dawn ma kinux hekk awtorizzati u l-ewwel Qorti naqset milli tippronunzja ruhha in rigward;

140. L-eccezzjoni mqanqla mill-akkuzati kienet is-segwenti:

Illi l-esponenti jitlob l-isfilz u t-tnehhija tar-relazzjoni u tax-xhieda ta Mario Cmarec ipprezentati u moghtija minnu quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja waqt l-udjenza ta' nhar it-22 ta' Mejju, 2018

billi huwa mar oltre jew *ultra vires* in-nomina tieghu moghtija lilu u hadem ma' numru ta' persuni li jew ma kenux awtorizzati li jahdmu mieghu jew li ma kenux mahtura bhala esperti u f'kull kaz jitlob l-isfilz ta' kull ritratt mir-rapportipprezentat minn Mario Cmarec, fost affarijiet ohra, billi tali ritratti ma ttehdux minnu u ma gewx ikkonfermati minn min allegatament hadhom u ohrajn ma humiex ta' oggetti mertu tal-kawza odjerna u inoltre jitlob l-isfilz u t-tnehhija ta' kull referenza ghall-allegat *GSM Module* mix-xhieda moghtija minn Mario Cmarec waqt l-udjenza ta' nhar it-22 ta' Mejju, 2018 quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti Istruttorja u ta' l-istampi u l-kliem li jinstabu fuq pagni 81 sa 113 tar-rapport ezebit minnu (a fol. 3219 sa 3142) u dana ghar-ragunijiet imsemmija hawn aktar 'il fuq f'paragrafu 6 u 7 ta' din in-nota;

141. Illi fil-kunsidrazzjonijiet taghha, l-ewwel Qorti fliet ir-rapport ta' dan l-espert u elenkat il-persuni li ghinuh fl-inkarigu tieghu bhala "*post blast explosive expert*" inkluz f'inkontru li kellu mal-Magistrat Inkwirenti u dawn il-persuni. Mill-persuni kollha identifikati u li lkoll jirrizultaw li huma xhieda tal-prosekuzzjoni indikati fl-Att ta' Akkuza, jirrizultaw tnejn, ossia Sammy Mallia u Patrick Vella mis-

sezzjoni EOD tal-armata li ma humiex indikati bhala xhieda. Minkejja dan, huwa indikat bhala xhud Alexander Smith "*mahtur bhala espert li jista' jixhed u jispjega n-natura tax-xoghol li sar minn dawn l-ufficjali u jekk l-istess ghandux ikollu xi piz fuq il-konkluzjonijiet milhuqa mill-espert fir-rapport tieghu.*

142. Ifisser dan ghalhekk illi l-ewwel Qorti ddisponiet minn dik il-parti tal-eccezzjoni u mhux kif jallegaw l-appellanti f'din il-parti tal-aggravju taghhom. Osservat dan, l-appellanti ma ressqu l-ebda gravam dwar dak deciz mill-ewwel Qorti u ghalhekk ser tieqaf hawn fejn il-kwistjoni tikkoncera l-partecipazzjoni tal-persuni li ghinu lil dan l-espert fl-operat tieghu;

143. F'din l-eccezzjoni l-akkuzati kienu talbu l-isfilz tar-ritratti esebit mar-rapport u l-ewwel Qorti traccat ix-xiehda tal-espert Mario Cmarec quddiem l-Istruttorja fejn spjega li dawk ir-ritratti ttiehu mill-pulizija mit-taqsima tal-forensika li kienu qed jassituh. Dawn huma indikati fl-istess rapport kif ukoll bhala xhieda fl-Att ta' Akkuza. Jitolbu ukoll t-tnehhija ta' kull referena ghall-*GSM Module* izda kif korrettament osservat mill-ewwel Qorti, r-referenza ghaliha

mill-espert hija l-opinjoni tieghu wara l-ezami minnu kondott. Izzid tosserva din il-Qorti issa, illi *qua* opinjoni esperta tieghu bhala espert tal-Qorti din il-materja hija mhollija ghall-iskrutinju tal-imhallfin tal-fatt waqt ic-celebrazzjoni tal-guri u li ghalhekk dak kollu ritentut minn din il-Qorti fil-paragrafi precedenti lil jolqtu l-kwisjtoni tal-espert tal-Qorti huma ugwalment applikabbli b'mod allura li dan l-aggravju qed ikun michud;

**Id-Dsatax-il Aggravju**

Dwar l-eccezzjonijiet 52, 53 u 57 li bihom intalab l-isfilz tad-dokumenti ezebiti mix-xhieda Konstantinos Petrou, Sami Harmoinen u Israel Gordilla Torres, u x-xiehda relattiva moghtija minnhom fl-udjenza tal-4 ta Lulju 2018 quddiem l-Istruttorja, kif ukoll l-isfilz tar-rapport u xiehda tal-espert Marco Tolli moghtija fil-11 ta' Ottubru, 2018).

144. Il-pern ta' dawn l-eccezzjonijiet huwa ben riassunt fl-ewwel paragrafu tas-sentenza tal-ewwel Qorti a fol 96 u ghalhekk qed ikun hawn riprodott:

"Illi f'dawn it-tlett eccezjonijiet kwazi identici l-akkuzati joggezzjonaw ghar-rapportiipprezentati mill-esperti tal-

*Europol*, u cioe' id-Dokumenti SH1 sa SH4 u Dokumenti MT1 sa MT8 flimkien mal-oggetti esebiti mal-istess rapporti, kif ukoll id-Dokumenti MT9 u MT10 ipprezentati dawn it-tnejn ta' l-ahhar mill-espert Marco Olli u dan ghal diversi ragunijiet

> "Fl-ewwel lok jilmentaw illi sabiex jespletaw l-inkarigu lilhom moghti l-esperti ezorbitaw id-digriet tan-nomina li kien cirkostritt sabiex "*jassisti lill-Inkwirenti fil-gbir ta' data elettronika fuq 'mobile telephony' u jaghmlu l-analizi teknici fuq 'data traffic' cellulari, kif ukoll ghal 'data extraction' minn kull apparat elettroniku iehor elevat fl-inkjesta*". Dan meta huma assistew lill-pulizija fit-tfittxijiet li saru fi propretajiet privati meta ma kenux awtorizzati jaghmlu dan permezz ta' mandati relattivi ta' arrest u tfittxija. Jilmentaw ukoll li fir-rigward tal-esebiti ezaminati minn dawn l-esperti ma gietx osservata 'l hekk imsejha *chain of custody*, u finalment jitolbu l-isfilz tar-rapporti billi dawn gew ipprezentati bil-lingwa Ingliza, u mhux bil-lingwa maltija u ma saritx traduzzjoni ta'l-istess"

145. Illi kwantu l-ahhar ilment, din il-Qorti gia pronunzjat ruhha fil-paragrafi precedenti u ghalhekk ghall-istess

ragunijiet qed tichad din il-parti tal-aggravju. Issa, irid jinghad illi l-ewwel Qorti osservat illi t-tfittxijiet saru in forza ta' mandat ta' arrest u tfittxija debitament mahruga mill-Inwkirenti fit-2 ta' Dicembru 2017; li mix-xiehda prodotti, l-elevazzjoni ta' oggetti saret dejjem mill-membri tax-xena tar-reat regolarment mahtura mill-Inkwirenti liema membri qieghdu kull oggett hekk elevat gewwa "*evidence bags*" u ssoktat titracca b'mod minuzzjuz dik ic-*chain of custody* li -allegat nuqqas taghha hija ferocament attakkata mill-appellanti;

146. Jidher illi l-qofol ta' dan l-aggravju hu li l-appellanti ma jridux joqoghdu ghad-decizjoni tal-ewwel Qorti dwar li l-esperti nominati mill-Inwirenti ma kinux qed jaghmlu huma stess it-tfittxija maghmula bis-sahha tal-mandat ta' arrest u tfittxija moghtija lill-Pulizija mill-Inkwirenti. Il-Qorti ma tistax ma taqbilx mal-ipotezi illi mandat ta' tfittxija mahrug skond il-ligi jintitola biss lill-persuna jew korp indikata/i f'dak il-mandat li jaghmel jew jaghmlu dik it-tfittxija. Madanakollu ma jfissirx b'daqshekk illi l-Pulizija ma tistax tkun akkumpanjata minn esperti mahtura mill-istess Inkwirenti, aktar u aktar meta dak li jkun imfittex ikun jehtieg sengha jew teknika specjali li tista' biss ssir b'mod efficjenti u minghajr disturb jew distruzzjoni ta' evidenza

hlief taht id-direzzjoni ta' dawk l-esperti. Hija skoretta ghalekk l-ipotezi li l-Pulizija moghnija b'mandat ta' tfittxija ma jistghux ikunu akkumpanjati mill-esperti nominati fl-istess indagini mill-Inkwirenti;

147. Il-Qorti ma tistax tifhem kif l-appellanti qed jitolbu, fost ohrajn, ir-rimozzjoni ta' dokumenti mill-atti li huma ricevuta ta' trasmissjoni ta' oggetti elevati li allura iservu bhala prova tac-*chain of custody* bhala huma id Dok MT9 u MT10 u MT1 sa MT8. Tosserva inoltre illi quddiem din il-Qorti fil-vesti revizorja taghha ma jiswiex li l-appellanti jallegaw li ma jaqblux mad-decizjoni tal-ewwel Qorti jekk flimkien ma' dik il-fehma ma jghidux ghaliex, jew mill-att fattwali jew legali skond il-kaz. L-ewwel Qorti ndirizzat l-ilment tal-akkuzati billi ezaminat kull parti tal-kumpilazzjoni, inkluz il-*proces verbal* fejn jitratta dwar dawn l-eccezzjonijiet (apparti l-eccezzjonijiet l-ohra), ghamlet rassenja taghhom fejn accertat ruhha illi l-provi juru li l-elevar sar mill-esperti nominati bhala esperti tax-xena tar-reat minn fejn irrizulta ghalhekk illi ma kinux l-esperti lamentati li elevaw oggetti fil-kors tal-esekuzzjoni tal-mandat ta' tfittxija;

148. Ventilat dan, il-Qorti hi tal-fehma li l-konkluzjonijiet raggunti mill-ewwel Qorti kwantu l-eccezzjonijiet 52, 53 u 70 hija ineccepibbli, taghmel taghha l-istess konkluzjoni u ghalhekk tichad dan l-aggravju;

**L-Ghoxrin Aggravju:**

Dwar l-eccezzjonijiet numru 54 u 55 li bihom intalab l-isfilz tad-dokumenti u ezebiti bix-xiehda ta' Marcel Van Beest, Martin Roos, Johannes Martinus Jacobus Verzijlbergh u Hinderikus Woortmeijer mmakrati Dok MV1, MV2 u HW1.

149. Illi anke f'dawn l-eccezjonijiet, l-Qorti jidhrilha illi l-ewwel Qorti ghamlet aktar minn dak mistenni minnha fl-analizi tal-provi sabiex tassigura illi kien hemm dik in-nomina tal-Magistrat Inkwirenti ghall-hatra tal-esperti, li dawk l-esperti ma ezorbitawx il-mandat taghhom u li kien hemm dik il-kustodja ossia *chain of custody* fil-gbir, preservazjoni, ezami u r-ritorn tal-esebiti skond dik il-formalita' rikjesta mil-ligi;

150. Jidher illi huwa opportun li jkun ribadit illi dak kollu eccepit f'din l-eccezzjoni huwa finalment mholli ghall-iskrutinju, evalwazzjoni u decizjoni tal-imhallfin tal-fatti basta li l-partijiet fil-kawza jinghataw dik il-fakolta' li jezercitaw kontroll fuq kull aspett tal-provi mressqa. Kif tajjeb osservat l-ewwel Qorti, huma l-gurati li finalment iridu jaghtu d-decizjoni taghhom dwar il-valur tal-prova mressqa u dan wara l-kontrolli kollha li tippermetti l-ligi u li din il-Qorti tifhem li huma l-opportunitajiet kollha inkluz l-ezami u kontro-ezami ta' kull xhud u kull dokumenti minnu prezentat;

151. Huma ghalhekk ukoll applikabbli l-konsiderazzjonijiet maghmula fil-paragrafi precedenti ta' din is-sentenza ghal dan l-aggravju li konsegwentement qed ikun michud;

**Il-Wiehed u Ghoxrin Aggravju:**

Dwar l-eccezzjoni numru 56 li biha intalab l-isfilz tax-xiehda ta' Doris Eerhart Waslander moghtija quddiem il-Qorti Istruttorja fl-4 ta' Lulju, 2018.

152. Illi f'din l-eccezzjoni l-appellanti jillanjaw id-decizjoni tal-ewwel Qorti li cahdet it-talba taghhom ghall-isfilz tax-

xiehda ta' Doris Eerhart Waslander sia ghaliex qatt ma kienet nominata bhala espert fl-*in genere* kif ukoll ghaliex d-depozizzjoni taghha saret fl-ilsien Ingliz u t-traskrizzjoni qatt ma kienet tradotta fl-ilsien Malti. Issa, kwantu l-ewwel aspett tal-eccezzjoni, l-ewwel Qorti ghaddiet in rassenja kull fejn jisemma l-isem ta' din ix-xhud u minn hemm hareg car ir-rwol taghha fl-indagini kondotta fl-*in genere* li kien, u kif gia konstatat precedentement, dak ta' koordinatur u intermedjarju bejn il-Magistrat Inkwirenti, l-NFI u l-esperti mill-NFI mahtura mill-istess Magistrat;

153. Tassew jinghad illi il-htiega ta' din ix-xhud hija wahda indispensabbli ghal dak li jirrigwarda c-*chain of custody* ta' uhud mill-esebiti elevati mix-xena tar-reat, haga din li hija kwistjoni ta' fatt li kif tajjeb osservat l-ewwel Qorti hija rimessa ghall-kunsiderazzjoni tal-guri. Jidher illi din ix-xhud ma tat ebda opinjoni fil-kors tax-xiehda taghha b'mod li kienu jkunu opportuni kunsiderazzjonijiet dwar in-nuqqas ta' nomina taghha bhala espert tal-Qorti jew jekk dik il-fehma ghandhiex titqies bhala opinjoni u l-konsegwenzi hemm derivanti;

154. Kwantu ghat-tieni aspett tal-eccezzjoni kif proposta f'din il-lanjanza, l-ewwel Qorti ghamlet referenza ghal dak minnha konsiderat fil-kunsiderazzjoni precedenti taghha enumerata 10 u dan wara l-monitu li d-dokument li tieghu qed jintalab l-isfilz huwa in effetti traskrizzjoni tad-deposizzjoni ta' Doris Eerhart Waslander u li dan ma jkunx normalment imqassam lill-gurati ghaliex bhala xhud xorta wahda trid terga' tixhed *viva voce* quddiem l-imhallfin tal-fatt;

155. Din il-Qorti, bhal dik tal-ewwel grad qabilha, jidhrilha illi ghal dan l-aggravju japplikaw il-konsiderazzjonijiet precedenti taghha maghmula fil-paragrafi numri 125 sa 129 dwar il-hmistax-il aggravju. Ghalhekk dan l-aggravju qed ikun michud;

**It-Tnejn u Ghoxrin Aggravju:**

Dwar l-eccezzjoni numru 57 li biha intalab l-isfilz tal-kopji tas-sentenzi mmarkati Dok VM u Dok GD2 stante li ma jistghux jikkostitwixxu prova dwar recidiva.

156. Illi d-dokumenti li ghalihom appena saret referenza huma kopji ta' sentenzi moghtija aktar minn ghaxar snin

qabel il-hrug tal-Att ta' Akkuza u li ghalhekk l-appellanti eccepew li dawn ma jistghux jitqiesu ghall-fini tal-addebitu ta' recidiva kif kontemplat fl-artikolu 50 tal-Kodici Kriminali. Dan l-artikolu jipprovdi illi:

> **Meta persuna ikkundannata ghal delitt, taghmel delitt iehor fi zmien ghaxar snin minn dak in-nhar li tkun skontat jew tkun giet mahfura l-piena, jekk iz-zmien ta' dik il-piena kien izjed minn hames snin, jew fi zmien hames snin, fil-kazijiet l-ohra kollha, tista' tehel piena akbar bi grad wiehed mill-piena stabbilita ghal dak id-delitt iehor.**

Ifisser dan illi ghal kull kundanna li l-prosekuzzjoni jidhrilha li ghandha titqies ghal fini tal-procedura ghandha tingieb 'l quddiem ghall-kunsiderazzjoni tal-Qorti sabiex tiddeciedi hi jekk tirrizultax ir-recidiva jew le fit-termini tal-artikolu 50. Issa jekk il-prosekuzzjoni jidhrilha li l-kwistjoni hija wahda cara u konsegwentement ma taghtix l-addebitu tar-recidiva fl-imputazzjoni huwa privilegg taghha. Izda, la darba tkun ghamlet il-kontra, jispetta lill-Qorti tiddeciedi jekk jirrizultax jew le dak l-addebitu;

157. Issa, fil-kaz hawn skrutinat huma l-gurati li ghandhom jixtarru dawk id-dokumenti f'kaz <u>biss</u> li jirritornaw verdett ta' htija dwar il-fatti u wara li mbaghad jinghataw konjizzjoni tal-provi in rigward, jergghu jkunu indirizzatti mill-imhallef togat u jiddilberaw mill-gdid ghall-otteniment ta' verdett separat dwar l-addebitu. Fil-kunsiderazzjoni taghha l-ewwel Qorti ccitat kemm l-artikolu 489 tal-Kodici Kriminali kif ukoll dak ritenut fis-sentenza Ir-Repubblika ta' Malta vs Ibrahim Elhamshi Elghaoud et tad-9 ta' Jannar, 2003. Din il-Qorti terga' taghmel referenza ghas-sentenza appena citata u b'approvazzjoni tabbraccja l-insenjament car u inekwivoku li jinsab fiha u tqis illi l-inkluzjoni tad-dokumenti lamentati kienu inkorporati fl-atti processwali fil-limiti preskritti mil-ligi u skond il-ligi ikunu soggett ghall-kunsiderazzjoni u finali gudizzju kif fuq spjegat. Ghalhekk dan l-aggravju qed ikun michud;

**It-Tlieta u Ghoxrin Aggravju:**

<u>Dwar l-eccezzjoni numru 58 li biha intalab l-isfilz tar-relazzjoni tal-espert Dr. Mario Scerri esebita bhala dokument MS, l-*compact disc* dokument MS2 u x-xiehda tieghu.</u>

158. F'din l-eccezzjoni l-akkuzati kienu talbu l-isfilz hawn riferit "*..fost affarijiet ohra, billi (a) minkejja illi huwa kien mahtur bhala espert mediku fl-atti tal-inkjesta huwa ma inghata l-ebda inkarigu specifiku u zgur ma inghatax l-inkarigu minnu citat fir-relazzjoni tieghu b'dan il-mod:* fuq ordni tal-Qorti (Magistrat Inkwirenti Onor. Anthony Vella, LL.D.) sabiex jezamina, jaghmel il-kostantazzjonijiet forensici relevanti u jirrelata dwar l-omicicju ta' Daphne Caruana Galizia li kienet f'karozza li splodiet fil-Bidnija nhar is-16 t'Ottubru, 2017; *(b) billi f'kull kaz huwa ma kienx mahtur bhala sabiex jirrelata dwar fuq il-kundizzjoni tal-vettura; (c) billi f'kull kaz ukoll huwa ma kienx mahtur sabiex jiehu bucal swabs ghal finijiet ta'DNA* testing *minn fuq il-persuna ta' Paul Caruana Galizia u jikkonduci ezami sabiex jiddetermina l-identita' tal-vittma kif fil-fatt jirrizulta illi ghamel u (d) billi ladarba Paul Caruana Galizia ma xehedx matul il-kumpilazzjoni dak illi hemm imnizzel dwaru fir-relazzjoni mhuwiex ikkonfermat jew awtentikat, huwa* hearsay *u m'hemmx kontinwita' tant illi mid-dokument a fol 3606 jidher illi lanqas kopja tal-karta ta' l-identita' ta' l-isemmi Paul Caruana Galizia ma ittiehdet;*";

159. Ezami tal-atti processwali juri illi Dr. Mario Scerri kien nominat bhala espert mediko-legali sew fil-jum li fih sehhet l-ispluzjoni mertu tal-akkuzi igifieri fis-16 t'Ottubru, 2017 permezz ta' digriet tal-Magistrat Inkwirenti Dr. Consuelo Scerri Herrera kif ukoll fil-jum ta' wara mill-Magistrat Dr. Anthony Vella li ha f'idejh l-inkjesta wara li astjeniet minn l-Inkjesta l-Magitrat Dr. Scerri Herrera. Dan l-inkarigu doppju m'huwiex wiehed b'kumbinazzjoni ghaliex it-tieni Magistrat ma kellux ghalfejn jerga' jinnomina l-istess espert jekk mhux ghaliex inqalghet il-htiega fil-kors tal-indagini. Dan il-kaz huwa identiku ghal dak li jirrigwarda l-espert serologista Dr. Marisa Cassar li dwaru gia saru konsiderazzjonijiet minn din il-Qorti. Huma frekwenti dawk l-istanzi fejn fil-kors tal-*in genere* espert jikkomunika mal-Magistrat Inkwirenti dwar xi ostakoli riskontrati inkluz li bl-inkarigu kif deskritt ma jhossx li jkun ghaqli li jissokta sakemm ma jkun hemm awtorizzazzjoni ulterjuri;

160. Dan qed jinghad aktar per ezempju izda huwa manifest illi fil-kaz hawn skrutinat in-nomina ta' Dr. Mario Scerri kienet estiza b'nomina ulterjuri l-ghada li kien gia acceda fuq ix-xena tad-delitt. Issa, jekk l-espert hass illi kellu

jiddiskrivi l-istat tal-vettura li fiha instab il-kadavru tad-*decuius* ma ghandux b'daqshekk jintalab l-isfilz ta' dik il-perizja jew ix-xiehda tal-espert kwantu dik id-deskrizzjoni. Hija zbaljata l-ipotezi illi ghaliex Dr. Mario Scerri kien nominat bhala espert mediko-legali allura ma jistax jaghti deskrizzjoni tax-xena tad-delitt aktar u aktar jekk dik id-deskrizzjoni hija necessarja sabiex tiggustifika r-ragunijiet ghaliex adotta certu proceduri fl-operat tieghu;

161. Issa, jekk f'dik id-deskrizzjoni jirrizultaw xi opinjonijiet dwar, per ezempju il-kulur tal-vettura qabel l-ispluzjoni [ipotezi tal-Qorti dwar fatt mhux riskontrat jew deskritt minn dan l-espert] allura imbaghad l-akkuzati ghandhom ghad-disposizzjoni taghhom l-ghodda ghall-kontroll dwar dan bil-mistoqsijiet li jistghu isiru in kontro-ezami lil dan ix-xhud, dejjem izda quddiem l-imhallfin tal-fatt;

162. L-istess ragunament huwa ugwalment applikabbli ghall-kritika dwar id-decizjoni tal-espert mediko-legali li jitlob lil Paul Caruana Galizia jissottometti kampjun orali ghal fini ta' paragun ta' DNA ma' dak tad-*decujus*. Dik hija l-metodologija li l-espert ghazel li jimxi biha u dan il-fatt, kif

ukoll ir-rizultanzi tal-paraguni huma lkoll soggetti ghall-kontroll waqt l-eventwali deposizzjoni tal-espert quddiem il-gurati li, wara d-debita direzzjoni, jiddeciedu huma jekk ir-rizultanzi humiex kredibbli 'l hinn minn kull dubju dettat mir-raguni. Illi n-nomini u r-rapport tal-espert mediko-legali ma jqanqlu l-ebda raguni ghaliex ghandhom, f'dan l-istadju tal-proceduri, jitqiesu li jirravvizaw difetti tali li jimmeritaw kunsiderazzjoni ulterjuri dwar l-allegata inammissibilita' taghhom. Konsegwentement dan l-aggravju qed ikun michud;

**L-Erbgha u Ghoxrin Aggravju:**

<u>Dwar l-eccezzjoni numru 59 li biha intalab l-isfilz tar-relazzjoni tal-espert Mario Buttigieg dokument MB1, ta' kwalunkwe dokument minnu pprezentat u tax-xiehda tieghu</u>.

163. Il-Prokuratur Legali Mario Buttigieg kien iehor mill-esperti nominati fl-*in genere* bhala espert tekniku. Huwa esebixxa r-rapport tieghu quddiem il-Qorti Istruttorja f'deposizzjoni li tinsab a fol 3612 sa 3712 tal-atti processwali. L-akkuzati, izda, eccepew illi ghad illi kien nominat bhala espert tekniku huwa ma inghatax l-inkarigu

kif minnu deskritt fir-relazzjoni li hija s-segwenti: "*Il-Magistrat Inkwirenti nnomina lill-esponent bhala perit tekniku sabiex jaghmel valutazzjoni tal-hsarat u jigbor l-istorja (history) ta' din il-vettura li kienet qed tintuza mill-istess vittma Daphne Caruana Galizia. Illi l-esponent gie moghti wkoll l-inkarigu illi wara li l-access ikun sar fuq il-lok tal-allegat incident il-vettura odjerna tigi mnehhija minn fuq il-lok tax-xena tar-reat, taht is-supervizjoni tal-istess esponent li gie wkoll moghti r-responsabilita' tas-sigurta tal-vettura odjerna waqt li din tkun compounded gewwa wiehed mill-garaxxijiet li hemm Saint Andrews*";

164. L-akkuzati jsibu eccezzjoni ukoll ghal dak li jghid l-espert a fol 10 tar-relazzjoni tieghu meta jirritjeni illi kien nominat ukoll sabiex "*jezamina vettura ta' ghamla Opel mudell Astra, liema vettura kienet pparkjata quddiem ir-residenza msemmija 'Soleada', fi Triq il-Bidnija, San Pawl il-Bahar sabiex jigi kkonstatat jekk il-marka tal-brejk misjuba fuq wicc it-triq kinitx saret mit-tali vettura*". Oltre, l-akkuzati eccepew illi dan l-espert la kellu nomina u lanqas s-sengha jew hila specjali sabiex jirrelata u ma inghata l-ebda fakulta' jisma' xhieda bil-gurament;'

165. Illi l-ewwel Qorti ddisponiet minn din l-eccezzjoni minnha deskritta bhala bla bazi, billi ccitat d-digriet ghan-nomina ta' dan l-espert mill-atti processwali fejn huwa manifest li kien hekk nominat bhala "*espert mekkaniku, sabiex jezamina il-vettura, il-lok tal-incident, u jekk ikun il-kaz jisma' x-xhieda bil-gurament*". Regghet ukoll l-istess Qorti citat bran mis-sentenza li ghaliha gia kienet ghamlet referenza dwar it-tifsira tal-kliem "hila u sengha specjali" kif ravvizat fil-Kodici Kriminali. Minkejja dan, l-appellanti jressqu l-argument illi dan l-espert qatt ma inghata l-inkarigu kif minnu deskritt fir-relazzjoni tieghu stess;

166. Illi fl-ewwel lok ma ghandu jkun hemm l-ebda dubju li il-PL Mario Buttigieg kien fil-fatt nominat bhala espert mill-Magistrat Inkwirenti. Issa, kif gia precedentement osservat, u ghaliex l-esperjenza f'dan il-qasam hekk tghallem, bejn l-espert u l-Magistrati Inkwirenti solitament ikun hemm komunikazzjoni verbali dwar l-andament tal-indagini. Meta l-espert ghal xi raguni jdum ma jirrelata gieli ssir komunikazzjoni bil-miktub sabiex ikun dokumentat dak id-dewmien izda f'kazijiet ta' portata bhal dak in disamina fejn kien hemm nomina ta' ammont mhux normali ta' esperti, jekk espert ikun jehtieg kjarifika jew awotrizazzjoni ulterjuri u jottjeni l-istess b'mod verbali mill-Magistrat Inkwirenti, ma

hemm xejn irregolari jekk dak l-espert jirrelata fil-konfini tal-mansjoni moghtija lilu anke jekk verbali. Issa jekk il-Magistrat Inkwirenti ma jkunx segwa dak l-izvilupp b'mod iskritt ma jfissirx b'daqshekk li dawk it-termini ma kinux hekk awtorizzati. Huwa ben divers il-kaz fejn espert jghid li kien nominat meta ma hemm l-ebda hjiel ta' dan mill-atti processwali li allura necessarjament jkun jirrikjedi kunsiderazzjoni aktar approfonditi;

167. Illi anke hawn, xejn ma jnaqqas mill-kontroll li l-appellanti ghandhom meta l-imsemmi espert eventwalment jiddeponi viva voce quddiem l-imhallfin tal-fatti jekk jidhrilhom illi r-relazzjoni tieghu kienet tezorbita mill-kompitu lilu moghti kif ukoll milli jaghmlulu mistoqsijiet dwar il-hila u s-sengha tieghu fil-materja li dwarha tqabbad bhala espert. Ghalhekk il-konkluzjoni tal-ewwel Qorti dwar din l-eccezzjoni hija wahda li timmerita akkoljiment u konsegwetement dan l-aggravju qed ikun michud;

**Il-Hamsa u Ghoxrin Aggravju:**

Dwar l-eccezzjoni numru 60 li biha intalab l-isfilz tar-rapport tal-awtopsja esebit konguntament mill-Prof. Marie Therese Camilleri Podesta u Dr. Ali Safraz u t-traskrizzjoni tax-xiehda ta' dawn l-esperti.

168. Illi dan l-aggravju hu marbut mal-kwistjoni tal-uzu tal-ilsien Ingliz fid-dokumenti esebiti u deposizzjonijiet meta l-ilsien li bih tmexxew il-proceduri fl-Istruttorja huwa dak Malti. Issa, f'dan l-aggravju, l-appellanti izidu jtennu illi minkejja li kienet mahtura interpretu sabiex taqleb id-dokumenti esebiti, li l-Qorti tifhem illi huma r-rapport *post mortem,* ghall-ilsien Malti dan baqghet ma ghamlitux;

169. Il-Qorti hi tal-fehma li l-mertu ta' dan l-aggravju huwa ormai ezawrit b'dak gia deciz fl-aggravji precedenti. Inoltre taqbel mal-konkluzjoni tal-ewwel Qorti illi x-xhieda ghad iridu jergghu jixhdu 'l quddiem fil-kors tal-guri u hemmhekk ikollhom is-salvagwardji kollha moghtija lilhom bil-ligi taht id-direzzjoni tal-Imhallef togat sabiex fejn ikun mehtieg issir il-hatra tal-interpreti skond il-ligi. Ghal dawn ir-ragunijiet, dan l-aggravju qed ikun michud;

**Is-Sitta u Ghoxrin Aggravju:**

Dwar l-eccezzjonijiet numru 61, 62 u 74 li bihom intalab l-isfilz ta' dokumenti inkluz *compact disc* mix-xhieda Amelie Abela (Melita plc), Dr. Anthony Bonnici (GO plc), Jason Pavia u l-Ing. Mario Cordina (Vodafone).

170. Illi kif gia huwa evidenti, ix-xhieda appena indikati xehdu in rappresentanza tal-provdituri ta' servizzi u l-akkuzati sollevaw eccezzjoni dwar kull wiehed minnhom b'dik komuni ghat-tlieta li huma hija l-kwistjoni tal-ilsien li bih huma redatti d-dokumenti minnhom prezentati. Ghal darb'ohra jkun ribadit li l-Qorti gia provdiet dwar din il-lanjanza ukoll kif inghad fil-paragrafu ta' qabel dan u ghalhekk ser tghaddi biex tikkunsidra l-parti rimanenti ta' dan l-aggravju;

171. Illi fil-kaz tax-xhud Amelia Abela (eccezzjoni numru 61), l-akkuzati kienu lmentaw li dwar id-dokument u *compact disc* minnha esebiti ma jirrizultax min hu l-awtur tieghu, li x-xiehda taghha tammonta ghall-hearsay u finalment li dan ma jistax jitqies bhala prova ghaliex

jikkontjeni *disclaimer* li tghid hekk: "*Please note that these localisations can only been deemed as being an estimate: the mobile phone may have connected to these antennae even though it was outside the area normally covered by these same antennae. Melita Limited does not guarantee the accuracy of the information;*". Dawn l-eccezzjonijiet kienu ukoll sollevati fir-rigward tax-xiehda moghtija mir-rapprezentant ta' GO plc biz-zieda li t-talbiet li ghalihom jirreferi id-dokument minnu esebit u li allegatament saru mill-pulizija intitolati *official court request 1, 2 u 3* m'humiex iffirmati, m'humiex awtentiakti u m'humiex fl-ilsien Malti.

172. Illi imbaghad dak appena mghoddi in rassenja kien ukoll eccepit fil-konfront tad-deposizzjoni tar-rapprezentanti tas-socjeta Vodafone ghajr ghall-kwistjoni tad-*disclaimer*. L-ewwel Qorti traccat l-istanza fejn dawn ix-xhieda ddeponew kif ukoll id-dokumenti lamentati mill-appellanti li, izda, fl-aggravju taghhom ma lissnu l-ebda lment dwar il-korrettezza ta' dak elenkat mill-ewwel Qorti. Dak illi l-appellant iressqu bhala argument fil-gravam taghhom hu li id-decizjoni hija zbaljata ghaliex dokument esebit jehtieg li jkun iffirmat u jghid min hu l-awtur tieghu. F'dan ir-rigward

ghalhekk huwa necessarju li tkun riprodotta s-sentenza tal-ewwel Qorti li tirritjeni hekk:

*Illi kemm Amelie Abela kif ukoll Anthony Bonnici u Pavia flimkien mal-Inginier Cordina, rapprezentanti tas-socjeta Melita plc, GO plc u Vodafone rispettivament, jixhdu dwar cell tower data li tinkludi rendikont ta' telefonati u sms's li saru fil-jiem ta' bejn il-15 u is-16 ta' Ottubru 2017 u coverage maps, kif indikat lilhom mill-espert Dr. Martin Bajada u mill-pulizija. Inoltre huma gew mitluba ukoll jipprovdu informazzjoni fuq sett ta' numri IMEI u jekk dawn l-istess numri kellhomx xi rabta mas-servizzi provduti mis-socjetajiet minnhom rapprezentati.*

*Jidher illi kemm Amelie Abela kif ukoll Anthony Bonnici hadmu fuq l-estrazzjoni ta' din id-data huma personalment debitament assistiti minn inginier impjegat mal-kumpanija rapprezentata minnhom. Jason Pavia hadem, imbaghad id f'id mal-Inginier Mario Cordina. Dan sar fuq rikjesta lilhom maghmula kemm mill-espert Dr. Martin Bajada kif ukoll mill-pulizija. Dawn ix-xhieda jaghtu dettalji fid-deposizzjoni taghhom fil-Qorti tax-xoghol minnhom maghmul u tal-mod kif saret l-estrazzjoni tad-data. Billi d-data hekk mitluba kienet wahda pjuttost voluminuza, din*

*giet ipprezentata fuq compact disc. Dan ifisser, allura, illi ma jistax jinghad illi l-prova maghmula minn dawn ix-xhieda tista' tikkostitwixxi xi forma ta' 'hearsay evidence' billi kienu dawn ix-xhieda stess li hadu hsieb l-estrazzjoni tad-data, fil-kaz ta' Abela u Bonnici bl-assistenza ta' Inginier. Dan ukoll iwassal ghan-nuqqas ta' htiega li d-dokument jigi awtentikat jew iffirmat gjaldarba, kif inghad, dawn ix-xhieda qeghdin jikkonfermaw viva voce l-estrazzjoni saret minnhom.*

*Illi fix-xiehda tieghu Dr. Anthony Bonnici jispjega illi ghalkemm l-informazzjoni hemhekk kontenuta ma tista' qatt tkun wahda preciza mija fil-mija, madanakollu jidher li inezattezzi mhumiex daqshekk komuni. Illi allura ghalkemm l-akkuzati isibu oggezzjoni ghal fatt iddikjarat minn dawn il-provdituri tas-servizz illi l-informazzjoni minnhom moghtija tista' ma tkunx wahda preciza u jista' jkun fiha "a margin of error", jinghad biss illi kwalunkwe dubbju dejjem ghandu jimmilita favur il-persuna akkuzata u kwindi n-nuqqas ta' precizzjoni tal-informazzjon moghtija minn dawn ix-xhieda ma twassalx ghall-inammissibilta' taghha, u jekk l-istess tikkostitwixxi xi prova dubbjuza dan in-nuqqas huwa certament wiehed tal-Prosekuzzjoni billi hija ghandha dejjem tara li tressaq l-ahjar prova li l-kaz*

*jipprovdi. Issa jekk il-prova ma tilhaqx dak il-grad mistenni mil-ligi din ma tkunx wahda b'sahhitha sabiex il-gurati jistghu jistriehu fuqha meta jigu sabiex jghamlu l-gudizzju ahhari taghhom. Dan dejjem billi huma jigu hekk iggwidati mill-Imhallef togat. Il-Qorti, izda, f'dan l-istadju preliminari tal-proceduri ma ghandhiex is-setgha tordna li titwarrab xi prova ghar-raguni illi din ma hijiex wahda b'sahhitha bizzejjed billi din il-kwistjoni ghandha tigi determinata unikament fil-kors tac-celebrazzjoni tal-guri u mhux qabel.*

*Illi, ukoll, ghalkemm id-dokumenti li permezz taghhom saret it-talba mill-pulizija lil Go plc ghal-informazzjoni dwar data, kif hemm kontenut fl-imsemmija rikjesti, ma humiex iffirmati mill-mittenti ta'l-istess, madana kollu jidher illi din it-talba temani mill-iSpettur Keith Arnaud li xehed estensivament dwar il-fatt illi huwa kien inkarigat mill-qasam, tal-investigazzjoni marbuta mal-informatika, u dan hekk kif sehh l-omicidju, u huwa ukoll f'posizzjoni jikkonferma bil-gurament it-talba minnu hekk maghmula fil-kors tac-celebrazzjoni tal-guri.*

173. Illi l-ghan li ghalih din il-Qorti rriproduciet b'mod estensiv mid-decizjoni tal-ewwel Qorti dwar dawn l-ecccezzjonijiet hu li dik is-sentenza hija legalment korretta.

Izzid ma' dan illi fit-termini tal-artikolu 638 (1) tal-Kodici Kriminali: "**Bhala regola, ghandu jitqies li tingieb il-prova l-aktar shiha u sodisfacenti illi l-kaz ikun jaghti, u li ma jithalla barra ebda xhud li x-xiehda tieghu tkun importanti**". Issa, fil-kwistjoni in disamina, ix-xhieda msemmija ipprezentaw permezz ta' format digitali fuq *compact disc* informazzjoni estratta mis-sistemi ta' registrazzjoni ta' data tal-kumpaniji rispetti taghhom. Xehdu dwar dan u kif ghamlu dik l-estrazzjoni tad-data u fuq talba ta' min. Ghalhekk kif magistralment ippostulat mill-ewwel Qorti, f'dan l-istadju preliminari mhix fil-mansjoni ta' dik il-Qorti li tiddikjara jekk dik tammontax ghal prova ammissibbli jew le ghaliex il-kwistjoni hekk dik hix l-ahjar prova jew le hija wahda rimessa lill-gurati wara d-direzzjoni debita mill-imhallef togat. U l-ewwel Qorti gia ssenjalat dak li preventivament ghandu jkun jikkontjeni l-indirizz f'dan ir-rigward dwar id-dubji u fejn ghandhom jimmilitaw. Ghalhekk dan l-aggravju qed ikun michud;

**Is-Sebgha u Ghoxrin Aggravju:**

Dwar l-eccezzjoni numru 63 li biha intalab l-isfilz tar-rapport kongunt Dokument AB1 minn PS122 Arthur Borg u WO2 Alexander Smith.

174. F'din l-eccezzjoni l-akkuzati talbu l-isfilz ta' relazzjoni taz-zewg esperti msemmija *supra* fuq il-premessi illi ghalkemm kienu mahtura bhala esperti fl-*in genere* ma nghataw ebda inkarigu li jittrasportaw xi kampjuni gewwa The Hague, qatt ma setghu jghaddu dawn il-kampjuni lil Doris Eerhart, is-*submission of articles form* mhix fl-ilsien Malti u mhix konfermata minn min allegatament iffirmaha u ma hemmx dik ic-*chain of custody* billi x-xhieda ma jghidux minn fejn u minghand min gabu l-kampjuni in kwistjoni;

175. Illi anke f'din l-eccezzjoni, l-ewwel Qorti ghamlet analizi klinika li tkopri l-isfera mill-hatra ta' dawn iz-zewg esperti, l-elevar tal-kampjuni, il-konsenja taghhom lill-Ispettur tat-Taqsima Forensika Charlot Casha, d-delega ta' dan l-ahhar lura lill-esperti sabiex iwasslu l-kampjuni lejn The Hague u r-ritorn taghhom Malta permezz tad-DHL u l-ftuh tal-kampjuni fil-presenza tal-esperti bid-debita fotografiji;

176. L-ilment tal-appellanti hu limitat dwar li dawn l-esperti ma inghataw l-ebda inkarigu specifiku sabiex iwasslu dawn il-kampjuni lejn The Hague u jghadduhom lil Doris Eerhart li hija persuna estranea ghall-inkjesta. Tajjeb li jkun osservat, izda, illi dawn iz-zewg esperti kienu nominati bhala *scene of crime officers* u ma hemm xejn nociv fil-fatt illi bhala parti mix-xoghol taghhom trasportaw il-kampjuni barra minn Malta sabiex ikunu ezaminati minn esperti ohra ukoll nominati mill-Magistrat Inkwirenti. Kif tajjeb osservat l-ewwel Qorti, la darba din il-prattika hija segwita ghat-trasferiment tal-kampjuni internament fil-pajjiz ma hemm xejn li ghandu japplika b'mod divers fit-trasport taghhom lejn l-esteru, sakemm naturalment tali trasport ma jkunx sar minn persuna, anke jekk espert nominat ghal-ghan kompetament differenti, li f'dak il-kaz ikun jehtieg kunsiderazzjonijiet ulterjuri in rigward;

177. Kwantu l-ilment jolqot il-partecipazzjoni ta' Doris Eerhart Waslander tqis illi dan kien gia deciz fl-aggravji precedenti u ghalhekk a skans ta' ripetizzjoni l-Qorti mhijiex

ser tinoltra aktar. Ghal dawn ir-ragunijiet, dan l-aggravju qed ikun michud;

**It-Tmienja u Ghoxrin Aggravju:**

Dwar l-eccezzjoni numru 64 li biha intalab l-isfilz tar-rapport tal-Ispettur Charlot Casha u PC 813 Clinton Vella mmarkata Dok CC2 u dwar ir-rapport ta' Dr. Martin Bajada;

178. Illi f'din l-eccezzjoni, l-akkuzati lmentaw illi r-rapport appena indikat sar in segwitu ta' inkarigu li huma jallegaw li inghataw u li nghata in segwitu ghal digriet fl-atti tal-Inkjesta Magisterjali meta din kienet inghalqet. Eccepew ukoll l-istess lment dwar is-*submission of articles form* kwantu li mhumiex fl-ilsien Malti u mhux konfermati. Dan l-aggravju izda huwa limitat biss ghar-rapport tal-persuni msemmija. L-appellanti issa jirritjenu illi r-ragunament tal-ewwel Qorti fic-cahda tal-eccezzjoni meta qalet li l-Ispettur Charolt Casha kellu awtorizzazzjoni jrirelata mill-Qorti Istruttorja mhix wahda tajba;

179. Illi fil-fehma tal-Qorti mhux bizzejjed illi l-appellanti jghidu li r-raguni ghac-cahda tal-eccezzjoni taghhom mhix wahda tajba. Dan okkorra f'diversi mill-aggravji vantati mill-appellanti minghajr ma jressqu raguni biex jispjegaw il-vertenza taghhom u minghjar ma jippromwovu argument ta' natura legali jew ta' fatt in rigward. Issa, filwaqt illi fl-eccezzjoni taghhom l-appellanti jallegaw partecipazzjoni ta' PC 813 fit-thejjija tar-rapport lamentat, l-ewwel Qorti spjegat illi dan ta' l-ahhar ma kellu l-ebda sehem fir-redazzjoni ta' tali rapport, tant illi l-aggravju issa huwa limitat ghas-sehem tal-Ispettur Casha u Dr. Martin Bajada. Illi l-appellanti donnhom jistennew illi bid-dikjarazzjoni taghhom li ma jaqblux mal-konkluzjoni tal-ewwel Qorti ikun il-kompitu ta' din il-Qorti li tifli l-atti processwali kollha biex tindaga hi fejn u jekk kienet zbaljata l-ewwel Qorti. Mill-ottika tal-vesti revizorja ta' din il-Qorti, dik l-ipotezi hija zbaljata;

180. Ventilat dan u ezaminata akkuratament id-decizjoni tal-ewwel Qorti dwar din l-eccezzjoni, jirrizultaw kunsiderazzjonijiet precizi u konkluzjoni cara li din il-Qorti tabbraccja u taghmel taghha u ma ghandha xejn xi zzid dwarha. Ghal dawn ir-ragunijiet dan l-aggravju qed ikun michud;

**Id-Disgha u Ghoxrin Aggravju:**

Dwar l-eccezzjoni 65 li biha intalab l-isfilz tar-rapport kongunt tal-Ispettur Charlot Casha u PC 813 Clinton Vella, Dokument CC3 u tax-xiehda taghhom.

181. Illi kif korrettament osservat mill-ewwel Qorti, il-mertu ta' din l-eccezzjoni hu marbut ma' dik dwar it-trasport ta' xi kampjuni gewwa The Hague senjatament ma' dik l-istanza fejn il-kampjuni waslu Malta permezz ta' servizz ta' courier DHL, infethu fil-presenza tal-Magistrati Inkwirenti, kien fotografat il-process ta' ftuh u b'ordni tal-istess Magistrat l-Ispettur Casha kien ordnat jiehu dawn il-kampjuni fil-pussess tieghu u jqieghdhom f'post sikur gewwa il-Laboratorju tax-Xjenza Forensika;

182. Illi fl-aggravju taghhom l-appellanti jishqu illi s-sentenza tal-ewwel Qorti tittenta tissana l-fatt illi ma kienx hemm digriet ghal dan l-inkarigu izda minkejja dan, digriet ghalhekk xorta wahda ma kienx hemm. Issa, kif gia kunsidrat fil-paragrafi precedenti, anke jekk l-appellanti ma jelaborawx dwar l-allegat nuqqas li suppost rriskontrat u

allura ccensurat l-ewwel Qorti, fil-kors tal-*in genere* ikunu d-diversi ordnijiet li jinghataw mill-Magistrat Inkwirenti u ma tkunx l-ewwel darba li *proces verbal* ikun priv minn prova iskritta ta' ordni moghtija lil xi uhud mill-esperti nominati fil-forma ta' digriet kif rikjest mill-appellanti. Jerga' jkun osservat illi la darba tista' ssir il-prova, bil-mezzi kollha ghad-disposizzjoni tal-partijiet, li dik l-ordni kienet fil-fatt inghatat allura ma jkun hemm ebda irregolarita' u bhal fil-kaz odjern u ebda *a priori* inammissibilita' ta' dak ir-rapport li jiddokumenta x'sar bl-allegata ordni tal-Magistrat Inkwerenti. U dan dejjem soggett ghall-kunsiderazzjoni tal-Imhallfin tal-fatt li wara kollox huma l-persuni li ghad iridu jiddeciedu li tkun ingiebet l-ahjar prova u li huma konvinti jew le minn dak il-fatt. Ghalhekk dan l-aggravju qed ikun michud;

**It-Tletin Aggravju:**

<u>Dwar l-eccezzjoni numru 66 li biha intalab l-isfilz tad-Dokument CC1 redatt mill-Ispettur Charlot Casha u x-xiehda tieghu ghal diversi ragunijiet</u>.

183. Illi l-ewwel Qorti ftit kellha xi tghid dwar id-diversi oggezzjonijiet mqanqla mill-akkuzati f'din l-eccezzjoni u dan ghaliex id-dokument imhejji mill-espert forensiku nominat mill-Magistrati Inkwirenti tul l-*in genere* li jiddokumenta pass pass dak kollu li sehh fil-presenza tal-Magistrati Inkwirenti fil-mument illi waqt li l-akkuzati kienu arrestati inqalghet il-htiega li jittiehdu kampjuni minn fuq il-persuna taghhom ghall-analizi ta' DNA. Akkluz fir-rapport imbaghad hemm dokumentat ukoll il-kustodja u trasferiment ta' dawn il-kampjuni konsistenti f'kampjuni orali tal-akkuzati lill-espert serologista ghall-ezami mehtieg;

184. Illi l-lanjanzi kollha, ghajr wahda, gia isibu rifless f'kunsiderazzjonijiet precedenti li lkoll wasslu ghac-cahda tal-aggravji rispettivi u ghalhekk il-Qorti mhix ser tinoltra f'rassenja taghhom u f'ripetizzjoni tal-istess kunsiderazzjonijiet. Dak li ma kienx konsiderat qabel huwa l-ilment tal-akkuzati li kwantu t-tehid tal-kampjuni orali taghhom ma inghatawx id-dritt tal-assistenza legali liema eccezzjoni l-ewwel Qorti ddisponiet minnha bhala wahda frivola. L-appellanti issa huma tal-fehma li dik l-eccezzjoni ma kienitx wahda frivola tant li ma inghatawx id-dritt kif

ravvizat fl-artikolu 355AUA tal-Kodici Kriminali mill-aktar fis possibbli u ma kienx registrat kif rikjest mis-subartikolu (6) ta' dan l-artikolu;

185. Illi fil-kunsiderazzjonijiet taghha, l-ewwel Qorti rriproduciet dik il-parti rilevanti mill-*proces verbal* fejn hemm dokumentat l-access mill-Magistrat Inkwirenti ghat-tehid tal-buccal swabs tal-akkuzati li dakinhar kienu ghadhom suspettati. Dan il-verbal jiddokumenta l-ghoti tad-dritt li jintalab access ghall-assistenza legali lil kull wiehed mis-suspettati u r-rifjut taghhom ghall-istess. Pero' irid jinghad illi s-suspettati kienu gia fil-kustodja tal-Pulizija konsegwentement ghall-arrest taghhom fejn, u kif rajna fil-kunsiderazzjoniiet precedenti, inghataw dan id-dritt mill-Ufficjali Investigattivi. Ifisser dan illi l-ghoti ta' dan id-dritt mill-Magistrat Inkwirenti sar *ex abundantie cautela* ghaliex ma kienx hu l-persuna li kellha tinforma b'dan id-dritt anke ghaliex kien gia inghata precedentement. Illi ghalhekk dan l-aggravju qed ikun michud;

**Il-Wiehed u Tletin Aggravju:**

Dwar l-eccezzjoni numru 67 li biha l-akkuzati talbu l-isfilz tal-esebit konsistenti f'loqma tas-sigaretti li fuqha allegatament instab id-DNA tal-akkuzat Alfred Degiorgio ghar-raguni li inkisret ic-*chain of custody*.

186. Illi f'dan il-gravam, l-appellanti jallegaw illi l-ewwel Qorti trattat din l-eccezzjoni "*b'leggerezza liema bhala*" meta cahdet it-talba taghhom ghal-isfilz ta' din il-loqma sigarett. F'dik l-eccezzjoni l-akkuzati kienu lmentaw li wara li kienet instabet loqma ta' sigarett fil-vicinanzi tax-xena tal-allegat delitt u li fuqha saru ezamijiet ghat-tracci ta' DNA inkisret ic-*chain of custody* ta' ezebit daqstant importanti meta il-Pulizija li thalla ghassa llarga u jghid li minfloku dahal Pulizija mill-ghassa tad-distrett minghajr ma jghid min kien. Oltre dan, ma jirrizultax min eleva din il-loqma sabiex finalment ghaddiet ghand PS 1184 Patrick Grech mahtur bhala *exhibits officer*;

187. Issa, minkejja li l-ewwel Qorti ghamlet bhala osservazzjoni primarja taghha li l-valur probatorju ta' dak allegat huwa fil-gudizzju tal-guri xorta wahda ghaddiet in rassenja it-trapass tal-kustodja minn idjen is-serologista lura ghall-persuna li tghid li elevat il-kampjun minn taht

cint liema persuna tinsab fil-lista ta' xhieda indikati mill-Avukat Generali fl-Att ta' Akkuza. Illi ghalhekk mhux biss ma huwa minnu xejn li l-eccezzjoni kienet trattata *b'legerezza liema bhalha* talli l-ewwel Qorti marret oltre dak minnha mistenni billi traccat hi dak li fil-fehma taghha kien jammonta ghal kustodja kif suppost tal-oggett elevat. U anke hawn, l-appellanti xorta wahda ser ikollhom kontroll fuq dak li jinghad mix-xhieda u dak li jista' jintwera mid-dokumenti esebiti u jaghmlu dawk l-osservazzjonijiet kollha li jidhrilhom opportuni ghaliex is-sentenza tal-ewwel Qorti in rigward xorta wahda ma ccahhadhomx milli jaghmlu dik id-difiza xierqa quddiem l-Imhallfin tal-fatti. Ghal dawn il-motivi, dan l-aggravju qed ikun michud;

**It-Tnejn u Tletin Aggravju.**

Dwar l-eccezzjonijiet 68, 71 u 72 li bihom intalab l-isfilz tas-*submission of articles forms* ezebiti minn PS 1184 Patrick Grech, Dok CC1 ghaliex huma bl-ilsien Ingliz u mhux tradotti ghall-Malti, dawk ezebiti minn PC 813 Clinton Vella, PC 1311 Darren Debattista , WPS 293 Michelle Camilleri u PS 586 Mario Azzopardi ghall-istess raguni oltre li mhux iffirmati mill-persuna li allegatament

iffirmat li rceviethom u l-*compact disc* ezebiti minn Jason Pavia u l-Ing Mario Cordina għall-istess raġuni dwar l-ilsien, dwar l-awtur tagħhom, mhux awtentikat u li t-talbiet *official requests* m'humiex iffirmati u m'humiex iffirmati u m'humiex fl-ilsien Malti.

188. Illi dawn il-lanjanzi gia kienu indirizzati fil-konsiderazzjonijiet precedenti anke jekk fir-rigward tal-esperti oħra u għalhekk huma ugwalment applikabbli *mutatis mutandis* u ma hemmx ħtieġa li jingħad aktar minn hekk. Għal din ir-raġuni, dan l-aggravju qed ikun miċħud;

**It-Tlieta u Tletin Aggravju:**

Dwar l-eccezzjoni 69 li biha intalab l-isfilz ta' ritratti imqegħda ġewwa *evidence bag* minn PS 1184 Patrick Grech, PC 813 Clinton Vella u PC 1331 Darren Debattista waqt l-udjenza tat-3 ta' Settembru, 2018 quddiem l-Istruttorja.

189. L-akkużati kienu eccepew illi r-ritratti appena msemmija m'humiex prova ammissibbli skond il-liġi iżda

huma *print outs* aktarx minn *google* jew mill-*internet* illi allegatament tqeghdu hemm minn Mario Cmarec illi lanqas ikkonferma jew cahad dan il-fatt personalment u f'kull kaz mhumiex evidenza elevata mis-*scene of crime officers* li pprezentawhom.

190. Illi l-ewwel Qorti ghal darb'ohra traccat l-origini ta' dawn ir-ritratti u l-isfond ta' kif dawn sabu ruhhom bil-korp tal-oggetti esebiti meta fil-kors ta' ezami ta' diversi ritratti jew stampati ohra elevati mis-scene of crime officers kien hemm dawn ir-ritratti li x-xhieda fuq imsemmija qalu li aktarx tqieghdu hemm mill-espert Mario Cmarec. Kif tajjeb osservat ukoll l-istess Qorti dan tal-ahhar ghad irid jixhed dwar dan u ghalhekk f'dan l-istadju ma jistghux ikunu dikjarati inammissibbli u f'kaz li jixhed dwarhom allura jiskatta l-kontroll miftuh lill-akkuzati dwar ir-rilevanza u l-valur probatorju taghhom wara d-debitu indirizz tal-imhallef togat. Ghal dawn ir-ragunijiet dan l-aggravju qed ikun michud;

**Ir-Raba' u Tletin Aggravju:**

Dwar l-eccezzjoni numru 73 li biha intalab l-isfilz tar-relazzjoni ezebita minn Dr. Daniel Vella, Dok DV1 u x-

xiehda tieghu stante li d-deskrizzjoni tal-kompitu minnu ezegwit u kif minnu deskritt fir-relazzjoni tieghu mhix konformi mar-raguni tal-hatra ta' dan l-espert.

191. Illi dan l-aggravju huwa frivolu ghall-ahhar u din il-Qorti ser tghaddi biex tichad l-istess ghar-raguni illi kif tajjeb osservat l-ewwel Qorti u kif del resto jemergi mill-atti processwali, dan l-espert kien mahtur fl-*in genere* bhala "espert tal-kimika". L-ezami li ghamel fuq kampjuni derivanti mill-vettura suggett tal-ispluzjoni huma fil-mansjoni tal-hatra tieghu u ghalhekk dik l-eccezzjoni kienet infondata. Ghal din ir-raguni, dan l-aggravju qed ikun michud;

**Il-Hamsa u Tletin Aggravju:**

Dwar l-eccezzjonijiet numru 75, 76 u 77 li bihom l-isfilz tad-dokument KA10 ezebit mill-Ispettur Arnaud, ta' kull allegazzjoni u xiehda kull fejn jidher in-numru 99623741 u tal-*compact disc* Dok KA35 ezebit mill-Ispettur Arnaud li allegatament fih call logs tan-numri 79087219. 99328493 u 99623741.

192. F'dan l-aggravju, l-appellanti jillanjaw hekk: "*illi minkejja illi l-esponenti jifhmu r-ragunament zvolt mill-ewwel Onorabli Qorti huma jibqghu tal-fehma illi d-dokumenti imsemmija f'dawn l-eccezzjonijiet jew ma gewx ikkonfermati mill-awturi taghhom jew ma gewx ezebiti provi relevanti bhall-allegat kuntratt illi kellu George Degiorgio u ghalhekk intalab l-isfilz*". Illi ghal darb'ohra l-appellanti jergghu iressqu gravam fit-titolu biss ghaliex frankament dan ma hu aggravju xejn u huwa biss dikjarazzjoni li ma jaqblux mad-decide tal-ewwel Qorti. Jerga' jkun ribadit illi mhix il-funzjoni ta' din il-Qorti fil-vesti revizorja taghha li tifli hi s-sentenza u l-atti biex possibilment issib xi difett fir-ragunament tal-ewwel Qorti. F'dan l-istadju huma l-appellanti li jehtiegu juru fejn hu manifest l-aggravju taghhom jew mill-ottika ta' ligi jew dik fattwali jew it-tnejn flimkien;

193. Illi minkejja dan, il-Qorti ciononostante ezaminat is-sentenza tal-ewwel Qorti ghar-rigward ta' dawn l-eccezzjonijiet u ma tara xejn censurabbli fiha. Ghal dawn il-motivi tichad dan l-aggravju;

**Is-Sitta u Tletin Aggravju:**

Dwar l-eccezzjonijiet numru 78 u 79 li bihom intalab l-isfilz tad-dokument YB2 konsistenti fi traduzzjoni maghmula minn Dr. Yanika Bugeja tax-xiehda ta' Marcel van Beest, Martin Roos, Johannes Martinus Jacobus Verzijilbergh u Hinderikus Woortmeijer stante li ma kinitx nominata ghalhekk u l-konsegwenti sfilz tax-xiehda tal-fuq imsemmija xhieda.

194. Illi kif jemergi mill-atti processwali, il-Qorti Istruttorja kienet hatret lil Dr. Yanica Camilleri sabiex taghmel traduzzjoni tad-deposizzjonijiet tax-xhieda fuq imsemmija u lil Dr. Yanika Bugeja kwantu d-deposizzjonijiet tax-xhieda esperti Kostantinos Petrou, Sami Harmoinen u Israel Gordillo Torres mill-ilsien Ingliz ghal dak Malti. Issa kif korrettament osservat mill-ewwel Qorti meta Dr. Yanika Bugeja ddeponiet fl-udjenza tal-5 ta' Dicembru 2018 prezentat faxxiklu bit-traduzzjoni ta' kull wiehed minn dawn ix-xhieda allura maghduda dawk li dwarhom kienet nominata Dr. Yanica Camilleri u spjegat ir-raguni ghaliex kien qed isir hekk, senjatament ghaliex Dr. Camilleri ma

lahqitx tespleta l-inkarigu taghha minhabba pressjoni ta' xoghol;

195. Illi il-lanjanza tal-appellanti hi li Dr. Yanika Bugeja ma kinitx nominata biex taqleb ghall-Malti dawk it-traskrizzjonijiet li kienu a karigu ta' Dr. Yanica Camilleri u ghalhekk kellhom ikunu sfilzati dawk id-dokumenti. Frankament din il-lanjanza ghandha mill-vessatorju ghaliex fl-ewwel lok il-Qorti Istruttorja, fuq dak li spjegat Dr. Yanika Bugeja, irrevokat l-inkarigu ta' Dr. Yanika Camilleri u qablet li Dr. Yanika Bugeja tipprezenta dawk it-traduzzjonjiet li kellha taghmel Dr. Yanika Camilleri. Issa, ghalkemm kif gustament osservat l-ewwel Qorti, kien ikun aktar desiderabbli li kienu l-Qorti Istruttorja estendiet l-inkarigu ta' Dr. Yanika Bugeja, jibqa' l-fatt illi bl-accettazzjoni tax-xhieda l-istess Istruttorja kienet fil-prattika qed testendi dak l-inkarigu. Il-kwistjoni kollha ghalhekk taggira fuq id-dicitura tal-verbal tal-Istruttorja li ghal din il-Qorti ma hu ta' ebda konsegwenza aktar u aktar tenut kont li b'hekk kien frankat hafna hin ghal kulhadd;

196. Illi jokkorri jkun osservat ukoll illi t-talba ghall-isfilz tat-traskrizzjonijiet maqluba mill-Malti, naturalment bil-ghan ovvju li b'hekk ma jkunx hemm traduzzjoni in atti u bil-konsegwenzali talba ghall isfilz tax-xiehda bl-ilsien Ingliz, l-akkuzati kienu gia semghu kelma b'kelma bl-ilsien Malti kif tradott ta' dak kollu li qalu dawn ix-xhieda *viva voce*. Dan ghaliex il-Qorti Istruttorja kienet hatret liz-zewg avukati msemmija sabiex jeqilbu dak kollu li kien qed jinghad mix-xhieda bl-ilsien Ingliz. Ifisser dan illi anke bl-isfilz tad-traduzzjoni tat-traskrizzjonijiet li suppost thejjew minn Dr. Camilleri, ma setghu qatt ikunu sfilzati t-traskrizzjonijiet fl-ilsien Ingliz bil-konsegwenza li waqt il-guri jkunu mahtura interpreti meta jergghu jixhdu dawn l-istess persuni. Anke minn din l-ottika, allura, dan l-aggravju ma ghandu l-ebda utilita' u konsegwentement qed ikun michud;

**Is-Sebgha u Tletin Aggravju:**

<u>Dwar l-eccezzjonijiet numru 80 u 81 li fihom intalab l-isfilz tad-dokumenti KCAB u RL1 rispettivament kompilati mill-esperti Keith Cutajar u l-Kaptan Reuben Lanfranco inkluz ix-xiehda taghhom marbuta ma' dawn id-dokumenti</u>.

197. Illi l-uniku aspett novattiv ta' dawn l-eccezzjonijiet li ma kinux precedentement sollevati mill-appellanti u kunsiderati mill-ewwel Qorti huwa dak li jirrigwarda il-hatra ta' dawn iz-zewg esperti b'mod kongunt. Dawn iz-zewg esperti pprezentaw rapport kull wiehed individwalment u l-appellanti jsostnu li dan kellu jkun rapport wiehed. L-ewwel Qorti ma setghetx tkun cara aktar milli kienet fis-sentenza taghha meta traccat ir-rwoli ta' kull espert u l-kollaborazzjoni li pprestaw lil xulxin waqt l-indagini minnhom kondotta u dan fl-isfond tan-nomina taghhom li saret mill-Qorti Istruttorja wara li kienu ezebiti id-dokumenti KC2 (a fol 564) u MS3 (a fol 579) fejn kien ordnat hekk: "***Il-Qorti tilqa' t-talba u tinnomina lill-espert Keith Cutajar biex flimkien mal-espert il-Kaptan Reuben Lanfranco jaghmel dak mitlub f'dan il-verbal, b'dan illi ghandhom jigu identifikati wkoll id-dghajjes kollha li hargu u dahlu u dan fil-hinijiet ta' bejn is-2:30p.m. u it-3:30p.m. tal-gurnata tas-16 ta' Ottubru 2017***".

198. Illi ghalhekk huwa x-xoghol li kellu jsir b'mod kongunt u mhux necessarjament ir-rapport u effettivament iz-zewg rapporti jaghmlu referenza ghal dawk ix-xoghlijiet li saru

b'mod kollaborat u dan jekk fir-realta' taghmel xi differenza jekk ir-rapport ikunx wiehed jew tnejn. Kwantu ghall-kwistjonijiet ta' hila, sengha u gherf specjali sabiex jespletaw l-inkarigi taghhom, din il-materja gia kienet konsiderata u michuda b'paragrafi precedenti fl-isfond tal-fatt inkonfutabbli illi fl-ahhar mill-ahhar huma l-gurati li ghandhom is-setgha li jaccettew jew le l-konkluzjoni tal-esperti kif certament ser ikunu mgharrfa bl-aktar mod solenni mill-Imhallef togat. Ghal dawn ir-ragunijiet, dan l-aggravju qed ikun michud;

**It-Tmienja u Tletin Aggravju:**

Dwar l-eccezzjonijiet bin-numri 82 sa 88 li bihom intalab l-isfilz tas-*submission of articles forms* ipprezentati minn diversi xhieda kawza ta' nuqqas ta' traduzzjoni ghall-ilsien Malti u li m'humiex konfermati mill-awturi u bin-nuqqas ta' firem fuq xi uhud, inkluz ir-rapport ESX ta' PS1152 ghaliex redatt bl-ilsien Ingliz.

199. Illi, l-mertu ta' dawn l-aggravji huwa gia ezawrit bic-cahda ta' mertu konsimili f'aggravji precedenti u ghalhekk,

a skans ta' ripetizzjoni u stante li huma applikabbli l-istess principji, dan l-aggravju qed ikun michud;

**Id-Disgha u Tletin Aggravju:**

Dwar l-eccezzjonijiet bin-numri minn 89 sa 95 li bihom intalab l-isfilz tar-relazzjoni Dok MB1 u l-*external hard drive*, esebiti mill-espert Dr. Martin Bajada.

200. Illi fl-eccezzjonijiet appena ndikati, l-akkuzati ssollevaw diversi lmenti dwar l-inkarigu tal-espert tal-informatika Dr. Martin Bajada kompriz id-deposizzjoni tieghu u d-dokumenti minnu ezebiti. L-ewwel fost dawn l-oggezzjonijiet, li issa hija tradotta fl-ewwel lanjanza f'dan l-aggravju, tmur direttament fil-qalba tal-presenza ta' Dr. Bajada bhala espert mahtur fl-*in genere* meta l-appellanti jallegaw illi mhux minnu li huwa inhatar ghar-ragunijiet u bil-fakolta' kif minnu deskritt fit-tielet pagna tar-relazzjoni tieghu. F'din il-pagna l-espert jelenka r-ragunijet tal-hatra tieghu li huma li *jikseb u janalizza call profiles; jaghmel downloads ta' CCTV footages; jikkordina talbiet bejn l-FBI u s-service providers; jaghmel rikostruzzjoni ta' ċellulari li kienet tuza l-vittma; jikseb kopja tal-blog, Running Commentary ta' Daphne Caruana Galizia jaghmel analizi ta'*

*media footages dwar l-incident jghaddi c-cellulari rikostuwit u l-kopja tal-blog lill-Europol; jassisti lill-Magistrat Inkwirenti waqt diversi seduti mizmuma mill-istess Magistrat Inkwirenti; jikseb minghand l-Europol l-IMEIs u ICCIDs minn fuq l-esebiti moghddija lill europol mill-Pulizija Maltija*;

201. L-ewwel Qorti ddisponiet minn din l-eccezzjoni bic-cahda taghha fuq ir-ragunament illi Dr. Martin Bajada kien inizjalment mahtur mill-Magistrat Inkwirenti bhala "espert tekniku fuq IT u gbir ta' kull data digitali" izda mal-mixja tal-indagini kienu inhargu diversi digrieti ohra li lkoll kienu traccati u mqieghda in rassenja mill-ewwel Qorti li lkoll juru li dan l-espert kien fil-fatt nominat ghall-inkarigi minnu deskritti. L-appellanti izda huma tal-fehma illi kieku dan l-espert kellu inkarigu daqstant wiesgha "*ma kienx ikun hemm bzonn digrieti ta' nomina b'dettalji izda semplicement digrieti illi jghidu li it-tali persuna qeghda tinhatar bhala espert tekniku*". Bid-dovut rigward, hija hasra li din il-Qorti rriskontrat dan ir-ragunament daqshekk tard fid-diversi gravami mressqa mill-appellanti ghaliex din kienet tkun, kif fill-fatt kienet il-konkluzzjoni dwar uhud minn dawn il-lanjanzi. Frankament il-Qorti ma tistax tifhem l-argument

tal-appellanti li donnhom m'humiex konvinti bil-hatra tal-espert b'daqstant digrieti dwar il-mansjoni tieghu meta f'aggravji ohrajn trattati aktar qabel f'din is-sentenza kienu sewwasew ilmentaw min-natura generika ta'degrieti ta' hatra ta' esperti ohrajn;

202. Illi kif gia spjegat fil-konsiderazzjonijiet precedenti u bazat fuq l-esperjenza ta' x'jigri fil-prattika fil-hatra tal-esperti fl-urgenza u l-prijorita' li jkunu prezervati l-indizzji f'Inkjesta Magisterjali, l-Magistrat Inkwirenti jinnomina verbalment l-esperti li jkun jidher opportun f'dak il-mument u dan ikun segwit b'digriet in iskritt fil-kumpilazzjoni tal-*proces verbal.* Meta tqum il-htiega ta' aktar esperti jew zieda fl-inkarigu ta' dawk gia mahtura ma jkun hemm xejn irregolari li l-ordni ssir verbalment basta li ssir il-prova taghha fil-futur jekk mehtieg fejn normalment anke din tkun segwita fil-forma ta' digriet bil-miktub. Jista' jaghti l-kaz ukoll li n-nomina ssir b'mod wiesgha kif sar fil-konfront ta' diversi esperti fil-kaz odjern u dan hu komprensibbli meta bhal f'kaz ikkomplikat u kumpless ma tkunx prevista l-entita' tax-xoghol u l-perizja li trid ssir dwaru. Issa f'dan il-kaz, l-espert Dr. Martin Bajada li kien qed jaffjanka lill-

Magistrati Inkwirenti fl-indagini u fl-inkontri tieghu mad-diversi esperti l-ohra, elenka l-inkarigi moghtija lilu li skond hu huma riflessi fid-diversi digrieti dwar dak l-inkarigu li wara kollox huma gia koperti bit-terminu tal-hatra bhala "espert tekniku fuq IT u gbir ta' kull digital data". Illi ghalhekk l-appellanti m'ghandhomx ragun fuq dan il-mertu;

203. Illi l-appellanti jillanjaw ulterjorment illi ma kinitx fil-mansjonijiet ta' dan l-espert li jaghmel kostatazzjonijiet dwar l-apparat li attiva l-bomba. Fir-relazzjoni tieghu l-espert spjega kif l-apparat li ntuza ma setax kien apparat cellulari. Issa, apparti li tali kostatazzjoni ta' eskluzjoni certament li hija fil-mansjoni tal-hatra ta' dan l-espert, l-appellanti ser ikollhom kull opportunita' li jezercitaw il-kontroll kollu ghad-disposizzjoni taghhom fic-celebrazzjoni tal-guri;

204. Illi b'argument iehor l-appellanti donnhom jattakkaw il-kredibilita' tal-espert Dr. Martin Bajada meta, filwaqt li jirreferu ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell tad-29 ta' April, 2016 fl-ismijiet Joseph Chetcuti Bonavita et v. Av. Beppe Fenech Adami et noe, jtennu illi "*ma jistghux ma jirrimarkawx kif espert gudizzjarju li tqis mhux idoneju fi*

*proceduri civili ghandu* multo magis *jitqies bhala tali fi proceduri penali*". Dan tal-ahhar aktar donnu jidher li huwa kumment milli raguni li ghaliha l-Qorti ghandha tiddeciedi dwaru. Bl-istess mod kien pozat dan il-kumment fl-eccezzjoni 89 fil-paragrafu (f) u anke hemm ma talbu ebda rimedju;

205. Illi frankament ma kienx hemm htiega li l-ewwel Qorti tidhol fil-mertu tal-kwistjoni la darba ma intalab l-ebda rimedju. Madanakollu, taqbel mal-osservazzjonijiet maghmula mill-ewwel Qorti li is-sentenzi tal-Qrati taghna li nghataw wara dik citata mill-appellanti jaghmluha cara illi l-fatti personali tal-espert f'materja mwarrba minn dik in disamina ma jistghux jinfluwixxu fuq ix-xoghol tieghu in disamina. Ghalhekk dan l-aggravju qed ikun michud;

206. Illi l-istess japplika ghall-paragafu fejn tressaq l-argument illi "*in-nomina tieghu* [jigifieri ta' Dr. Bajada] *u l-inkarigu tieghu kienu superfluwi u mhux mehtiega altru milli tinhtieg xi hila u sengha partikolari*". Anke hawn ma jirrizulta ebda gravam u l-Qorti tqis li dan huwa kumment jew fehma

biex issahhah l-argument ewlieni dwar in-nomina tal-Dr. Martin Bajada bhala espert;

207. L-appellanti jillanjaw ukoll li d-dokument esebit minn Dr. Martin Bajada huwa fl-ilsien Ingliz u ghalhekk japplikaw l-istess aggravji vantati fir-rigward ta' dokumenti ohra f'dan l-ilsien. Dan l-aggravju kien konsiderat u deciz minn din il-Qorti kif jirrizulta fil-paragrafi precedenti u ghalhekk ghall-istess ragunijiet qed tichad ukoll din il-parti tal-aggravju;

208. Fil-parti li ssegwi ta' dan l-aggravju u li jirreferi ghall-eccezzjonijiet numri 91, 92 u 93, l-appellanti jillanjaw illi l-ewwel Qorti naqset milli tqis illi d-digrieti li Dr. Martin Bajada ipprezenta lis-*service providers* "*jew mhumiex l-istess digrieti li hemm fl-atti tal-inkjesta izda differenti jew digrieti li lanqas biss jezistu*". B'hekk talbu li kull informazzjoni miksuba mis-*service providers* permezz ta' dawn id-digrieti ghandha tkun sfilzata. L-appellanti ma ghandhomx ragun dwar dan u jidher li sfuggietilhom dik il-parti tas-sentenza li tindirizza dak l-ilment li tinsab a fol 152 u parti minn fol 153 taghha. Issa jekk l-appellanti jaqblux ma' dik id-decide jew le hija kwistjoni ohra, izda sa fejn l-

ilment hu limitat ghan-nuqqas tal-ewwel Qorti li tqis id-digriet lamentat, dan huwa necessarjament infondat u ghalhekk dan l-aggravju qed ikun michud;

209. Fl-ahhar parti ta' dan l-aggravju, l-appellanti iressqu l-argument illi l-ezebit konsistenti fi *clone* ta' *mobile phone* tal-vittma ma kienx ezebit fl-intier tieghu u ghalhekk ma huwiex ammissibbli. L-ewwel Qorti ddisponiet minn dik l-eccezzjoni billi ghal darb'ohra rribadiet dwar il-valur probatorju tal-prova mressqa b'referenza ghar-regola tal-ahjar prova. Dwar il-*best evidence rule* jistghu jinkitbu volumi b'ragunamenti favur u kontra izda certament li f'dan l-istadju ma jistax isir hekk ghaliex jekk parti mill-kontenut ta' *mobile phone* huwiex sufficjenti, b'sahhtu bizzejjed bhala prova, r-rilevanza ta' dak li thalla barra u ghaliex, jaqa' fil-mansjoni rizervata lill-gurati wara li jisimghu il-provi kollha inkluz lill-espert innifsu;

210. Illi l-ewwel Qorti temmet id-decizjoni taghha bi bran minn sentenza ta' Lord Denning liema bran din il-Qorti tabbraccja u zzid tghid illi r-regola tal-ahjar prova llum il-gurnata hija ezaminata minn ottika ferm diversa mill-

interpretazzjoni rigida taghha fil-passat. Tant illi anke fl-edizzjoni tal-ktieb Cross on Evidence – Fourth Edition tal-1974 inghad hekk:

> **The Classic statement of the best evidence rule is that of LORD HARDWICKE when he said that "the judges and sages of the law have laid it down that there is but one general rule of evidence, the best that the nature of the case will allow". This comes from a judgement in which it was held that a Gentoo was a competent witness, although his evidnece was not given on the Gospel, and it seems that LORD HARDWICKE was thinking of the rule as inclusionary as much as exclusionary. His view appears to have been that, where there was nothing better, recourse might be had to evidence which would be inadmissible in other cases; but the typical illustration of the rule are provided by cases in which evidence is excluded because better was available.**
>
> **Phipson once said that "perhaps the most conspicuous feature of the modern law is its persistent recession from this once famous principle" and he was justified whether the inclusionary or exculsionary aspect of the best evidence rule be under consideration**.

211. Dan ukoll huwa l-mod kif inhi applikata lokalment ir-regola tal-ahjar prova, ghajr naturalment f'dawk l-istanzi fejn il-ligi tiddisponi dwar is-sollenita' ta' certi dokumenti anke fil-Kodici Kriminali. Haga din, izda, li mhix ser tkun konsiderata aktar minn hekk ghar-ragunijiet moghtija fil-paragrafi precedenti. Ghal dawn ir-ragunijiet, dan l-aggravju qed ikun michud;

**L-Erbghin Aggravju:**

Dwar l-eccezzjoni numru 96 li biha l-akkuzati talbu l-isfilz tad-dokumenti SM2, SM3 u SM4 esebiti minn Sandro Muscat.

212. L-appellanti kien talbu l-isfilz ta' dawn id-dokumenti ghaliex m'humiex awtentikati mill-awturi taghhom li f'dan il-kaz huma gwardjani lokali jew li hargu l-kontravvenzjonijiet mertu tal-eccezzjoni. In succint jinghad illi Sandro Muscat li huwa *Regional Enforcement Officer* addett mal-*Local enforcement System Agency (LESA)* u li xehed in rappresentanza taghha, pprezenta dokumenti konsistenti f'kopji ta' avvizi ta' kontravvenzjonijiet allegatament kommessi fis-sewqan tal-vettura BQZ509 f'certu perjodu u dan bil-ghan biex jintwera ta' min kienet il-vettura u min kien qed isuqha f'dawk il-granet u hinijijet. Minn ricerka li ghamel dan ir-rapprezentat irrizultaw zewg kontravvenzjonijiet fuq din il-vettura u esebixxa dokumenti li hu stess nizzel minn fuq id-*database* tal-Agenzija;

213. Issa l-konferma ta' dan kollu, l-process ta' kif originaw dawn l-avvizi, jekk kinux in segwitu ta' operazzjoni li fiha twaqqfet il-vettura jew inqabditx minn *speed camera* u kwistjonijiet ohra huma kollha rimessi ghall-gudizzju ahhari tal-gurati u kif tajjeb osservat l-ewwel Qorti, f'dan l-istadju preliminari ma jistax ikun deciz *ai priori* li dawk id-dokumenti huma inammissibbli ghaliex jispetta l-verdett taghhom waqt ic-celebrazzjoni tal-guri wara d-debita indirizz mill-Imhallef togat. Ghal dawn ir-ragunijiet, dan l-aggravju qed ikun michud;

**Il-Wiehed u Erbghin Aggravju:**

Dwar l-eccezzjoni numru 97 li biha intabet li titnehha kull referenza ghall-kondotta precedenti tal-akkuzati.

214. Illi f'din l-eccezzjoni, l-ewwel Qorti rriteniet illi l-akkuzati kellhom ragun izda ma setghet taghmel ebda ordni kif mitlub la darba naqsu milli jindikaw fejn fl-atti processwali saret xi referenza ghall-passat tal-akkuzati u li ma kienx jistenna lilha li tifli [il-volum enormi] tal-atti biex tara fejn sehh dan. L-appellanti huma accettanti tad-

decizjoni tal-ewwel Qorti bic-cirkospizzjoni li kien messhom inghataw zmien biex jindikaw fejn issemma l-passat taghhom.

215. Illi minkejja dan, lanqas f'dan ir-rikors tal-appell ma kien indikat mill-appellanti fejn saru, jekk saru, xi riferenzi ghall-passat taghhom. Il-Qorti hija perfettament konkordi mad-decizjoni tal-ewwel Qorti li apparti c-cahda tal-eccezzjoni ghamlitha cara li ghandu jkun hemm ottemperanza shiha mal-ligi li tipprojbixxi kwalunke xhud milli jirreferi ghall-possibbli passat tal-akkuzati hlief fejn hu hekk koncess. Dan huwa dritt sagrosant tal-akkuzati u din il-Qorti ghandha serhan il-mohh illi l-Imhallef togat, kif invariabilment isir f'kull guri, ser jiggarantixxi dan id-dritt bid-debiti twissijiet u censurazzjoni f'kaz li xhud jazzarda jaghmel dak li hu espressament projbit mil-ligi. Ventilat dan, l-akkuzati ma huma prekluzi bl-ebda mod li qabel l-inizzju jew waqt ic-celebrazzjoni tal-guri fl-assenza tal-gurati jigbdu l-attenzjoni tal-Qorti dwar fejn fit-traskrizzjonijiet tax-xiehda tirrizulta tali referenza sabiex il-Qorti tkun tista' preventivament tilqa' ghal dik ic-cirkostanza. Ghal din ir-raguni l-aggravju qed ikun michud;

**It-Tnejn u Erbghin Aggravju:**

Dwar l-eccezzjonijiet 98 sa 103 rigwardanti allegazzjoni ta' difetti fl-Att ta' Akkuza.

216. Illi fl-eccezzjonijiet numri 98 u 99 l-akkuzati eccepew n-nullita' tal-Att tal-Akkuza bl-invokazzjoni tal-Artikolu 597(4) tal-Kodici Kriminali fuq il-premessa li l-Qorti Istruttorja irrifjutat li tisma' lix-xhud Imhallef Emeritus Dr. Michael Mallia meta hekk mitlub minnhom. Dan l-artikolu jipprovdi hekk:

**597 (4) L-att tal-akkuza ma jistax jigi attakkat minhabba difetti fl-atti tal-kompilazzjoni, u l-akkuzat lanqas ma jista' jitlob li, minhabba xi wiehed minn dawk id-difetti, il-kawza ma tghaddix 'il quddiem fuq dak l-istess att ta' akkuza, hlief jekk dak id-difett ikun jikkonsisti fin-nuqqas ghal kollox tal-qari tal-akkuzi jew tal-ezami tal-imputat jew tad-decizjoni li tiddikjara li l-imputat ghandu jitqieghed taht att ta' akkuza, inkella fir-rifjut tal-qorti istruttorja, minghajr raguni tajba, li tisma' l-provi migjubin mill-imputat; bla hsara dejjem tal-jedd tal-akkuzat u tal-Avukat Generali li jopponi li jingieb fil-kawza xi att li ma jkunx maghmul skont il-ligi, u li jkun irid jingieb sabiex bih issir xi prova.**

217. Illi minn din id-disposizzjoni tal-ligi hija applikabbli dik il-parti li tipprovdi ghac-cahda min-naha tal-qorti istruttorja minghajr raguni tajba tat-talba tal-imputat biex jithalla jressaq provi. Mqieghda fil-kuntest ta' din il-lanjanza, dan kollu jirreferi ghat-talba tal-imputati li waqt il-kompilazzjoni jittella' bhala xhud l-Imhallef Emeritus Dr. Michael Mallia, jew lil xi hadd mieghu jew minfloku, li kien nominat mill-istess Qorti Istruttorja bhala espert biex jezamina u jirrelata dwar materjal esebit. L-ewwel Qorti ghaddiet in rassenja b'mod minuzzjuz l-*iter* fil-hatra ta' dan l-espert sal-punt meta talab biex ikun mnehhi l-inkarigu tieghu ghaliex ma kellux gharfien fl-informatika kif ukoll n-nomima ta' zewg Imhallfin irtirati ohra in segwitu li, izda, baqghet fi stat ta' sospensjoni stante l-oggezzjoni tal-akkuzat Alfred Degiorgio;

218. Illi l-Avukat Generali hareg l-Att ta' Akkuza fi zmien fejn il-Qorti Istruttorja ma lahqitx cahdet jew laqghet it-talba tal-akkuzati. Illi ghalhekk *sic et simplicitur* l-appellanti ma ghandhomx ragun meta jallegaw illi ma kinitx milqugha t-talba sabiex jinstema' l-Imhallef Emeritus Dr. Michael Mallia jew min kien nominat minfloku. Huwa minnu illi digriet dwar din it-talba ma hemmx izda dan mhux dovut ghall-Qorti Istruttorja, kif appena spjegat, u konsegwentement

lanqas ma jista' jinghad li kien hemm cahda minghajr raguni tajba;

219. Illi fl-eccezzjoni numru 100, l-akkuzati, ukoll bl-invokazzjoni tal-istess Artikolu 597 (4) tal-Kodici Kriminali, din id-darba bir-rifjut tal-Qorti Istruttorja li tisma' ix-xiehda tal-Pulizija Federali tal-Germanja sabiex jesebixxu u jixhdu dwar zewg *laptops* u tliet *hard drives* li kienu jappartjenu lill-vittma skond rikors tal-akkuzat Alfred Degiorgio tad-9 ta' Lulju 2019 liema rikors kien milqugh b'digriet tal-11 ta' Lulju 2019. Issa, anke hawn, gara illi dawn ix-xhieda ma nstemghux **mhux** ghaliex il-Qorti Istruttorja irrifjutat it-talba tal-akkuzat izda ghaliex l-Att ta' Akkuza lahaq inhareg fil-mori tad-differiment quddiem l-Istruttorja;

220. Illi l-appellanti izda jressqu l-argument illi "*l-fatt illi nhareg l-Att ta' Akkuza ma jfissirx awtomatikament illi l-Qorti Istruttorja tigi ezawtoritata* [sic] *milli tisma' espert minnha nominat dwar materja illi nhasset il-htiega taghha u kien hemm qbil bejn il-partijiet*". Kontra ghal dak li jikkontendu l-appellanti, il-kompetenza tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istruttorja tispicca mal-prezentata tal-Att ta' Akkuza u sakemm ma jkunx hemm rinviju mill-gdid ghas-smiegh ta'

provi godda kif eccezzjonalment provdut fil-Kodici Kriminali, l-Qorti Istruttorja ma jkollha l-ebda kompetenza f'dik il-kawza. Ic-cirkostanza in disamina ghalhekk ma tirraviza ebda difett fl-Att ta' Akkuza kif allegat mill-appellanti;

221. Kwantu ghall-aggravju dwar ic-cahda tal-eccezzjoni 101 fejn l-akkuzati kienu eccepew in-nullita' tal-Att tal-Akkuza ghaliex kienet rifjutata t-talba ta' Alfred Degiorgio li jinstema' Mario Cmarec in kontro-ezami minkejja ordni tal-Qorti Kriminali jillanjaw li din it-talba kienet michuda minghajr raguni valida. L-ewwel Qorti rriskontrat somiljanza fil-mertu kwantu jolqot smiegh tax-xhieda mill-Pulizija Federali Germaniza. F'dak il-kaz, l-akkuzati kienu ottjenew b'success digriet mill-Qorti Kriminali sabiex dawn ix-xhieda jinstemghu mill-Qorti Istruttorja izda fl-udjenza quddiem din l-ahhar Qorti l-Avukat Generali kien oppona ghall-procedura utilizzata kwantu dawn kienu xhieda barranin u kien jehtieg li tkun adoperata l-procedura tar-rogatorji. L-Avukat Difensur tal-akkuzat ghalhekk kien talab li jirregola ruhu in rigward u l-atti kienu rinvjati mill-gdid u fil-mori nhareg l-Att ta' Akkuza odjerna bil-konsegwenzi li din ggib maghha kwantu t-tmiem tal-kompetenza tal-Qorti Istruttorja;

222. Illi fl-ahhar paragrafu tal-pagna 39 tar-rikors tal-appell taghhom, jidher li l-argumenti minnhom mressqa jirreferu ghall-eccezzjoni numru 102 li biha kienu eccepew in-nullita' tal-Att ta' Akkuza ukoll fit-termini tal-Artikolu 597(4) tal-Kodici Kriminali dovut ghall-allegat rifjut tal-Qorti Istruttorja li tisma' l-provi li talab l-akkuzat Alfred Degiorgio kemm-il darba mir-rapprezentanti tal-kumpanija Vodafone Limited u n-nuqqas taghha li tipprovdi ghall-hatra ta' espert mitlub kemm mill-prosekuzzjoni kif ukoll mill-parte civile;

223. Illi anke hawn tippersisti inezattezza fir-rakkont tal-fatti ghaliex in effett ma kien hemm l-ebda rifjut da parti tal-Qorti Istruttorja wisq anqas rifjut minghajr raguni kif allegat mill-appellanti. Din il-Qorti ma ghandhiex triq ohra ghajr li tirriproduci dak konstatat mill-ewwel Qorti fejn mir-rassenja tal-fatti, din it-talba baqghet mhix dekretata saz-zmien meta nhareg l-Att tal-Akkuza. L-ewwel Qorti rriteniet hekk:

*Illi huwa pacifiku illi matul il-kumpilazzjoni xehdu fid-dettall rapprezentanti tal-Vodafone* [85] *u ezebew d-data kollha li kienet giet minnhom mitluba kemm mill-Inkwirenti fil-kors tal-in genere kif ukoll mill-ufficcjali investigattivi u l-*

*esperti fl-istadji inizjali tal-istharrig. Illi fil-kors tax-xiehda ta' Jason Pavia in kontr-ezami, id-difiza talbitu jindika n-numru ta' utenti li qabbdu mac-cell towers li kienu ta' interess fl-investigazzjoni* [86] *fil-hinijiet u d-dati li dwarhom saret din ir-ricerka. Jidher izda illi Pavia ma setax jaghti din l-inforazzjoni ghaliex stqarr illi l-ipprocessar ta' din id-data ta' eluf ta' nies mhux marbuta mal-kaz ma setatx issir minn naha tal-kumpanija. Illi ghalkemm il-Prosekuzzjoni stqarret mal-Qorti Istruttorja illi kellu jitqabbad espert sabiex isir dan l-ezercizzju, jidher mandankollu illi d-difiza baqghet toggezzjona illi issir din in-nomina u baqghet tinsisti illi l-informazzjoni kellu jaghtiha ix-xhud Pavia* [87]

*Dan ifisser illi l-akkuzati ma jistghux issa jghidu, permezz ta' din l-eccezzjoni minnhom ventilata, li hemm difett fl-atti kumpilatorji ghaliex il-Qorti Istruttorja rrifjutat tahtar espert u tisma' l-prova li riedu jaghmlu l-akkuzati permezz ta' dan ix-xhud, u dan peress illi x-xhud rega ha l-pedana tax-xhieda fejn spjega r-raguni 'l ghala huwa ma setax jaghti l-informazzjoni mitluba mid-difiza, u meta allura l-Qorti rat illi tali twegiba setghet tinghata bil-hatra ta' espert sabiex jipprocessa d-data mitluba mill-akkuzati, id-difiza stess oggezzjonat ghal tali nomina.*

*Illi l-Qorti Istruttorja talbet ghalhekk lil Prosekuzzjoni tindika d-dokument ipprezentat mis-socjeta' Vodafone li twiegeb ghad-domanda tad-difiza, fejn il-Prosekuzzjoni spjegat illi din l-informazzjoni tinsab inter alia fuq hard drive ipprezentat mill-espert Dr. Martin Bajada. Wara dan (meta kienet ghaddiet 'il fuq minn sena minn meta kien xehed Pavia u meta l-Prosekuzzjoni kienet waslet fl-eghluq tal-ikkumpilar tal-provi), l-akkuzat Alfred Degiorgio pprezenta rikors iehor fejn talab in-nomina mill-gdid ta' Dr. Martin Bajada sabiex jidentifika n-numru ta' utenti li qabbdu mac-cell towers rilevanti ghal fini ta' dan il-kaz. Gara izda li wara li dahhlet ir-risposta ta' l-Avukat Generali, inhareg l-Att ta' Akkuza, sabie b'hekk il-Qorti Istruttorja ma kellhiex aktar kompetenza titratta din it-talba tal-akkuzat kif hemm imfisser fid-digriet taghha tat-18 ta' Lulju 2019. Fil-fatt dan ir-rikors jifforma l-mertu tal-eccezzjoni li ssegwi. Dan ifisser illi c-cirkostanzi ravvizati fl-artikolu 597(4) tal-Kodici Kriminali lanqas hawn ma jikkonkorru u l-eccezzjoni (numru 102) qed tigi michuda.*

224. Illi l-fatti u r-ragunament legali f'din il-parti tas-sentenza huma korretti u konsegwentement dawk il-fatti

wahidhom huma *res ipsa loquitur* kemm ghall-eccezzjoni mressqa kif ukoll ghall-gravam intentat. L-appellanti m'humiex prettament korretti meta jghidu illi "*L-esponenti jirribadixxu illi mhuwiex minnu illi kien hemm xi oggezzjoni da parti taghhom li jinhatar espert*". L-ewwel Qorti, wara li rriskontrat oggezzjoni da parti tad-difiza, li l-appellanti jghidu li kienet id-difiza ta' Vincent Muscat u mhux taghhom, qalet il-kuntrarju, kif jidher mill-bran appena riprodott, illi "*l-akkuzat Alfred Degiorgio pprezenta rikors iehor fejn talab in-nomina mill-gdid ta' Dr. Martin Bajada..*" Dan aktar jissoda l-konviciment ta' din il-Qorti bil-korettezza tar-rakkont tal-fatti maghmul mill-ewwel Qorti. Ghal din ir-raguni, din il-parti ta-aggravju riferibbli ghall-eccezzjoni numru 102 qed tkun michuda;

225. Illi aspett iehor ta' dan l-aggravju marbut dejjem mal-allegata nullita' tal-Att ta' Akkuza, huwa dwar l-eccezzjoni numru 103 rigwardanti l-allegat rifjut minghajr raguni tajba tal-Qorti Istruttorja li tisma' dawk il-provi li Alfred Degiorgio talab permezz ta' tliet rikorsi. Traccati dawn ir-rikors mill-ewwel Qorti u elenkati fis-sentenza taghha, jemergi illi dawn kienu pprezentati fit-12 ta' Lulju 2019 quddiem il-Qorti

Istruttorja bl-Avukat Generali jipprezenta r-risposta tieghu fil-15 ta' Lulju, 2019 f'liema jum l-atti kienu rinvjati lill-Avukat Generali bid-data ta' smiegh iffissata ghas-26 t'Awissu, 2019. L-Att ta' Akkuza kien ipprezentat l-ghada 16 ta' Lulju, 2019 u l-Qorti Istruttorja ddekretat li ma kinitx aktar kompetenti titratta l-mertu ta' dawk ir-rikorsi. Anke hawn ghalhekk ma hemmx dak ir-rifjut bla raguni kif ravvizat fl-artikolu 597(4) tal-Kodici Kriminali li jipotizza n-nullita' tal-Att tal-Akkuza kif allegat mill-appellanti. Din il-parti ta' dan l-aggravju ghalhekk qed tkun michuda;

**It-Tlieta u Erbghin Aggravju:**

Dwar l-eccezzjoni numru 107 li biha l-akkuzati talbu l-isfilz ta' kull opinjoni espressa mill-membri tal-FBI, Europol u NFI billi huma membri tal-Pulizija li ma jistghux jaghtu opinjonijiet.

226. F'dan l-aggravju l-appellanti jghidu li l-ilment taghhom ma kienx li ghaliex il-membri tal-Federal Bureau of Investigation (FBI), Europol u Netherlands Forensic Institute (NFI) huma membri tal-pulizija allura mhumiex indipendenti

mill-prosekuzzjoni kif fehmet l-ewwel Qorti. "*Illi l-ilment ta' l-esponenti huwa illi ladraba huma membri tal-forzi tal-pulizija eppure ta' pajjizi lil hemm minn xtutna u minkejja illi huma gew mahtura bhala esperti mill-Inkwirenti, xorta wahda jibqa' l-fatt illi huma membri ta' korp tal-pulizija u ma jistghux jaghtu opinjonijiet izda semmai jaghmlu kostatazzjonijiet fattwali biss*"; Ghall-ahjar intendiment, minn ezami tal-atti processwali jemergi illi l-akkuzati ma talbux l-isfilz tar-rapporti ta' membri ta' dawn l-entitajiet izda biss l-opinjonijiet minnhom espressi u ma kellhom ebda oggezzjoni ghal dak li kkonstataw bhala fatti;

227. Illi minn qari akkurat tal-parti rilevanti tas-sentenza jidher illi l-appellanti ghandhom ragun in parti ghaliex fil-konsiderazzjonijiet taghha jidher li l-ewwel Qorti inoltrat fil-kwistjoni ta' hila jew sengha specjali attribwibbli ghal dawn il-membri li lkoll kienu mahtura bhala esperti fl-*in genere* u dan meta ma kien hemm l-ebda ilment ghalhekk f'dik l-eccezzjoni. L-ilment tal-akkuzati hu li *qua* membri ta' korp ta' pulizija ma setghux jaghtu opinjonijiet anke jekk nominati bhala esperti. Jikkoncedu illi jistghu jaghmlu

kostatazzjonijiet ta' fatt izda mhux jaslu ghal konkluzjonijiet minn dawk il-fatti.

228. Osservat dan, izda, l-ewwel Qorti ma waqfitx hemm b'mod allura li jista' jkun allegat li ma tat ebda decizjoni fuq l-ilment taghhom. Dan ghaliex is-sentenza ssegwi hekk: "*Illi lanqas ma tirrizulta l-biza ravvizata mill-akkuzati illi dawn l-esperti jistghu ma jkunux indipendenti mill-Prosekuzjoni gharraguni illi huma xi membri tal-pulizija. Illi l-guriprudenza tal-qrati taghna kemm dawk penali kif ukoll kostituzzjonali hija mizghuda b'pronunzjamenti maghmula fir-rigward fejn l-esperti mahtura kienu membri tal-korp tal-pulizija Maltija*" u minn hemm ssoktat b'konsiderazzjoni dwar dak li jipprovdi l-Kodici Kriminali u il-gurisprudenza in rigward. L-ewwel Qorti osservat ukoll illi mkien fil-mori tal-proceduri Istruttorji ma tirrizulta protesta da' parti tal-akkuzati dwar il-hatra ta' dawn l-esperti;

229. Illi ghalhekk, la darba l-ilment tal-appellanti u li l-ewwel Qorti fehmet hazin l-eccezzjoni taghhom, din il-Qorti tista' tieqaf hawn la darba hu manifest li mhux talli l-ewwel Qorti fehmet tajjeb l-ilment taghhom talli ddisponiet minnu

kif titlob il-ligi. Minkejja dan, il-Qorti xorta wahda, u ghas-serhan tal-mohh, ser tghaddi sabiex tindirizza din il-lanjanza daqs li kieku kienet fis-sens illi d-decizjoni tal-ewwel Qorti ma kinitx korretta;

230. Illi fl-ewwel lok, mid-diskussjoni li segwiet waqt is-sottomissjonijiet tal-akkuzati quddiem l-ewwel Qorti huma kienu accettanti tal-fatt illi anke f'Malta membri tal-korp tal-Pulizija invarjabilment jinhatru bhala *scene of crime officers*, izda, skond l-akkuzati, dawn jikkonstataw fatti biss u mhux jesprimu opinjonijiet. Issa, kif gustament osservat mill-Avukat Generali fis-sottomissjonijiet tieghu, din il-kwistjoni ilha rizolta sa mill-inizzju taghha fis-sena 1991 bis-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet Nicholas Ellul vs Kummissarju tal-Pulizija tat-22 ta' Mejju 1991. Din il-Qorti tosserva illi l-ewwel Qorti ccitat b'mod parti mis-sentenza moghtija kolleggjalment mill-Qorti Kriminali fl-ismijiet Ir-Repubblika ta' Malta v. Carmelo Spiteri tad-19 t'April, 2001 li fil-konsiderazzjonijiet taghha ghamlet referenza ghas-segwenti sentenzi minnha ezaminati: Nicholas Ellul v Kummissarju tal-Pulizija, Q. Kost 22.5.91; Il-Pulizija v Longinu Aquilina,Q. Kost 23.1.92; Il-Pulizija v Carmel

Camilleri u Therese sive Tessie Agius, Q. Kost 30.3.93 u Il-Pulizija v Joseph Harrington u Thomas sive Tommy Baldacchino, Q. Kost, 31.7.96 u konsegwewntement ghall-principji emergenti minn dawk is-sentenzi;

231. Illi fuq l-iskorta ta' din is-sentenza l-ewwel Qorti kkonkludiet illi ghalkemm l-esperti lamentati huma fil-maggior parti taghhom jiffurmaw parti minn korp ta' pulizija fil-pajjizi rispettivi taghhom dawn ma ghandhom l-ebda konnessjoni mal-korp tal-Pulizija f'Malta u ma humiex dipendenti fuq dan il-korp, bil-konsegwenza illi ma hemm xejn irregolari fil-hatra taghhom bhala esperti. Fil-fehma ta' din il-Qorti, anke wara ezami akkurat tas-sentenza appena citata Spiteri, din hija *quid juris* prevalenti u ghalhekk il-konkluzjoni tal-ewwel Qorti kienet wahda legalment korretta. Ghalhekk ghall-motivi li l-ewwel Qorti fehmet sewwa l-eccezzjoni tal-akkuzati u ddisponiet minnha skond il-ligi, qed tichad dan l-aggravju;

**L-Erbgha u Erbghin Aggravju:**

Dwar l-eccezzjonijiet bin-numru 108 u 109 li bihom l-appellanti talbu li jitnehhew certi kliem u siltiet mill-parti narrativa tal-Att tal-Akkuza.

232. Illi f'dawn l-eccezzjonijiet l-akkuzati talbu li jitnehhew uhud mill-kliem u siltiet minn dik il-parti tal-Att tal-Akkuza li fil-fehma taghhom huma drammatizzati aktar milli mehtieg. Dwar dan, l-ewwel Qorti kkoncediet illi d-dicitura adoperata aktar tixbah dik ta' kliem uzat f'xi novella izda minkejja dan ma tirrizulta ebda drammattizzazzjoni jew inkluzjoni ta' fatti ivvintati jew tizjin bil-ghan li tinholoq impressjoni fuq il-gurati. Kif tajjeb osservat l-ewwel Qorti, l-Att ta' Akkuza inhareg skond id-disposizjonijiet tal-artikolu 589 tal-Kodici Kriminali u li mill-qari tal-atti processwali ma jirrizulta xejn li mhux rifless fil-parti narrativa tal-istess Att ta' Akkuza;

233. Illi xejn ma jeskludi l-possibilita' li fir-rakkont tal-fatti l-Avukat Generali joltrepassa id-dritt moghti lilu fit-termini tal-Artikolu 589 tal-Kodici Kriminali anke jekk b'mod mhux intenzjonat: "ifisser il-fatt li jikkostitwixxi r-reat, bil-partikularitajiet li jkunu jistghu jinghataw dwar iz-zmien u

l-lok li fihom ikun sar il-fatt u dwar il-persuna li kontra taghha r-reat ikun sar". Izda dwar dan l-akkuzat ghandu r-rimedji li taghtih il-ligi bhalma ghamlu l-akkuzati fl-eccezzjonijiet in disamina. Jispetta imbaghad lill-Qorti tipprovdi ghal dawk l-incidenti u dwar dan hemm is-salvagwardja addizzjonali li fil-kors tac-celebrazzjoni tal-guri l-Imhallef togat iwissi bl-aktar mod solenni lill-gurati illi l-parti narrativa tal-Att tal-Akkuza hi biss riflessjoni ta' dak li l-Avukat Generali jidhirlu kif sehhew il-fatti mill-atti kompilatorji u li dawn m'humiex prova sakemm ma jkunux hekk pruvati;

234. Huwa minnu ukoll illi din il-parti tal-att ta' akkuza hija l-ewwel kuntatt tal-gurati mal-kaz migjub quddiemhom, moqri fil-miftuh mid-Deputat Registratur u moghti lilhom in iskritt bhala kopja fizika. Dment izda, li dan isir fil-parametri tal-artikolu 589 kif ukoll li mhux kliem li mhux rifless fl-atti kumpilatorji, allura ma jkun hemm l-ebda lok ta' sfilz ta' dak il-kliem jew siltiet. Ghal dawn ir-ragunijiet, l-aggravju qed ikun michud;

**Il-Hamsa u Erbghin Aggravju:**

Dwar l-eccezzjoni numru 110 li biha l-akkuzati talbu l-isfilz ta' kliem fl-Att ta' Akkuza.

235. Illi f'din l-eccezzjoni, l-akkuzati talbu l-isfilz tas-segwenti kliem mill-Att ta' Akkuza: "*terzi persuni sa issa mhux mgharufa*" jew kliem simili ghaliex bl-ebda tigbid tal-immaginazzjoni dan ma jirrizulta mill-atti. L-appellanti jikkritikaw ic-cahda ta' din l-eccezzjoni bil-gravam li minkejja li tressqet persuna ohra "*akkuzata bl-istess delitt*" u minkejja li inghatat mahfra presidenzjali, il-processi kollha ghandhom *sub judice* u kulhadd ghadu sa issa prezunt innocenti;

236. Illi l-Qorti taghmel taghha il-konsiderazzjoni tal-ewwel Qorti dwar din l-eccezzjoni u zzid li kemm l-eccezzjoni kif ukoll il-gravam in disamina mhumhiex legalment sostenibbli. Kif tajjeb osservat l-ewwel Qorti fil-hames, is-sitt u s-seba' kapi tal-Att ta' Akkuza l-akkuzati huma mixlija bir-reat ta' assocjazzjoni, promozzjoni u partecipazzjoni b'ghaqda kriminuza li ghalhekk tallega l-involviment ta' terzi. Jorbot ma' dan dak gia konsiderat illi dwar dan jehtieg li ssir il-prova skond il-ligi u ghalhekk ma hemmx x'juri li

jidher li jista' jippregudika lill-akkuzati fl-uzu ta' dak il-kliem. Ghalhekk dan l-aggravju qed ikun michud;

**Is-Sitta u Erbghin Aggravju:**

Dwar l-eccezzjoni numru 111 li biha l-akkuzati eccipew in-nullita' tat-tielet kap tal-Att ta' Akkuza.

237. Illi f'din l-eccezzjoni l-akkuzati allegaw li t-tielet kap tal-Att ta' Akkuza mhux bazat fuq fatti, provi jew xhieda illi jirrizultaw jew inghataw quddiem il-Qorti Istruttorja izda fuq suppozizzjonijiet u invenzjonijiet. B'dan il-kap l-akkuzati kienu mixlija li "*ghamlu jew xjentement zammew jew kellhom ghandhom jew taht il-kontroll taghhom xi sustanza esploziva, taht dawk ic-cirkostanzi illi jaghtu ghaliex wiehed ghandu bir-ragun jahseb illi huma ghamluha, zammewha, jew kienet ghandhom ghal hsieb mhux lecitu*". L-appellanti jillanjaw li mkien ma jirrizulta illi huma ghamlu jew zammew splussiv kif kontemplat mill-artikolu 313 tal-Kodici Kriminali;

238. Illi ftit hemm li jista' jinghad dwar dan l-aggravju ghajr illi frankament din il-Qorti ma tistax tifhem ir-raguni ta' din

il-lanjanza gialadarba l-atti processwali huma mizghuda b'deposizzjoni u kostatazzjonijiet dwar il-presenza ta' splussivi li allegatament tajru il-vettura li fiha kienet tinsab il-vittma. Ghalhekk l-inkluzjoni ta' dan il-kap certament mhix frott ta' invenzjoni jew wiehed li dwaru ma nstemghu ebda provi liema provi xorta wahda huma soggetti ghall-iskrutinju tal-guri li f'idejh hija rimessa d-decizjoni dwar jekk hemmx dawk il-provi 'l hinn minn kull dubju dettat mir-raguni dwar dak dedott fit-tielet kap bhal kapi l-ohra. Ghalhekk dan l-aggravju qed ikun michud;

**Is-Sebgha u Erbghin Aggravju:**

<u>Dwar l-eccezzjoni numru 112 li bih eccepew illi l-hames kap tal-att tal-akkuza huwa inkompatibbli mas-sitt kap billi wiehed jeskludi lill-iehor</u>.

239. Illi fil-hames kap tal-Att tal-Akkuza l-Avukat Generali f'isem ir-Repubblika ta' Malta jixli lill-akkuzati bil-ksur tad-delitt ravvizat fl-artikolu 83A(1)(a) tal-Kodici Kriminali filwaqt illi fis-sitt kap jallega ksur tal-artikolu 83A(1)(b) tal-

istess Kodici. Zewg reati dawn li huma alkwantu distinti minn xulxin ghaliex filwaqt illi fl-ewwel huwa ipotizzat ir-reat ta' promozzjoni, kostituzzjoni jew l-organizzazzjoni jew finanzjament ta' ghaqda kriminuza, fit-tieni huwa ravvizat ir-reat ta' partecipazzjoni f'dik l-ghaqda;

240. Il-Qorti ma taqbel xejn mal-argument tal-appellanti illi wahda teskludi lill-ohra u li b'hekk l-Avukat Generali huwa permess li jitfa' akkuza biex fejn laqat laqat (kliem tal-appellanti). L-ewwel Qorti kienet legalment korretta fl-esposizzjoni taghha dwar il-verdett li l-guri ghandu jaghti fuq kull kap tal-Att ta' Akkuza kemm fil-konfront ta' dak li jipprovdi l-Kodici Kriminali kif ukoll mill-ottika tal-gurisprudenza fejn jirrizulta li ma jkun hemm ebda nullita' tal-Att tal-Akkuza jew ta' kap jew aktar minnhom f'kaz illi dawk ikunu kontradditorji ghall-xulxin. Huwa imbghad l-Imhallef togat li fl-indirizz ahhari tieghu ghandu jidderigi lill-gurati dwar it-tifsira ta' kull kap tal-Att ta' Akkuza u jekk wiehed jew aktar minnhom humiex alternattivi jew le ghal xi wiehed jew aktar mill-kapi l-ohra liema direzzjoni hija rimessa f'idejh u f'idejh biss. Il-Qorti taghmel taghha l-

kunsiderazzjonijiet tal-ewwel Qorti u ghalhekk dan l-aggravju qed ikun michud;

**It-Tmienja u Erbghin Aggravju:**

Dwar l-eccezzjonijiet numru 113 u 114 li bihom kienu eccepiti n-nullita' tal-hames u s-sitt kap tal-Att ta' Akkuza

241. Illi b'dawn l-eccezzjonijiet l-akkuzati jallegaw illi l-fatti kif imfissra fil-hames u s-sitt kapi tal-Att ta' Akkuza ma jikkostitwu l-elementi tar-reat li bihom huma mixlija l-akkuzati. Issa minn harsa lejn il-parti narrattiva tal-hames u s-sitt kap tal-Att ta' Akkuza temergi ir-raguni ghaliex l-Avukat Generali ipprefiga dawn iz-zewg akkuzi kontra l-akkuzati. Dak hemm kontenut jirraviza dak li ghall-Avukat Generali huma l-fatti li jikkostitwixxu l-elementi tar-reati dedotti kontra taghhom u kif gia osservat aktar kmieni f'dawn il-konsiderazzjonijiet, l-Avukat Generali ghandu l-poter li jixli lill-akkuzat b'dak kollu li johrog mill-fazi Istruttorja. Konsegwentement tista' ma tkunx lecita dik l-akkuza li dwarha ma nstemghu l-ebda provi. Issa la darba l-akkuzi jirriproducu testwalment id-disposizzjoni tal-ligi ma

hemm l-ebda nullita' (ara Il-Pulizija vs Glenn Debattista App Krim 23.12.2003) u fil-kuntest ta' Att ta' Akkuza ma jkunx hemm nullita' jekk dwar dak il-Kap kienu kompilati provi fil-fazi Istruttorja (ara in rigward Il-Pulizija vs Michael Carter App Krim 7.12.2001 fejn applikabbli dwar l-att ta' akkuza). Certament ma jistax ikun dubitat illi fl-istruttorja kienu kompilati provi li jwasslu ghal allegazzjoni tar-rejati kontemplati fil-kapi in disamina. Issa jekk dawn jirrizultawx bhala fatti jew le hija kwisjtoni rimessa lill-Imhallfin tal-fatti. Ghalhekk dan l-aggravju qed ikun michud;

**Id-Disgha u Erbghin Aggravju:**

<u>Dwar l-eccezzjoni numru 115.</u>

242. Illi b'din l-eccezzjoni, akkuzati talbu l-isfilz tax-xiehda u d-dokumenti kollha ezebiti minn fornituri ta' servizzi forensici fl-atti tal-kumpilazzjoni illi ma ressqu ebda prova li huma ghandhom l-akkreditazzjoni mehtiega skond il-ligijiet applikabbli sia lokali kif ukoll dawk tal-Unjoni Ewropea. Issa, kif tajjeb osservat l-ewwel Qorti: "*din l-oggezzjoni hekk ventilata hija arginata fil-parmetri ta'l-ligi komunitarja kif imfassla fid-Decizjoni Kwadru tal-Kunsill tal-Ewropa 2009/905 tat-30 ta' Novembru 2009 kif tramandata fid-dritt*

*nazzjonali permezz tal-Legislazzjoni Sussidjarja 460.31 intestat "l-Ordni dwar l-Akkreditament ta' Provdituri ta' Servizzi Forensici li Jwettqu Attivitajiet tal-Laboratorji"*". Dak li allura josservaw l-appellanti huwa dritt kawtelat b'ligi mahsuba sabiex tassigura certu *standards* u kontrolli fil-qasam ta' ricerka fil-laboratorji. L-appellanti izda jintroducu din il-lanjanza b'mod generiku minghajr ma jghidu min mill-esperti forensici ippresta tali servizz minghajr ma ressaq prova tal-akkreditazzjoni;

243. Illi bid-dovut rigward, u kif tajjeb osservat l-ewwel Qorti, din il-kwistjoni qatt ma kienet sollevata mill-akkuzati fil-fazi Istruttorja. Oltre dan irid jinghad illi hija zbaljata l-ipotezi li l-prova trid issir min-naha tal-prosekuzzjoni jew min minn hu msejjah biex jixhed bhala espert, ghalkemm huwa obbligat li jwiegeb jekk naturalment issir dik il-mistoqsija. Illi ghalhekk filwaqt illi l-akkuzati ma huma pregudikati bl-ebda mod bil-fatt illi hadd ma ressaq din il-prova (ghaliex qatt hadd ma kien mitlub), xorta wahda ghandhom l-opportunita' fil-kors tal-guri li jaghmlu dik il-mistoqsija lil kull minn jidhrilhom li ghandu jkun akkreditat

ghal dawk l-ezamijiet forensici hekk mwettqa. Ghalhekk dan l-aggravju qed ikun michud;

**Il-Hamsin Aggravju:**

<u>Dwar l-eccezzjoni numru 116 li biha intalab l-isfilz tax-xiehda kollha moghtija quddiem il-Qorti Istruttorja</u>.

244. Illi f'din l-eccezzjoni l-akkuzati allegaw illi d-deposizzjoni tax-xhieda quddiem il-Qorti Istruttorja ma saritx skond dak li jipprovdi l-artikolu 391 tal-Kodici Kriminali u dan billi ma tnizzlux il-partikolaritajiet tax-xhieda. Dan l-artikolu jipprovi hekk:

> **391 (1) Ix-xhieda jigu ezaminati mill-qorti L_isem u l-kunjom tax-xhud,isem u kunjom tal-genituri, u meta x-xhud ikun persuna li ghaliha japplikawl-artikoli 4, 9 u 13 tal-<u>Att dwar il-Karta tal-identita u Dokumenti ohra tal-Identita'</u>,, in-numru, jekk ix-xhud ikun jafu, ta' d-dokument ta' identifikazzjoni legalment validu tieghu mahrug taht l-imsemmi Att, kif ukoll il-lok tat-twelid u ta' fejn joqghod ix-xhud u l-ilsien li bih jaghti ix-xiehda tieghu, ghandhom jitnizzlu fil-bidu nett ta' kull xiehda.**
>
> **Izda l-qorti tista' f'cirkostanzi eccezzjonali u sabiex tipprovdi ghas-sigurezza tax-xhud, thalli barra l-partikolaritajiet ta' hawn fuq, hlief ghall-isem u l-kunjom tax-xhud u l-ilsien li bih jaghti x-xhieda tieghu, u taghmel nota f'dan is-sens fl-atti tal-kawza**.

245. Illi dan l-aggravju huwa wiehed frivolu ghall-ahhar u priv minn kull komprensjoni. Mal-qari tieghu wiehed jistenna li saret xi irregolarita' grossolana min-naha tal-Qorti Istruttorja izda kif gustament osservat mill-ewwel Qorti, dik istruttorja mxiet ma' dak dispost fl-artikolu 391 hawn fuq riprodott ghajr ghall-inkluzjoni tan-numru ta' dokument ta' identifikazzjoni. Din l-eskluzjoni hi ta' importanza minima u ta' ebda konsegwenza la darba l-ligi stess tiddisponi li dan ghandu jitnizzel jekk ix-xhud ikun jaf dak in-numru li allura ifisser illi jekk ma jitnizzilx ma jkun hemm l-ebda konsegwenza ghaliex altrimenti b'interpretazzjoni rigida ifisser illi jekk xhud ma jkunx jaf in-numru tad-dokument ta' identifikazzjoni allura ma jistax jixhed. Ghal din ir-raguni, l-aggravju ma jimmeritax kunsiderazzjoni aktar minn hekk u qed ikun michud;

**Il-Wiehed u Hamsin Aggravju:**

<u>Dwar l-eccezzjoni numru 117 li biha intalab l-isfilz tal-xiehda, relazzjonijiet u dokumenti ezebiti minn kull espert nominat illi mar oltre l-inkarigu moghti lilu mill-Magistrat Inkwirenti fl-atti tal-Inkjesta Magisterjali inkluzi izda</u>

mhux biss Alvin Cardona, John Gera, PC Clinton Vella u Mario Cmarec.

246. Illi l-ewwel Qorti cahdet din l-eccezzjoni fuq il-premessa illi hija wahda daqstant generika li tqis li lanqas ghandha tkun ikkunsidrata minnha. Tassew jinghad illi jekk b'din l-eccezzjoni l-akkuzati iridu li l-Qorti toqghod tfittex u tispigola hi stess fl-atti processwali daqstant voluminuzi sabiex tara min minn ammont kbir ta' esperti mahtura fl-*in genere* mar oltre dak li ghalih kien mahtur huwa zbaljat fuq zewg binarji. Fl-ewwel lok ma jispettax lill-Qorti li taghmel dan ix-xoghol u fit-tieni lok ma tistax il-Qorti marte proprio tindaga hi u fl-istess waqt tiddeciedi li dak jew dik l-esperta marru oltre dak minnhom rikjest;

247. L-appellanti issa jillanjaw illi l-ewwel Qorti messha tathom zmien fejn b'nota juru kif bosta esperti marru oltre l-inkarigu moghti lilhom. L-appellanti ma jghidux li ghamlu tali talba u li kienet michuda u li dan ifisser li ma ghamlux talba ghal dan il-ghan wisq anqas indikaw dawn fis-sottomissjonijet verbali taghhom u ghalhekk din il-lanjanza

ma timmeritx li tkun dibattuta aktar minn hekk. Ghal din ir-raguni dan l-aggravju qed ikun michud;

**It-Tnejn u Hamsin Aggravju:**

Dwar l-eccezzjoni mressqa mill-Avukat Generali kwantu xhieda indikati mill-akkuzati fil-lista tax-xhieda akkluza man-nota tal-eccezzjonijiet taghhom.

248. Illi fil-lista ta' xhieda akkluza man-nota tal-eccezzjonijiet taghhom fit-termini tal-artikolu 438 tal-Kodici Kriminali, l-akkuzati indikaw fost ohrajn lill-Inginier Paolo Reale, l-Inginier Daniele Peroni, "rapprezentanti mid-ditta Cherry Biometrics, fost liema Michael Cherry, Manfred Schenk u ohrjan". In segwitu ghal din in-nota, l-Avukat Generali talab lill-Qorti Kriminali tordna lill-akkuzati jindikaw dak li iridu jippruvaw bix-xhieda fosthom dawk imsemmija f'dan il-paragrafu u d-dokumenti minnhom esebiti;

249. Illi permezz ta' nota tal-15 t'Ottubru, 2019 kull wiehed mill-akkuzati indikaw dak li riedu jippruvaw bil-produzzjoni

tax-xhieda minnhom indikati. Issa, stante illi l-aggravju huwa limitat kwantu x-xhieda msemmija fil-paragrafu 241, ser tkun riprodotta biss dik il-parti tan-nota tal-akkuzati li taghmel referenza ghal dawn il-persuni li tghid hekk:

*3. Dwar ix-xhieda indikati Inginier Paolo Reale u Inginier Daniele Peroni, dawn huma inginiera kwalifikati u b'esperjenza fil-qasam ta' l-elettronika illi gew inkarigati jaghmlu verifiki u studju fuq dak allegat minn xhieda mhux kwalifikati tal-prosekuzzjoni fil-konfront ta' l-esponenti u huma mitluba illi jixhdu dwar il-verifiki u l-istudju illi huma wettqu;*

*4. Dwar ix-xhieda indikati rapprezentanti mid-ditta Cherry Biometrics, fost liema, Michael Cherry, Manfred Schenk u ohrajn,dawn huma persuni ohra kwalifikati u b'esperjenza fil-qasam ta' l-elettronika illi gew inkarigati jaghmlu verifiki u studju fuq dak allegat minn xhieda mhux kwalifikati tal-prosekuzzjoni fil-konfront ta' l-esponenti u huma mitluba li jixhdu dwar il-verifiki u l-istudju illi huma wettqu.*

250. Illi wara l-oggezzjoni tal-Avukat Generali ghall-produzzjoni ta' dawn ix-xhieda, l-ewwel Qorti ghall-

darb'ohra ssoktat tispjega d-differenza bejn dik il-prova li hija inammissibbli u dik li ma hi ta' ebda rilevanza u li ma ghandhiex tostakola li ssir dik il-prova ghaliex ir-rilevanza taghha tkun diskussa waqt ic-celebrazzjoni tal-guri. Kwantu l-ammissibilita' o meno tax-xhieda in kwisjtoni, in omagg tar-regola illi huma biss dawk l-esperti tal-Qorti li jistghu jaghtu xi fehma jew opinjoni u minkejja li ma setghetx *a priori* tiddikjarhom inammissibbli wissiet illi dawn jistghu jixhdu biss fuq il-fatti u xejn izjed stante li huma xhieda ordinarji. Il-Qorti wissiet ukoll illi "*jekk l-akkuzati ser itellghu lil dawn ix-xhieda unikament biex jaghtu xi fehma jew opinjoni, l-Qorti minn issa tiddikjara illi hija ser tidderigi lill-gurati sabiex jiskartaw din ix-xiehda hekk moghtija*";

251. Illi fl-aggravju taghhom, l-appellanti jillanjaw "*Illi jekk dan huwa l-istat tal-ligi f'Malta, dan huwa hazin u imur kontra d-drittijiet fundamentali ghal smiegh xieraq u ghal difiza adegwata. Hekk u jinghad ghall-ezempju biss, dwar il-famuza teknika tas-cell towers din giet uzata kemm-il darba fl-Istati Uniti ta' l-Amerka mill-istess agenti tal-FBI li gew jixhdu quddiem il-Qorti istruttorja. Pero' tali teknika giet skreditata bosta drabi u nstab illi wasslet jew kienet ser twassal ghal sejbien ta' htija hazin f'bosta kazijiet mill-*

*professjonisti imsemmija mill-esponenti fil-lista tax-xhieda taghhom*";

252. L-Avukat Generali irreplika illi "*dan l-aggravju huwa wkoll manifestament frivolu stante illi taht il-ligi procedurali penali nostrana huwa kristallizzat li ma jistghux jittellghu jixhdu periti ex parte. Jekk ghall-appellanti "dan huwa hazin u imur kontra d-drittijiet fndamentali ghal smiegh xieraq u ghal difiza adegwata" din l-Onorabbli Qorti certament li m'hijiex il-forum opportun tiddeciedi dwar dan l-ilment. Bhala Qorti ta' revizjoni l-funzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti hija sabiex tissindika d-decizjoni ta' l-Ewwel Onorabbli Qorti u tara jekk din setghetx legalment u ragjonevolment tasal ghad-decizjoni li tkun waslet ghaliha Issa f'dan il-kaz, il-fatt li l-Ewwel Onorabbli Qorti iddecidiet illi l-appellanti ma jistghux itellghu jixhdu periti ex parte hija decizjoni legalment korretta u t-tqanqil ta' aggravju dwar tali decizjoni legalment korrettissima huwa ghaldaqstant manifestament frivolu*";

253. Illi dan l-aggravju huwa destinat li jfalli ghal zewg ragunijiet. Fl-ewwel lok, kwantu s-sentenza hi attakkata mill-ottika tad-dritt ta' smiegh xieraq ghaliex huwa prettament wiehed ta' indoli ta' dritt fundamentali, din il-

Qorti ma tarax kif tista' hi taghti r-rimedju lamentat mill-istess appellanti. Fit-tieni lok, id-decizjoni tal-ewwel Qorti hi bazata fuq l-interpretazzjoni gurisprudenzjali tal-artikolu 650(1) u 548 u 549 tal-Kodici Kriminali li sal-lum tirritjeni illi x-xhieda esperti, u li b'dan hu mifhum xhieda li jistghu jaghtu opinjoni fuq il-fatti, huma dawk nominati mill-Qorti u ghalhekk hija eskluza ix-xiehda esperta tax-xhieda ordinarji. Fis-sentenza ta' din il-Qorti moghtija fit-12 ta' Jannar, 1988 fl-ismijiet Ir-Repubblika ta' Malta vs Raymond Agius et (Kollez. Vol: LXXII.v.857) kien ritenut hekk:

> **Illi ma hemmx dubbju li wiehed mill-akbar principji salutari fis-sistema procedurali penali taghna hu li kull perizja ghandha ssir bl-awtorizazzjoni tal-Qorti biex tkun ammissibbli. Dan jghodd kemm ghal kawzi civili ukoll ghal dak penali. Infatti fis-sentenza raghha *in re* G. Attard vs Michele Galea Vol XL.I.621 il-Qorti ta' l-Appell (sede inferjuri)stabbiliet li perizja "*ex parte*" ma tistax tigi mehuda in konsiderazzjoni bhala perizja gudizzjarja. L-istess fl-Appell Kriminali l-Pulizija vs Rev. Can. Vincenzo Saliba riportat fil-Koll. Vol. XLII.IV.1233, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali (sede inferjuri) irribadiet li l-Qorti ma tistax toqghod fuq perizja "*ex parte*";**
>
> **Issa jinghad mill-ewwel li kif spjegat minn R. Starry Deans fil-Ktieb tieghu "*My Own Lawyer*", "*the phrase 'ex parte' literally means "on behalf of", but it is always applied to a proceeding or application made in the absence of the other party or parties affected*" (p.269). Fir-rigward ta' perizji dawn jitqiesu li jkunu "*ex parte*" meta jsiru fuq inkariku tal-parti. Fis-sistema taghna perizja biex tkun ammissibbli trid tkun gudizzjarja, trid tkun giet ordnata u awtorizzata mill-Qorti, il-perit jigi mahtur mill-Qorti u jahlef li jaqdi bil-haqq u bis-sewwa d-dmirijiet tieghu fit-termini ta' l-**

**artikolu 652 tal-Kap 9. L-ghazla tal-perit ghalhekk hija rimessa lill-gudikant li fl-ghazla li jaghmel oltre l-arbitriju tieghu ghandu wkoll id-direzzjoni tal-ligi..."**

254. Illi din il-Qorti taqbel ma' dak appena citat u ghalhekk, l-ewwel Qorti kienet legalment korretta meta, b'referenza ghall-*quid iuris* fuq dik il-kwistjoni, cahdet l-eccezzjoni mertu tal-aggravju hawn devolut minghajr ma ostakolat lid-difiza milli tressaq lil dawk l-istess xhieda, mhux biex jithallew jesprimu opinjoni, izda sabiex jixhdu wara il-fatti maghrufa lilhom. Ghalhekk dan l-aggravju qed ikun michud;

**Decide:**

255. Illi fl-appell taghhom, l-appellanti talbu lil din il-Qorti **thassar**, tirrevoka u tannulla s-sentenza appellata minghajr ma vvantaw talba jew talbiet *in subsidium*. Dan qed ikun osservat ladarba fl-aggravju numru **hamsa** l-appellanti inghataw ragun in parti. Haga din li tirrikjedi varjazzjoni fis-sentenza appellata meta ma saritx talba ghalhekk. Osservat dan, izda, tajjeb li ssir referenza ghall-emenda fis-subartikolu (c) tal-artikolu 520(1) tal-Kodici Kriminali, ossia zieda f'dak is-subartikolu bis-sahha tal-Att I tal-2018 li issa

jaghmel applikabbli, *inter alia* is-subartikolu (4) tal-artikolu 143 tal-Kapitolu 12 fejn hu ravvizat is-segwenti:

> **(4) Fil-kazijiet imsemmija f'dan l-artikolu talba ghal thassir ghandha titqies li tinkludi talba ghal annullament u tibdil tas-sentenza jew tad-digriet, u talba ghal annullament ghandha titqies li tinkludi talba ghal thassir u tibdil tas-sentenza jew tad-digriet.**

256. Illi ghalhekk bl-applikazzjoni tal-artikolu 520 (1) tal-Kodici Kriminali qed **tirriforma** s-sentenza appellata billi filwaqt illi tichad l-aggravji kollha ghajr dik il-parti tal-aggravju numru **hamsa** u konsegwentement **tikkonfermaha** bl-eccezzjoni appena ravvizata, **thassaraha** in parti u cioe' f'dik il-parti li biha cahdet l-eccezzjonijiet numru 11, 12, 17 u 22 u konsegwentement tordna l-isfilz ta' parti mix-xiehda tal-Ispettur Keith Arnaud indikati f'dawk l-eccezzjonijiet meta jaghmel referenza ghall-telephone tapping u registrazzjoni taghhom u tordna li dan ix-xhud ma ghandu jaghmel l-ebda referenza ghall-telephone tapping u registrazzjoni taghhom fix-xiehda tieghu quddiem il-guri, u **tikkonfermaha** fil-bqija fir-rigward tal-eccezzjonijiet l-ohrajn kollha. A skans a kull ekwivoku, id-decizjoni tal-ewwel Qorti kwantu cahdet it-tieni

parti ta' dawk l-eccezzjonijiet biex tkun sfilzata kull prova miksuba mhix kolpita b'din il-varjazzjoni.

(ft) Imhallfin

Joyce Agius

Deputat Registratur